L-GHID TA' L-ASSUNTA

ID-DISGHA U TLETIN SENA

39 (2004)



www.gozodathedral.org.mt

COMMITTED TO CREATE THE FINEST FURNITURE

PISANI WOODWORKS

Special prices on internal doors & furniture
Call now for an estimate

Falcon Street, Sannat VCT 112, Gozo - Malta.

Tel: 21 565 946 Fax: 21 564 442
Mob: 9942 9340 E-mail: pww@maltanet.net

www.gozocathedral.org.mt

L-GHID TA' L-ASSUNTA

39 (2004)

Stampat ghall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 103

Tel • 2155-4101
Fax • 2156-4572

Home-page:
http://www.gozocathedral.org.mt

E-mail:
joseph.bezzina@um.edu.mt

Editur
JOSEPH BEZZINA

Reklami
CHARLES BUGEJA

Ittajpjar
FABIENNE GRECH

Proof Reading
VICTOR J. GALEA
DUN ĠORĠ MERCEICA

Setting
ERIC DE BONO

Ritratt tal-qoxra
Santa Marija hierga mill-Katidral bil-qniepen il-godda fuq is-Swar (2003) - ritratt ta' Anthony M. Bajada.

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL: 2155-2219 • 7955-2219

© Copyright

L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TA' L-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGHU JIGU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGHAIR IL-PERMESS TA' L-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI M'HUMIEX NECESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI

Il-Qanpiena li rawha mit miljun

F'nofs il-lejl ta' l-1 ta' Mejju, 2004, Malta u Għawdex saru parti mill-Unjoni Ewropea. Preċiżament tlettax-il minuta wara, madwar mit miljun ruħ minn madwar l-Ewropa kollha kellhom ix-xorti jaraw għal ftit mumenti lill-Isqof Nikol Cauchi jagħti tokk bil-qanpiena l-kbira tal-Katidral ta' Għawdex.

Il-ġrajja tat-2 ta' Awwissu, 2003, tibqa' ħajja fil-memorja ta' dawk kollha li dak inhar wara nofsinhar kellhom ix-xorti jassistu għal din iċ-ċerimonja memorabbli fi Pjazza Savina. Derli li f'din il-ħarġa tal-magażin annwali għandi ninkludi suppliment dwar il-qniepen b'żewġ rapporti, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż, li dehru f'gazzetti lokali dwar din il-ġrajja u bi djarju dettaljat tal-ġrajja tal-qniepen mill-ewwel ħsieb sat-tlugħ taghhom fil-kampnar tal-Katidral.

Iċ-ċerimonja tat-tberik tal-qniepen kienet organizzata b'mod l-iktar professjonali u għalhekk kienet ċerimonja impressjonanti. Impressjonanti wkoll kienet iċ-ċerimonja li saret fil-Port il-Kbir ta' Malta fil-lejl sbiħ l-1 ta' Mejju biex tfakkar d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Ċerimonji simili saru fid-diska' pajjiżi l-oħra li bħal Malta daħlu fl-Unjoni.

L-EBU, il-*European Broadcasting Union,* tat trasmissjoni simultanja minn dawn l-għaxar pajjiżi biex tagħti ħjiel tal-festi li kienu qegħdin isiru. Dwar kull pajjiż kienet ippreżentata kartolina ta' tletin sekonda biex jingħata ħjiel ta' l-attrazzjonijiet u tas-sbuħija ta' dawn il-pajjiżi. Il-programm kien trasmess dirett minn ħamsa u tletin stazzjon fl-Ewropa u hu stmat li rawh mit miljun ruh. Miljuni oħra setgħu jaraw siltiet twal minnu fuq l-istazzjonijiet ta' l-aħbarijet Euronews u CNN.

Il-programm tmexxa minn Berlin u l-*count-down* għannofs il-lejl taħ Günther Verheugen, il-Kummissarju ta' l-Unjoni għat-Tkabbir. Mat-tokk ta' nofs il-lejl, l-EBU ingħaqdet ma' Malta u xandret il-festa mill-Port il-Kbir. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, f'nofs il-lejl u tlettax-il minuta, ixxandret il-kartolina ta' Malta. Kartolina li ntemmet proprju bl-Isqof Nikol Cauchi jdoqq l-ewwel tokk tal-qanpiena l-Kbira tal-Katidral. Tokk u qanpiena li għalhekk kellhom ix-xorti jarawha mit miljun ruħ.

Is-sett ta' ħames qniepen fonduti minn *John Taylor Bellfounders Limited* ta' Loughborough, Leicestershire, ir-Renju Unit, waħda mill-iktar ditti rinomati tal-qniepen fid-dinja, irnexxa ħafna. Il-Katidral fl-aħħar għandu sett ta' ħames qniepen b'tonalità armonjuża bejniethom. Hekk kien jixraq lill-Katidral, knisja li talinqas ilha parroċċa seba' mija u ħames snin, jiġifieri sa mis-sena 1299; Matriċi u għalhekk omm il-parroċċi kollha ta' Għawdex; u li din is-sena 2004 taghlaq mija u erbghin sena Katidral tad-djoċesi Għawdxija.

www.gozocathedral.org.mt

IL-KATIDRAL MATRIĊI U ARĊIMATRIĊI GĦAL ERBA' DARBIET OMM IL-PARROĊĊI TA' GĦAWDEX


kitba ta'
Revd Dr Joseph Bezzina
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja
Università ta' Malta

Seba' mija u ħames snin ilu, nhar it-8 ta' Frar ta' l-1299, ġewwa l-Kastell ta' Għawdex sar testment importanti ħafna għall-istorja tal-knisja f'Malta u għal l-istorja tal-Katidral ta' Għawdex

Parroċċa fl-1299

Guliermu ta' Malta, in-nepputi tal-konti ta' Malta Andrea, li dak iż-żmien kien qiegħed jagħmilha ta' viċi tiegħu, għamel it-testment quddiem l-iktar persunaġġi distinti ta' dik il-ħabta. Inġabru xejn inqas minn tliet imħallfin u erba' nutara. Kien hemm ukoll sitt xiehda oħra fosthom wieħed li ffirma bil-Grieg.

In-nutar Ljun di Pontremoli kiteb li qabel ma għamel it-testment, in-nobbli sinjur Guliermu ta' Malta, kavalier tar-re, irċieva l-vjatku taħt iż-żewġ speċi, bil-ħobż u bl-inbid. Il-vjatku joħroġ minn knisja li mhux biss tkun sagramentali, imma jkollha wkoll il-kura ta' l-erwieħ; jiġifieri tkun parroċċa.



It-testament ta' l-1299

Ma' l-Ewropa kollha tal-Punent, l-eqdem knejjes inbnew 'il ġewwa mis-swar kennija tal-bliet u tal-kastelli. Hekk setgħu jitħarsu iktar mill-qilla qerrieda tal-pirati u kull xorta ta' għedewwa. Min jagħmel mawra sa Sqallija jew sa l-Italja, sa Spanja jew sal-Portugal dlonk jintebaħ b'din ir-regola. Malta u Għawdex ma kinux eċċezzjoni. L-eqdem knejjes inbnew 'il ġewwa mill-ħitan kennija tal-Belt ta' l-Imdina, ta' Kastell il-Baħar jew Sant'Anġlu, u tal-Kastell ta' Għawdex.

Fl-1299, Guliermu ta' Malta kien qiegħed imut fil-Kastell ta' Għawdex u l-vjatku twasslu minn din il-knisja qadima tal-Kastell, knisja li mija u ħamsin u tletin sena wara nafu li kienet magħrufa bħala l-Matriċi ta' Santa Marija. Jista' jkun li kienet iddedikata lil Santa Marija sa mit-twaqqif tagħha; li hu żgur hu li fl-1299 kienet qiegħda tiffunzjona ta' parroċċa. Il-vjatku joħroġ minn knisja parrokkjali.

L-ewwel parroċċi

Ma nafux preċiż kif bdew il-parroċċi ta' Għawdex kif nafuhom illum. Żgur li ma bdewx qabel is-sena 1127 għax sa dik is-sena Malta u Għawdex kien għadhom taħt is-Saraċini li jipprofessaw l-Islam. Fl-1127, il-gżejjer għaddew taħt in-Normanni u bil-Gvern Normann ingħata bidu għal tmexxija minn Kristjani Ewropej. Ir-reliġjon Kristjana reġgħet tnisslet bil-mod. Bil-mod ħafna, għax skond ċensiment magħmul fl-1241 – mija u erbatax-il sena wara l-bidu tal-ħakma tal-Kristjani – mijiet ta' familji Maltin u l-Għawdxin kien għadhom misilmin.

Sa minn meta ġew is-Saraċini, lejn l-1049,

in-nies kienu miġbura fil-Kastell. Meta kotrot il-popolazzjoni beda jinbena r-Rabat, kelma bil-Għarbi u bil-Malti li tfisser subborg, jiġifieri bini taħt il-Belt. Dan ġara fi żmien bikri, għax la ssejjaħ hekk, il-poplu kien għadu jaf il-veru tifsir tal-kelma. Ara meta nbena is-subborg ta' Kastell il-Baħar jew Kastell Sant'Anġlu, ma ssejjaħx ir-Rabat, iżda l-Birgu, mit-Taljan *borgo* għax is-sens preċiż tal-kelma *rabat* kien intesa.

Meta l-Għawdxin kollha kienu joqogħdu fil-Kastell kien hemm, aktarx, knisja waħda, il-Matriċi. Imbagħad il-Matriċi, li kienet tissejjaħ ukoll *il-knisja l-kbira tal-Belt u l-gżira ta' Għawdex,* saret l-omm ta' kappelli oħra li nafu li nbnew 'l ġewwa mis-swar tal-Kastell u 'l barra mis-swar fis-subborg jew fir-Rabat tiegħu.

Biż-żmien, meta r-Rabat beda jiżvilluppa b'mod imgħaġġel u n-nies żdiedu ħafna, tlieta mill-kappelli mibnija 'l barra mis-swar saru parroċċi. Dawn kienu, fl-ordni li jissemmew fl-eqdem dokument, Santa Marija ta' Savina, li f'dokument ta' l-1450 issejħet Santa Marija ta' Taħt, biex tingħażel minn Santa Marija ta' Fuq jiġifieri l-Matriċi; San Ġakbu; u San Ġorg.

Hekk il-knisja ta' Santa Marija saret il-Matriċi tal-Belt u l-gżira ta' Għawdex – kif sewwa tissejjaħ f'testment magħmul fit-12 ta' Ottubru, 1435. Matriċi jew *mater* jiġifieri omm għax minnha ħarġu l-knejjes l-oħra.

Għawdex b'żewġ parroċċi

Għawdex dam b'erba' parroċċi sas-sena traġika ta' l-1551, is-sena ta' l-Assedju l-Kbir ta' Għawdex, meta mal-5000 Għawdxi, irġiel, nisa, kbar u żgħar – ittieħdu fil-jasar. Iż-żewġ parroċċi ta' Santa Marija ta' Savina u ta' San Ġakbu spiċċaw bla kappillan u bla parruċċjani u fl-1575, il-parrokjalità tagħhom kienet soppressa.

Fl-ewwel xhur wara l-Assedju, fil-fatt, Għawdex kien abbandunat għal kollox jew kważi. Kien bil-mod ħafna li bdew jirritornaw in-nies, l-ewwel dawk li kienu ħarbu, warajhom dawk il-ftit li nfdew mill-jasar, u mbagħad, numru ta' Maltin li ntbagħtu Għawdex bħala lavranti biex jaħdmu r-raba'. Hekk il-popolazzjoni bdiet tiżdied bil-mod il-mod. Iżda damet sa qrib is-sena 1680 biex mill-ġdid laħqet iċ-ċifra ta' 5000.

Tul is-seklu sittax u l-ewwel nofs tas-sbatax, jiġifieri miż-żmien ta' wara l-Assedju ta' Għawdex sa lejn is-sena 1650, ma nħassx il-bżonn li jitwaqqfu parroċċi oħra. Kienu moqdijin tajjeb mill-Matriċi u mill-parroċċa ta' San Ġorġ, mhux biss għax in-numru ta' Għawdxin kien żgħir, iżda wkoll għax kienu kollha joqogħdu l-Belt jew r-Rabat.

Il-folja bdiet tinqaleb fl-ewwel kwart tas-seklu sbatax għal żewġ raġunjiet. Fl-1605, beda l-bini ta' sensiela ta' torrijiet madwar il-kosta Għawdxija. Dawn għamluha wisq iktar diffiċli għall-pirati li jidħlu fil-gżira u għalhekk iktar u iktar nies bdew jissograw jibnu 'l barra mill-Belt fortifikata. Effett ta' dan, liġi ta' l-Universitas ta' Għawdex li kienet tobbliga lill-Għawdxin kollha jorqdu 'l ġewwa mis-swar imħabba l-biża ta' attakki, bdiet tiġi injorata u tneħħiet għal kollox fil-15 ta' April, 1637. Innies ħallew il-gdubi li kellhom fil-Belt għal djar isbaħ u ikbar fir-Rabat u fil-kampanja Għawdxija. Mill-ewwel ċensiment importanti tal-gżira li sar mill-Knisja fl-1667, nafu li kien hemm għoxrin komunità imxerrda ma' Għawdex u waħda Kemmuna. L-ikbar tnejn kienu x-Xewkija u l-Għarb.

Minn dan iċ-ċensiment jidher ċar daqs il-kristall li l-parroċċa tal-Matriċi kienet tinkludi l-Belt, it-trufijiet tar-Rabat, il-kumplament kollu ta' Għawdex, u l-gżira ta' Kemmuna. San Ġorġ kien il-parroċċa tal-qalba tar-Rabat.


Ix-Xewkija

F'Novembru 1678, l-Isqof Mikiel Molina għamel viżta pastorali f'Għawdex. Fil-21 ta' Novembru, erba' Xewkin, jiġifieri Giovanni Maria Azzoppardo, Giovanni Maria Mercica, Domenico Xuereb, u Giovanni Maria Pisano, f'isimhom u f'isem ix-Xewkin kollha ppreżentaw rikors lill-Isqof ħalli jwaqqaf parroċċa fil-knisja rurali ta' San Ġwann Battista. L-Isqof stħarreġ it-talba tagħhom u fehem li n-nies ta' l-inħawi kien jixirqilhom li jkunu moqdija aħjar spiritwalment.

U nhar is-**27 ta' Novembru, 1678,** l-Isqof Molina ppublika d-digriet *Habita matura consideratione* li permezz tiegħu waqqaf parroċċa fix-Xewkija. Jum storiku għal Għawdex: dak inhar twaqqfet l-ewwel parroċċa fil-kampanja Għawdxija; dak inhar twieled uffiċċjalment l-ewwel raħal fil-gżira ta' Għawdex.

Id-digriet ma jħalli l-ebda dubju minn fejn inqatgħet il-parroċċa: **dictum Casale de Xeuchia cum omnibus domibus, fochis, parochianis, et pertinentiis suis, iuxta limites**

www.gozocathedral.mt



Il-parroċċa tax-Xewkija bid-dokument tat-twaqqif (1678)

a dicto Venerando Archipresbitero dictae Matricis Ecclesiae Gaulitanae assignatos.

Ix-Xewkija qiegħda tinqata' parroċċa minn territorju u mill-arċipresbiterat ta' l-imsemmija Knisja Matriċi ta' Għawdex. (Dokument oriġinali fl-Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex [AEG], VP (1678) 86v-87r u kopja tiegħu fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina [ACM], Misc, 11, 227r-v.)

Kelmiet importanti li jixhdu: (1) li l-Knisja ta' Santa Marija fil-Belt ta' Għawdex kien diġà Matriċi meta nqatgħet l-ewwel parroċċa tal-kampanja; (2) kienet diġà matriċi għax fil-passat kienu nqatgħu minnha parroċċi oħra; u (3) li din l-ewwel parroċċa tal-kampanja nqatgħet mit-territorju u mill-kura pastorali tal-Matriċi ta' Santa Marija.

Il-Għarb


Inqas minn sena wara, in-nies tal-Għarb, it-tieni l-ikbar raħal ta' Għawdex resqu talba simili lill-Isqof Mikiel Molina. Deherlu li għandu jilqa' wkoll it-talba tagħhom. U nhar id-**29 ta' Awwissu, 1679,** permezz ta' digriet li wkoll iġib l-isem *Habita matura consideratione,* hu waqqaf il-parroċċa tal-Għarb.

L-Isqof Molina jikteb mill-ġdid li qiegħed jaqta' l-parroċċa mill-Knisja Matriċi: **dictum locum seu contradam Garbicum omnibus ecclesiis, domibus, fochis, parochianis et pertinentiis suis iuxta limites a Nobis assignandos ab Ecclesia Matrice sub titulo Assumptionis Beatae Mariae Virginis posita et sita in Castro eiusdem Insulae dismembramus, separamus, et segregamus.**

Il-parroċċa tal-Għarb qiegħda tinqata' mill-Knisja Matriċi ta' l-Assunzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija li tinsab il-Kastell ta' Għawdex. (Dokument fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina [ACM], Misc, 11, 229r-v.)


Ta' Sannat

Għaddew disà snin u l-ħariet madwar Għawdex komplew jikbru. L-Isqof Mikiel Molina miet u laħaq floku l-Isqof Davide Cocco-Palmeri. Bejn l-20 ta' April u l-5 ta' Mejju, 1687, għamel viżta pastorali Għawdex u għaraf il-ħtieġa tat-twaqqif ta' iktar parroċċi. Fi tmiem il-viżta hu ta bidu għall-proċess tat-twaqqif ta' erba' parroċċi oħra.



Il-parroċċa tal-Għarb bid-dokument tat-twaqqif (1679)

www.gozocathedral.org.mt



Il-parroċċa ta' Sannat bid-dokument tat-twaqqif (1688)

Nhar it-**28 ta' April, 1688,** permezz tad-Digriet *Cum in prima,* miktub u rreġistrat min-Nutar Giovanni Battista Dorbes, l-Isqof waqqaf erba' parroċċi ġodda. Id-Digriet jibda billi jsemmi l-viżta pastorali tas-sena ta' qabel li matulha dehru ċari ħafna l-ħtiġijiet pastorali tal-Għawdxin tal-kampanja. Insemmi mbagħad l-għajnuna li nstabet mingħand il-Gran Mastru Carafa għat-twaqqif tal-prebendi għall-għajxien tal-kappillani u kif mal-proprjetà moghtija mill-Gvern kien sejjer jgħaqqad xi beni tal-kappillan ta' San Ġorġ.

Jiġi mbagħad, it-twaqqif formali tal-parroċċi, l-ewwel fosthom dik ta' Santa Margerita ta' Sannat.

Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum Ecclesias praefatas ... S[anc]tae Margaritae ta' Sannat ... seu alias in locis a Nobis infra designandis de novo construendas esse vere, et cum effectu Parochiales, et Curatas distinctas, et ad invicem separatas cum Populo, et Populis ibidem respective habitantibus, et a Matrice Ecclesia Collegiata eiusque Archipresbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas.


L-Isqof Davide Cocco-Palmeri qiegħed jordna ċar u tond l-erezzjoni tal-parroċċa Ta' Sannat mill-Knisja Matriċi u Kolleġġjata kif ukoll mill-Arċipresbiterat tagħha. L-Isqof ried ineħħi kull dubju li seta' jinħoloq fil-futur u għalhekk jemfasizza li l-qtugħ tal-parroċċa l-ġdida qiegħed isir ukoll mill-kura pastorali ta' l-arċipresbiterat. (Id-digriet *Cum in prima* jinsab fl-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta [AAM], Beneficia (1685–1711) 96v-102v).

Ix-Xagħra

Permezz ta' l-istess Digriet *Cum in prima,* l-Isqof Davide Cocco-Palmeri waqqaf ukoll il-parroċċa ta' Sant'Anton tal-Qaċċa, kif allura kienet magħrufa parti mix-Xagħra tal-lum.


Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum Ecclesias praefatas ... S[anc]ti Antonii dela Caccia ... a Matrice Ecclesia Collegiata eiusque Archipresbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas.

Id-Digriet jirrepeti l-istess kliem tat-twaqqif tal-parroċċa ta' Sannat.



Il-parroċċa tax-Xagħra bid-dokument tat-twaqqif (1688)

www.gozopatheritage.org.mt



Il-parroċċa tan-Nadur mal-Qala bid-dokument tat-twaqqif (1688)

Nadur

L-istess Digriet *Cum in prima* ta' l-Isqof Davide Cocco-Palmeri waqqaf ukoll il-parroċċa ta' Santa Marija tal-Qala għall-ħariet tal-Qala u tan-Nadur u l-isqof ordna li kellha tinbena knisja parrokkjali ġdida fin-Nadur.

Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum Ecclesias praefatas ... S[anc]tae Mariae dela Qala ... a Matrice Ecclesia Collegiata eiusque Archipresbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas.

Id-Digriet mil-ġdid jafferma l-qtugħ tal-parroċċa mill-Knisja Matriċi u l-arċipresbiterat tagħha.

Żebbuġ

L-aħħar parroċċa imwaqqfa mid-Digriet *Cum in prima* kienet dik ta' Santa Marija tal-Virtut jew ta'l-Assunzjoni taż-Żebbuġ.

Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuum Ecclesias praefatas ... S[anc]tae Mariae Virtutum sive Assumptionis del Zebbug ... a Matrice Ecclesia Collegiata eiusque Archipresbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas.


Id-Digriet għar-raba' darba jemfasizza li l-parroċċa taż-Żebbuġ, bħat-tlieta l-oħra, qegħdin jiġu mifruda mill-Knisja Matriċi u l-arċipresbiterat tagħha. Jiġifieri kemm it-territorju kif ukoll il-kura pastorali ta' l-erwieħ tal-parroċċa l-ġdida kienu jappartjienu qabel lill-Matriċi u l-Arċipriet tagħha.

Għajnsielem

Għal mija u sitta u sittin sena (1689–1855) ma nħassx il-bżonn ta' iktar parroċċi. Is-sitt parroċċi ġodda mxerrda mal-gżira kollha ta' Għawdex kienu qegħdin jaqdu l-ħtiġijiet pastorali ta' kulħadd.

Iżda f'nofs is-seklu dsatax il-popolazzjoni kienet żdiedet sewwa. Diversi ħariet kienu kbiru ħafna u mill-ġdid inħasset il-ħtieġa ta' parroċċi ġodda. L-ewwel li twaqqfet kienet dik ta' Għajnsielem.

Id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa ta' Għajnsielem inħareġ nhar is-**26 ta' Jannar, 1855.** Din il-parroċċa nqatgħet fil-parti kbira tagħha minn territorju li kien jagħmel mal-parroċċa tan-Nadur u parti żgħira li kien



Il-parroċċa taż-Żebbuġ bid-dokument tat-twaqqif (1688)

www.gozoarchdiocese.org.mt

jagħmel max-Xewkija, iżda li oriġinarjament kien mal-Matriċi ta' Santa Marija.

Dak inhar il-Matriċi ta' Għawdex saret Arċimatriċi għax parrokkja li kienet twaqqfet mit-territorju tagħha, jiġifieri n-Nadur, nisslet parrokkja oħra, Għajnsielem.



Għajnsielem (1855)



Qala (1872)

Il-Qala

Sadantitant, nhar is-16 ta' Settembru, 1864, il-Matriċi saret il-Katidral tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex. Għalhekk minn dak inhar 'il quddiem mhux biss il-matriċi tal-knejjes kollha storikament, iżda ukoll matriċi għax Katidral. Il-Katidral, is-sede ta' l-isqof hu bi dritt il-matriċi tal-knejjes kollha tad-djoċesi.

L-ewwel parrokkja li twaqqfet wara din iddata storika kienet dik tal-Qala, li ġa kien serviet ta' parrokkja għal-lvant ta' Għawdex fis-snin ta' wara l-1688. Nhar it-**3 ta' Frar, 1872,** il-parrokkja ta' San Ġużepp tal-Qala twaqqfet minn territorju tan-Nadur, li oriġinarjament kien tal-Matriċi ta' Santa Marija.

Bit-twaqqif tal-parrokkja tal-Qala, il-Matriċi saret Arċimatriċi għat-tieni darba.

Ta' Kerċem

It-tieni parrokkja wara t-twaqqif tad-djoċesi kienet dik ta' Kerċem. Wara talba li saret mill-Isqof Pietru Pace, il-Papa Ljun XIII, permezz tal-Bolla Apostolika *Nostro Pastoralis* tal-**10 ta' Marzu, 1885,** fired il-knisja viċendarja ta' Kerċem mill-Knisja Matriċi-Katidrali ta' Għawdex u waqqafha f'parrokkja awtonoma taħt il-protezzjoni ta' San Girgor. Il-Bolla bidet issehħ fil-25 ta' Ġunju.

Il-Bolla tafferma b'mod ċar li l-parrokkja ta' Kerċem qiegħda tkun mifruda mill-arċipresbiterat tal-Katidral ta' Għawdex: **quod Parociae in Majori Ecclesia Gaudisien cius animarum curam archipresbiter dictae majoris ecclesia ... quod dictae Parrociae ... a praefata Parocia et a quovis memorati Archipresbyteri iurisdictione et auctoritate, actoritate Nostra perpetuo dismembres.**

Il-Katidral hu msejjaħ f'din il-Bolla bħala l-Knisja maġġuri u hu emfasizzat li l-parrokkja ta' Kerċem qiegħda tinqata' proprju minn dan l-arċipresbiterat (ara l-Bolla oriġinali fl-Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex [AEG], *Beneficia,* 191).


San Lawrenz

Nhar it-**15 ta' Marzu, 1893,** twaqqfet il-parrokkja ta' San Lawrenz fir-raħal ta' San Lawrenz. Twaqqfet minn territorju tal-Parrokkja-Kolleġġjata tal-Għarb, li oriġinarjament kien tal-Matriċi ta' Santa Marija, issa l-Katidral.

Bit-twaqqif tal-parrokkja ta' San Lawrenz, il-Matriċi saret Arċimatriċi għat-tielet darba.




San Lawrenz (1893)



Il-parrokkja ta' Kerċem bid-dokument tat-twaqqif (1885)

www.gozopastoral.mt



Il-parroċċa tal-Fontana bid-dokument tat-twaqqif (1911)

Fontana

Nhar is-**27 ta' Marzu, 1911,** il-Papa San Piju X, wara talba li saritlu mill-Isqof ta' Għawdex, Ġwanni Marija Camilleri, waqqaf il-parroċċa tal-Fontana, jew kif inhi aħjar magħrufa minnies it-Triq tal-Għajn.

Habita quoque consensu Archipresbyteri dictae Majoris Parochialis Ecclesiae... dictam Eccclesiam Sacratissimi Cordis Iesu cum territorio descriptio... et cum omnibus illius habitatoribus et incolis tam laicis quam clericis a praefata Paroecia, et a quavis memorati Archipresbyteri et Capituli iurisdictione et auctoritate perpetuo dismembramus, separamus, sejungimus, eximamus, et liberamus.


Inwaqqfu, jikteb l-isqof fi ftit kliem, il-parroċċa tal-Fontana billi naqtgħuha mill-parroċċa u l-arċipresbiterat tal-Katidral (Ara d-dokumentazzjoni oriġinali fl-Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex [AEG], *Beneficia,* 299).

Għasri

Nhar is-**16 ta' Dicembru, 1921,** l-Isqof Ġwanni Marija Camilleri wara li kiseb l-awtorizzazzjoni minn Ruma waqqaf il-parroċċa tal-*Corpus Christi* tal-Għasri minn territorju li qabel kien parti tal-parroċċa tal-Katidral u parti tal-parroċċa taż-Żebbuġ, li finalment kien darba tal-Katidral ukoll.

Item pari auctoritate Nostra ordinaria declaramus, per praesentes ademptesse intelligi et omnino esse debere praefatis Archipresbitero Nostrae Majoris Ecclesiae et Parocho Pagi Zebbug omnem facultatem et auctoritatem usque nunc habitam exercendi qualibet actum parochialis iurisdictionis et quamlibet praeminentiam et praerogativam in dicta Ecclesia Santissimi Corporis Domini Nostri Iesu Christi inter fines sic dismembratae Paroechiae.

L-Isqof Camilleri qiegħed jagħti d-drittijiet kollha parrokkjali li qabel kienu ta' l-arċipretura tal-Katidral (u f'dan il-każ anki tal-kappillan taż-Żebbuġ) lill-parroċċa tal-Ġisem Imqaddes ta' Kristu tal-Għasri. (Ara d-dokumentazzjoni oriġinali fl-Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex AEG, *Beneficia,* 371/1).



Il-parroċċa tal-Għasri bid-dokument tat-twaqqif (1921)

www.gozcathedral.org.mt



Munxar (1957)

Il-Munxar

L-aħħar parroċċa li twaqqfet Għawdex kienet dik ta' San Pawl Appostlu, Patrun ta' Malta, fir-raħal tal-Munxar.

Din il-parroċċa twaqqfet mill-Isqof Ġużeppi Pace nhar it-**12 ta' Dicembru, 1957** minn territorju tal-Parroċċa Ta' Sannat, territorju li oriġinarjament kien tal-Matriċi ta' Santa Marija, il-Katidral ta' Għawdex.

Bit-twaqqif tal-parroċċa ta' San Pawl, il-Matriċi saret Arċimatriċi għar-raba' darba.

Konklużjoni

Dawn id-dokumenti kollha jgħidu ċar u tond li l-parroċċi twaqqfu mit-territorju u mill-arċipresbiterat tal-Parroċċa tal-Katidral. Jiġifieri kemm f'dak li hu territorju u kemm f'dik li hi kura pastorali, il-qtugħ qiegħed issir mill-mamma ta' kulħadd, mill-Matriċi ta' Għawdex, mill-Katidral.

Min jgħid jew jikteb xorta oħra jkun qieħed imieri lil dawn id-dokumenti kollha, jkun qieħed imieri s-sewwa maghruf. Ikun qieħed jafferma li l-Papa Innocenz XI (1676–89) u miegħu l-isqof ta' Malta u Għawdex Mikiel Molina li kienu responsabbli mit-twaqqif tal-parroċċi tax-Xewkija u tal-Għarb ma kinux jafu x'qegħdin jagħmlu. Ikun qieħed jafferma li l-istess Papa Innocenz XI u miegħu l-isqof Davide Cocco-Palmeri li waqqfu l-parroċċi Ta' Sannat, tax-Xagħra, tan-Nadur, tal-Qala, u taż-Żebbuġ, ma kinux jafu x'qegħdin jagħmlu. Ikun qieħed jafferma li l-Papa Ljun XIII (1878–1903) u miegħu l-Isqof Pietru Pace li kienu responsabbli mit-twaqqif tal-parroċċi ta' Kerċem ma kinux jafu x'qegħdin jagħmlu. Ikun qieħed jgħid li l-Papa San Piju X (1903–14) u miegħu l-isqof Ġwanni Marija Camilleri li kienu responsabbli mit-twaqqif tal-parroċċi tal-Fontana ma kinux jafu x'qegħdin jagħmlu. Ikun qieħed jafferma li l-Papa Benedittu XV (1914–22) u miegħu mill-ġdid l-isqof Ġwanni Marija Camilleri li kienu responsabbli mit-twaqqif tal-parroċċi tal-Għasri ma kinux jafu x'qegħdin jagħmlu.

Min jgħid jew jikteb li l-parroċċi ta' Għawdex ma twaqqfux mit-territorju u mill-arċipresbiterat tal-Parroċċa tal-Katidral ikun qieħed jafferma li dawn il-papiet u l-isqfijiet kienu stupidi u żbaljaw bl-ikrah.

Il-verità hi li dawn il-Papiet u l-Isqfijiet kollha kienu jafu x'qegħdin jagħmlu. Kollha kienu jafu sewwa d-dritt kanonku, jiġifieri l-liġijiet tal-Knisja, u mxew skond dawn il-liġijiet. Id-dokumenti kollha tat-twaqqif tal-parroċċi ta' Għawdex jixhdu bl-iswed fuq l-abjad li l-matriċi u l-arċimatriċi tal-parroċċi kollha ta' Għawdex hi *waħda u waħda biss* – il-Matriċi ta' Santa Marija, il-Knisja Katidrali ta' Għawdex. ◄





Sole Agents:

Joseph Caruana Co. Ltd.

'Caruana Bldgs', Mgarr Road, Victoria.

Tel: 2156-0019

www.gozocathedral.org.mt

IL-PURĊISSJONI TA' SAN GIRGOR TA' L-1543

kitba ta'
Vicor J. Galea

Nhar San Girgor ta' l-1543 l-Isqof Fra Dumink Cubellès kien qiegħed fil-knisja ta' Santa Katerina taż-Żejtun, dak iż-żmien weħidha fir-raba' mdawra bl-irħula li kienu jagħmlu magħha, li, barra Ħal Bisbut u Bisqallin, Ħal Tmim is-Sant u Ħal Ġwann, li kollha llum inbelgħu fiż-Żejtun, kellha wkoll lil Ħaż-Żabbar u Ħal Għaxaq. Kif kien hemm, isejjaħ lin-nutar u xi xhieda biex niżżel bil-kitba x'kien ġara dak in-nhar u għaliex.

In-nutar kiteb li ma' l-Isqof kien hemm il-kapitlu tal-Katidral u l-kappillani kollha tal-ġżira kif ukoll it-tliet papassijiet tal-Griegi u xi patrijiet. Kien hemm jimxu wara l-kleru iktar minn tmint elef ruħ, bejn nisa, rġiel, u tfal, kollha jitolbu l-ħniena b'leħen għoli, b'litaniji u innijiet sal-knisja ta' Santa Katerina.

F'Santa Katerina kienet saret quddiesa kantata bil-priedka f'ġieħ San Girgor għall-paċi universali u l-għaqda bejn l-insara u l-mexxejja tagħhom kif ukoll biex l-art tagħti frottha. L-Isqof ta erbgħin jum indulġenza lil min kien jgħid ħamsin paternoster u ħamsin avemarija matul il-purċissjoni bil-kundizzjonijiet tassoltu.

Sa hawn kien ikun kollox sewwa kieku l-patri Mikiel Fsadni, li sab dan id-dokument, fi ktieb li ħareġ fl-1974 ma fehemx li l-purċissjoni ta' San Girgor kienet bdiet f'dik is-sena u mhux qabel bħalma kien ħaseb kulħadd. Kieku din il-fehma żammha għalih ma kien jiġri xejn imma din imxiet sew u ttieħdet bħala verità infallibbli. Imma jien, billi kont qrajt il-ktieb li Manwel Vella kien ħareġ fuq l-istorja ta' Birkirkara fl-1934, infart waħda sew. Vella qal li fl-1535 in-Naxxar u Birkirkara kienu qabduha ma' xulxin fuq il-preċendenza u semma wkoll l-inkartament imnejn kien ħa din l-aħbar. Din il-fehma ma niżlitlix ukoll għax ma kinitx taqbel ma' dak li kienu qalu xi kittieba, li, kieku kien tassew hekk, ma kinux joħorġu b'teoriji oħra kif kienet bdiet il-purċissjoni.

L-ewwel li nsibu r-rapport ta' Duzzina fl-1575. Meta dan staqsa lil xi xjuħ mimlija bil-għomor kif kienet bdiet il-purċissjoni dawn qalulu li meta flotta Torka kienet lesta għall-iżbark Marsaxlokk qamet tempesta qawwija u ħarbtithom. Dan wassal biex il-Prof. Zerafa jaħseb li l-purċissjoni kienet bdiet fl-1343 meta tempesta ħarxa kienet sfundat il-Maqluba u b'xorti tajba ferżnet lit-Torok kif kienu waslu biex jinżlu Malta. Zerafa qal li din it-tempesta laħqitna nhar it-Tnejn, lejlet Santa Katerina ta' l-1343. Żied li ż-żjajjar tan-nisa kull nhar ta' Tnejn lil Santa Katerina, kif isemmi Duzzina, iwettquh f'din il-fehma.

Wara Duzzina tfaċċa l-Patri Ġlormu Manduca (1573-1643), li fl-1608 qal li l-purċissjoni ta' San Girgor kienet b'weġħda li kienu għamlu l-Maltin fl-1429 kif kienu mħaxknin l-Imdina b'armata ta' xi 18,000 Seraċin Tuneżin. Imbagħad fl-1647, Ġan Franġisk Abela (1582-1655) kiteb li kien jaqbel mal-fehma ta' Rokku Pirro li qal li kienet bdiet b'weġħda matul il-pesta ta' l-1519, għax, qal, li n-nies għadha tgħajjat ħniena biex teħles minn xi fraġell li kien jifniha meta saret l-ewwel darba u mhux għax ħelset mill-gwaj ta' invażjoni Torka.

Għalhekk jien ma qbiltx mal-proposta ta' Fsadni, għax, barra dak li kont qrajt f'Vella, kieku l-purċissjoni kienet bdiet fl-1543, kieku fl-1575, 32 sena wara, ix-xjuħ li stħarreġ Duzzina kienu jkunu għadhom jiftakru meta bdiet, dejjem jekk ma sabx xi erba' żmagati li ma kien fadlilhom amment ta' xejn.

Hekk ukoll kemm Manduca u kemm Abela, nies struwiti li għexu fi żmien meta missirijiethom jew nanniethom kienu jkunu għadhom jiftakru l-ġrajja ta' l-1543, ma kinux joqogħdu jteftfu fid-dlam biex jobsru kif setgħet bdiet u la x-xjuħ ta' l-1575 ġew bl-istorja tat-tempesta li ħakmet Marsaxlokk biex ġarret lit-Torok, bilfors li l-purċissjoni

Island real estate services ltd.

...a simpler way to buy your dream property

NEW on the MARKET~QALA

2/3 BEDROOMED MAISONETTES & APARTMENTS



FRONT ELEVATION


FOR SALE on plan

Kitchen / Dining / Living;
2 Bathrooms (one en-suite);
Front & Back Balconies;
Courtyard;
Garage (optional)

SOLE AGENTS

Starting from Lm29,000

COMMON PARTS READY



TYPICAL FLOOR LAYOUT

URGENTLY WANTED
ALL TYPES OF PROPERTY

...SALES...COMMERCIAL...LETTING...
...PROPERTY MANAGEMENT...

Address: 106, St. Ursula Street,
Victoria. VCT 104, Gozo, Malta.

Tel: (+356) 2155 1201 Fax: (+356) 2156 5350
Mob: 7949 2680, 7971 0749, 7920 2855
E-mail: info@islandrealestate.com.mt

www.gozocathedral.org.mt

kienet bdiet żmien twil qabel meta ħadd ma kien għadu jiftakar xejn.

Il-purċissjoni ta' San Girgor fil-Medjuevu

Biex infehemkom sew x'kienet tfisser il-purċissjoni ta' San Girgor għan-nies tal-medjuevu jien qbadt il-Ktieb tas-Sigħat tad-Duka ta' Berry (1340-1416). Dan il-ktieb fih stampi pinġuti bl-idejn tant sbieħ li sejħulu *Très Riches,* is-sinjurun, ir-rikkissmu. Oħroġ il-għaġeb it-tliet aħwa Limbourg li pinġew parti minnu, fosthom dik tal-purċissjoni ta' San Girgor, kollha mietu fl-istess sena li fiha miet id-Duka. Għalhekk il-Pesta s-Sewda li ħakmet l-Ewropa mill-1347 'il quddiem kienet friska fil-memorja ta' dawn it-tliet illuminaturi.

L-illuminjazzjoni tal-purċissjoni ta' San Girgor qiegħda fejn hemm il-litanija t-twila. Fiha naraw il-poplu u l-kleru ta' Ruma mixjin wara l-Papa ħerġin mill-palazz tiegħu. Il-Papa wasal quddiem il-fortizza ta' Krexxenzju, kif Ġakbu minn Varezze (1228-1298) fil-Leġġenda Awrea, li rrakkonta l-istess storja jsejjaħ lil-Musulew ta' Adrijanu. Il-Papa qed jgħolli idejh lejn is-sema għoxra l-anġlu fuq it-turretta tal-fortizza jdaħħal xabla tqattar id-demm bħala sinjal li l-imxija tal-pesta kienet se tieqaf. Quddiem il-Papa liebes il-kappa ħamra bit-trirenju, li l-papiet kienu bdew jilbsu fl-1300, fuq rasu, hemm il-kleru għaddej idur mal-ħitan ta' Ruma. Fost dawn barra wieħed bis-salib, ieħor bil-bandalora, biċ-ċensier u bis-satla ta' l-ilma mbierek, żewġ djakni qed iġorru l-ktieb ta' l-evanġelju u ieħor relikwarju. Dak tar-relikwarju batta b'kollox ma' l-art. Hekk ukoll għamel patri warajh, issallab ma' l-art. Fost il-poplu naraw tifel imxattab għal dahru ma' l-art u mara qed thossha ħażin se taqa' u ma taqax b'żewġt itfal imwerwra imqabbdin ma' djulha.

Din l-istampa ma tħalli ebda dubju li għan-nies tal-medjuevu fi żmien meta kienet qed tħeġġeġ il-Pesta s-Sewda, il-purċissjoni ta' San Girgor, li fiha titkanta l-litanija tal-qaddisin, kienet purċissjoni, għall-ħelsien mill-pesta u mhux għall-paċi bejn is-slaten ta' Franza u Spanja biex il-Papa Pawlu III seta' jlaqqa' l-Konċilju ta' Trentu fl-1545. Hu minnu li l-Isqof Cubellès għamel din il-purċissjoni fl-1543 b'din l-intenzjoni, imma semplicement applikaha dak in-nhar biss, għal dan l-iskop u mhux bdiet dak in-nhar u baqgħet issir wara għalhekk. Dan bħal meta l-pellegrinaġġi li jsiru



Il-purċissjoni ta' San Girgor ħierġa mill-knisja Matriċi - kwadru titulari tal-parroċċa ta' Kerċem xogħol Salvatore Busuttil (1854)

għal Ta' Pinu fir-Randan, jekk ikun hemm in-nuqqas ta' xita, wieħed japplikahom għal dan il-għan.

Purċissjonijiet tal-pesta ta' l-1347 u wara

U fl-1347 u wara meta l-pesta kinset l-Ewropa kienu jsiru purċissjonijiet. Jien qbadt id-Dekameron ta' Ġanni Boccaccio li ra b'għajnejn x'kien qed jiġri Firenze fl-1348 u ħallielna x'ra fil-bidu tal-ktieb tiegħu. Għalkemm dawn il-purċissjonijiet waqt l-imxija kienu jxerrdu l-mard iktar għax in-nies kienet titlaqqa' u titħallat ma' xulxin, kif rajna fil-purċissjoni li pinġew l-aħwa Limbourg, bin-nies taqa' bħad-dubbien, il-purċissjonijiet xorta kienu jsiru għax in-nies ħadd minnhom ma kien jaf imnejn tiġi u ħafna, jgħidilna Boccoaccio, waħħlu fil-kwiekeb jew kienu jgħidu li kienet kastig t'Alla. Għalhekk f'xi kwati tal-pesta naraw xita ta' vleġeġ neżlin mis-sema. Għalhekk ukoll in-nies daret għal San Bastjan, għax jgħidulek la darba fieq mill-vleġeġ li venvnulu l-manigoldi kellu l-ħila jfejjaqhom ukoll mill-vleġeġ niżlin mill-ajru.

Boccaccio jgħidilna li mhux darba imma bosta drabi saru purċissjonijiet apposta biex Alla jbiegħed il-qilla tiegħu minn fuq Firenze fejn il-Pesta s-Sewda qerdet xi mitelf ruħ.

www.parrocca.org.mt

SAMMY SPITERI (IL-MAJJUST)

Ghal kull xoghol ta konkos ,bjut u bini,kiri tal-krejn. Issibu wkoll jablo ghal taht il-kontrabjut jew ghal beju il-hitan biex inaqqas hafna mill-kesha u mis-shana.



Ghal kull xoghol ta stencil pave bil-kulur li tixtieq fi btiehi u driveways, madwar il-pools jew go farmhouses.

TEL 21558982
FAX 21550540
MOBILE 99498133
ADDRESS 'WARDA MISTIKA'
SAGHTAR STREET
VICTORIA GOZO

www.gozocathedral.org.mt

Barra l-purċissjonijiet 'ordinati', kif isejħilhom Boccaccio, kien hemm ukoll tal-flaġellanti, serbut nies għaddejja mat-toroq ta' l-ibliet isawtu lilhom infushom sa ma jibda jżennen id-demm biex iberrdu l-għadab t'Alla u jqanqlulu l-ħniena. Aktarx li d-drawwa li jsemmi Abela li l-irġiel kienu jinżgħu sa qaddhom matul il-purċissjoni ta' San Girgor m'hix ħlief tifkira ta' dan.

Santa Katerina Awżiljatriċi u Patruna ta' Malta

Issa fil-Pesta s-Sewda li laħqet l-Ewropa mill-Krimea mal-bastimenti Ġenwiżi, l-ewwel dakkru lill-portijiet ta' Sqallija u mbagħad ħadet ma' tista' tgħid kull pajjiż, in-nies daru għall-erbatax-il qaddis u qaddisa li kienu jgħidulhom l-awżiljatriċi, kull wieħed u waħda fil-qasam tiegħu. Fost dawn kien hemm Santa Katerina li kienet awżiljatriċi fil-mard ta' l-ilsien. Ta' min ifakkar li l-ilsien ta' l-impestat kien isir iswed faħma. U l-purċissjoni ta' San Girgor, jiġifieri biex tinqered il-pesta, saret u għadha ssir għall-knisja ta' Santa Katerina, minkejja li llum jgħidulha San Girgor il-Qadim. Il-kittieba l-antiki jgħidu li ntgħażlet din il-Knisja ta' Santa Katerina għax kienet l-ibgħad waħda mill-Katidral. Jien naħseb li knejjes ta' Santa Katerina kien hemm oħrajn eqreb minn din.

Imma tgħiduli: Tgħid minnu li fl-1347 meta għall-aħħar tas-sena l-pesta daħlet Malta mill-portijiet ta' Sqallija, il-Maltin daru għal Santa Katrina biex tgħinhom fil-ħemm kbir li kien laħaqhom minn fejn soltu jġibu l-qamħ? Jien ngħid li iva u nasal biex ngħid li għalhekk, il-qaddisa saret waħda mill-patruni ta' Malta. Ħarsu lejn il-polittiku ta' San Pawl, li aktarx sa mis-sena 1419 kien imdendel il-Katidral ta' l-Imdina. Inħarsu biss lejn il-biċċa tan-nofs. Din, fuq, fiha l-Madonna bil-Bambin, fin-nofs hemm San Pawl, u taħt, fejn jgħidulha l-bradella, hemm San Pietru, fin-nofs b'Sant'Agta u Santa Katerina fuq kull naħa. Issa tnehhi lil San Pietru, li dejjem imur ma' San Pawl, qishom id-Di u d-Do, tlieta mill-oħrajn huma patruni ta' Malta. La tlieta huma patruni ta' Malta, r-raba' waħda Santa Katerina hi wkoll patruna ta' Malta. Imma patruna ta' xiex?

Ejjew issa nduru għal polittiku ieħor ta' żmien ir-rinaxximent, did-darba tad-Duluri ta' Ħal Qormi, illum żarmat. Ħawnhekk f'ġenb minnhom naraw lil San Ġorġ, patrun tar-raħal, huwa wkoll awżiljatur fil-mard tal-ġilda u għalhekk patrun ta'l-impestati taħt il-ġilda kien jittabba' jew jittekkek bid-demm. Fil-ġenb l-ieħor naraw lil San Girgor bit-trirenju fuq rasu u warajh qaddisa bi ktieb f'idha sa nofsha, li ħadd għadu qata' min hi, min jgħid ħaġa u min oħra. Issa, lil San Girgor bi trirenju daqs tomna fuq rasu ħasbuh Sant'Iermu li kien isqof. Allura kif tridhom jaqtgħu min hi dik li hemm warajh? Bil-purċissjoni ta' San Girgor tgħaddi minn Ħal Qormi għal Santa Katerina ma naħsibx li nkun ngħarra jekk ngħid li dik hi Santa Katerina.

Fl-aħħarnett lil Santa Katerina narawha bħala patruna f'Malta f'mappa ta' l-Assedju l-Kbir li turi lit-Torok jaslu Malta fit-tmintax ta' Lulju ta' l-1565. Ħawnhekk naraw lill-patruni ta' Malta, lill-Madonna, San Pawl, San Ġwann u Santa Katerina għarkubbtejhom quddiem it-Trinità, jitolbu bil-ħerqa għas-salvazzjoni ta' Malta. Mattew Perez li pitter dil-mappa fl-1582, kiteb fuqha li kieku ma daħlux huma għal Malta f'dik is-siegħa kerha, kienet tispiċċa meqruda.

Biex inkun għidt kollox l-erba' qaddisin li naraw fil-polittiku ta' San Pawl nerġgħu nsibuhom fl-inkwatru tal-Madonna ta' Portu Salvu fil-Knisja ta' San Filep l-Isla. Fih naraw barra l-Madonna bil-Bambin, lil San Pawl, Santa Katerina u Sant'Agta. Flok San Pietru, hemm Sant'Iermu Isqof, Patrun tal-baħħara, kif wieħed jistenna f'inkwatru bil-Port ta' Malta fl-isfond. Dan l-inkwatru sar fl-1690.

Imma l-aqwa prova li Santa Katerina daħlet għall-Maltin waqt xi gwaj matul il-medjuevu huma l-ħafna knejjes u artali li kien hawn imxerrdin ma' Malta u Għawdex. Biżżejjed insemmi li tnejn mill-ewwel għaxar parroċċi tal-kampanja li kien hawn Malta żgur sa mis-Seklu 14, jiġifieri taż-Żejtun u taż-Żurrieq, kienu u għadhom ta' Santa Katerina. Dusina fl-1575 barra dawn it-tnejn isemmi erbatax oħra, waħda minnhom Għawdex fl-inħawi tal-Qabbieża. U dawn m'humiex kollha għax hemm knejjes oħra li qabiżhom fosthom tnejn Għawdex waħda fiz-zuntier ta' San Ġorġ u l-oħra f'tal-Matriċi, ħdejn Santu Wistin.

Jien m'għandi l-ebda dubju mix-xhieda tal-knejjes u l-artali li kellhom Malta u Għawdex, li barra lil Santa Katerina, il-Maltin u l-Għawdxin qabel ma ġew il-Kavallieri fl-1530, talbu wkoll lil San Nikola, Sant'Anton tal-

www.biccatholic.com.mt

Kempinski
HOTELS & RESORTS

CELEBRATE YOUR WEDDING IN STYLE



AT THE KEMPINSKI SAN LAWRENZ RESORT & SPA, GOZO.



EXCEPTIONAL VALUE
Free honeymoon in exclusive worldwide destinations.



Add the exclusive and stylish feeling of the Kempinski Resort & Spa in Gozo to the magic of the greatest day of your life. Our prices suit all budgets, and you can choose from an indoor to an outdoor large-scale reception and even smaller-sized functions in a more private atmosphere. Give us a call, and see for yourself how we can transform your wedding day in one which everyone will remember. For further information please contact Jacqueline Galea on Tel: 2211 5212 or e-mail: jacqueline.galea@sanlawrenz.com

Kempinski
San Lawrenz
Resort & Spa
GOZO MALTA

Triq ir-Rokon, San Lawrenz GRB 104 Gozo, Malta
Tel: +356 2211 0000 - Fax: +356 2211 6373 - E-mail: info@sanlawrenz.com
www.kempinski-gozo.com

www.gozocathedral.org.mt

Hanżira, San Bażilju kif ukoll lil San Damjan u Qużman, kollha qaddisin tal-knisja Griega bħal Santa Katerina, li daħlu hawn minn Sqallija. Ma' dawn inżid lil Sant'Anġlu ta' Sqallija u lil San Bastjan tal-Knisja Latina. Biżżejjed ngħid li knejjes ta' San Nikola, Duzzina semma tnejn u tletin waħda u żgur ħalla barra oħrajn ngħidu aħna dik ta' San Niklaw ta' Kemmuna.

Il-prova li dawn il-qaddisin bnewlhom dawn il-knejjes u waqqfulhom l-artali għall-ħelsien mill-pesta narawha minn dak li ġara matul il-pesta ta' żmien Verdala. Dak in-nhar il-Maltin daret bi ħġara lejn Santu Rokku. Bdew telgħin kappelli kemm trid mill-Belt sa l-Imdina, twaqqfu artali u saru vari, niċeċ u statwi sa fuq il-ħajt ta' xi ġnien. Sal-grammastru beda jagħmillu tiġrija f'nharu, l-għada ta' Santa Marija.

Il-Purċissjoni ta' San Girgor Għawdex

Għawdex ma mtessx bil-pesta li bdiet Malta fl-1592 u waqfet is-sena ta' wara, imma oħroġ il-għaġeb il-knisja ta' San Girgor ta' Gerduf tissemma sewwa sew dak iż-żmien, meta fl-1592 saret il-viżta pastorali u sabuha bla bieb u nieqsa minn kollox. Biss Dun Anton Attard, il-Kappillan tal-Matriċi qalilhom li l-purċissjoni ta' nhar San Girgor kienet tieqaf hemm. Dan ifisser li seta' l-Għawdxin bnew il-knisja ta' San Girgor fil-bidu tat-telgħa ta' Xuxa fejn jispiċċa l-Wied ta' Grixti f'xi żmien wara li ġie Duzzina fl-1575 kienu jemmnu li l-weġħda saret lil San Girgor għax kienet issir f'nharu.

Issa Achille Ferris fl-1866 hu u jitkellem fuq ta' Kercem isemmi x'kien qal il-Prof Zerafa xi snin qablu dwar il-bidu ta' dik il-purċissjoni tal-Għawdxin. Dan semma li skond Del Pozzo fl-20 ta' Settembru ta' l-1581 lil Għawdex kienet laħqitu tempesta li damet sejra xi ħamest ijiem infila. Dan jiġri meta roqgħa ta' pressjoni baxxa toqgħod iddur fuqna bħalma ġara f'Settembru tas-sena 2003. Meta jiġri dan meta ir-raba' jkun għadu ma libisx bil-ħaxix il-ħamrija ta' l-għelieqi maħduma jkarkarha l-wied u l-ħamla toħroġ kemm tara l-għajn fil-baħar. Biex taghqad l-Għawdxin kienu qed jistennew żjara mit-Torok u l-ħluq żejda – nisa, tfal u xjuħ – kienu ħaduhom Malta fejn batew il-ġuħ. It-Torok ġew f'Ottubru ta' l-1582 u darbtejn fil-ħarifa tas-sena ta' wara. Għalaq it-toba, kif kienet tgħid ommi, b'kelma ġejja minn ottava, fil-bidu ta' l-1582, terremot li rieġħed dak li ma kinetx waqqgħet ix-xita.

Zerafa jżid li kif l-Għawdxin kienu milquta minn dan il-ħemm kollu għamlu l-purċissjoni ta' San Girgor mill-Matriċi ta' Santa Marija bil-ftit qassisin li tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id u n-nies imwerwra wara l-ħitan tal-Belt t'Għawdex. Għalhekk Zerafa jgħid li Għawdex il-purċissjoni ma setgħetx bdiet qabel l-1581 imħabba x-xita kbira li għamlet f'Settembru ta' dik is-sena. Issa billi, skont Ferris, il-prof Zerafa kien qatagħha li l-purċissjoni Malta kienet bdiet minħabba t-tempesta ta' lejlet Santa Katerina ta' l-1343, jien nibża' li qal dak li qal fuq l-Għawdxin għax ried iressaq in-nar lejn xawwattu.

Għalhekk Zerafa ħadha qatta bla ħabel ma' Dun Franġisk Agius (1712-1770) għax qal, skontu li l-weġħda l-Għawdxin kienu għamluha mal-Maltin meta niżlu r-raħal ta' Santa Katerina, u aġħar u aġħar li l-weġħda kienet saret biex jinħelsu mill-pesta. Issa minnu li qal li l-weġħda saret imħabba l-pesta imma għax qal li bejn dawk li jgħidu li saret imħabba t-Torok u dawk li jżommu li kienet il-pesta li bdietha, Dun Franġisk Agius qal li din ta' l-aħħar kellha iktar mis-sewwa.

Dun Franġisk Agius kien jaf li tefgħa ta' ġebla mill-knisja ta' San Girgor ta' Gerduf sa mis-sena 1364 tissemma li kien hemm il-knisja ta' San Qużman u sieħbu San Damjan, it-tnejn magħrufa bħala t-tobba ta' Kristu għax kienu jfejqu lill-morda b'xejn. Magħhom kellhom oħra ta' Sant'Anġlu ta' Sqallija, it-tlieta protetturi ta' l-impestati. Għalhekk naħseb li l-pesta ta' l-1347 u l-1348 mhux biss ħakmet lil Malta imma wkoll lil Għawdex u dawk iż-żewġ knejjes huma xhieda siekta ta' dan. Dun Franġisk Agius aktarx li ma tbigħedx wisq mis-sewwa meta qal li l-Maltin u l-Għawdxin għamlu l-weġħda flimkien.

Jista' jkun li l-Għawdxin kienu jagħmlu l-purċissjoni ta' San Girgor madwar is-swar bħal ta' Sant'Orsla f'nharha. Setgħu wkoll marru San Qużman fl-inħawi tal-Ħammimiet. Din aktarx ħarbtuha t-Torok fl-1551 għax Dusina ħallieha barra fl-1575. Fl-1587 il-knisja ma kellha xejn ħlief kona żgħira għax la kellha artal, la bieb u lanqas ċangatura u l-viżitatur qabad u għalaqha. Kien biss fl-1615 li reġgħet ħadet ir-ruħ. Sadattant qabel l-1592 kienet inbniet knisja ta' San Girgor ftit bgħid minn San Qużman u l-purċissjoni kienet qed tmur hemm għax avolja t-Torok ħarbtuha, il-viżitaturi ma ssugrawx jagħlquha għax il-purċissjoni ma kellhiex fejn tmur.

Azzopardi Auto Centre

Carmel Azzopardi
Director



107, Europe Street,
Victoria, VCT 111, Gozo.
Tel: 2156 4110 Tel/Fax: 2155 3715

OPENING HOURS: 7.30a.m. - 6.30p.m.

Spare Parts Sales for All Cars

Sea View Appartments
For Rent in Marsalforn

CVC
citadel video communications

Leaders in Sights & Sounds of Gozo

CVC Ltd.

By The Bastion Road

Victoria Gozo Malta

Tel/Fax:
(00356)21551936

Mobiles:
79491816
79460747

E-Mail:
cvc@gozotv.com

Website:
www.gozotv.com

you name it...
...we do it

Television & Radio Productions
Script, Commentary, Filming, Post-Production, Music composition

News Coverage

Video Post-production
Linear & Non Linear

Audio Dubbing and Recording

Publicity Clips & Commercials

Graphics & 3D Animation

DVD Encoding

Video dubbing - multi format
BetaSX, BetaSP, HighBand SP, DVCam, Digital S/T, Hi8/8mm, S-VHS, VHS(PAL, NTSC, SECAM)

Still Photography

Wedding Services

Prints from video

Award winning Library footage

www.gozocathedral.org.mt

Fehmiet oħra dwar il-Purċissjoni


Issa niġu għall-Konti Ciantar (1696-1778) li ma qabilx la ma' Manduca u lanqas ma' Abela fuq il-bidu tal-purċissjoni. Ir-raġuni li ġab Ciantar għaliex ma qabilx li l-purċissjoni bdiet imħabba l-pesta bħalma sostna Abela għax qal li qabel ġew il-Kavallieri qatt ma żaritna l-pesta. Diskors bħal dan qatt ma stennejtu minn bniedem kult u erudit bħal Ciantar. Żied jgħid li għandna noqogħdu fuq dak li qalu x-xjuħ lil Dużżina fl-1525 u mhux fuq il-fehma ta' dak u l-ieħor. L-iktar li għoġobni Ciantar kien meta ma qabilx mal-fehma ta' Manduca li bdiet bħala wegħda meta ġew it-Tuneżini fl-1429 għax qal li Fra Nazju Ricci kien sab ordni fl-arkivju ta' l-Isqof ta' l-1400 isejjaħ lill-kleru ta' Malta għall-purċissjoni ta' San Girgor. Jekk dan hu minnu allura nkunu qrobna biċċa sew lejn il-bidu tal-purċissjoni matul l-imxija tal-pesta ta' bejn l-1347 u l-1348, fehma li ilni nħaddan is-snin, għax illum xjaħt.

Miegħi kien jaqbel Ferdinando Giglio, kittieb tas-seklu dsatax, li ma stmerrx jgħid, imma li l-purċissjoni kienet bdiet fi żmien l-Isqof fantażma ta' Malta Berardu fl-1095, meta Malta ma kienx hawn ħlief Saraċini u jekk kien hawn xi nisrani, dan kien ikun xi lsir Grieg li kont tarah ħiereġ mill-Imdina mill-Bieb ta' l-Għarreqin biż-żenbil tal-qżież biex ibattlu fuq id-dimnija tal-Belt. Dan Berardu kien Isqof ta' Malta, il-Kalabbrija, fejn dak iż-żmien kien joqgħod l-Konti Ruġġieru. Biss imbagħad bħala alternattiva offra l-fehma li kienet bdiet imħabba l-Pesta s-Sewda tas-snin 1347 u 1348.

Għeluq

Minn dan kollu joħroġ li kontra dak li basar il-Patri Fsadni l-purċissjoni ta' San Girgor kellha bidu eqdem mill-1545 u dan bil-provi. Tant kienet qadima li sa l-1575 kulħadd kien nesa għalfejn kienet bdiet u min kien joħroġ b'ħaġa u min b'oħra. Imma billi l-purċissjoni ta' San Girgor hi minnha nfisha purċissjoni tal-pesta u Santa Katerina, qaddisa awżiljatriċi, hi l-knisja fejn kienet tieqaf din il-purċissjoni, wieħed irid jasal biex jgħid li kienet hi li għenet il-Maltin matul il-pesta tremenda li laħqet Sqallija mill-Krimea fl-1347. Dan jixhduh il-polittiku ta' San Pawl fejn Santa Katerina qieghda mal-patruni ta' Malta u l-kult kbir li kellha ma' Malta u Għawdex żgur kien beda sa mis-seklu tlettax. ◄

© Victor J Galea, ir-Rabat, Għawdex
It-2 ta' Ottubru ta' l-2003



la femme

Ladies and Teenage Boutique

Salvatore Psaila Street,
Victoria, Gozo, Malta.
Tel: 2156 6327 / 2155 8886
Fax: 2156 4215
Mob: 9982 9769



MERCIECA
GLASS & IRONMONGERY

Mirror & Glass Polishing,
Key Cutting.



Frank Mercieca
54, Kercem Road, Victoria,
Gozo, VCT 104.
Tel:21556987 – Fax:21557027
fmglass@keyworld.net Mob: 99804152



www.gozocathedral.org.mt

TLIET MIT SENA ILU :

SEDJA ĠURATALI ĠDIDA FIL-MATRIĊI GĦAL RAMON PERELLOS Y ROCAFUL Granmastru ta' Malta

kitba ta'
Monsinjur Joseph Bezzina

Il-festa ta' Santa Marija tliet mit sena ilu saret bil-kbir iktar mis-soltu u bir-raġun. Jidher li sa minn diversi xhur qabel, l-Università kienet mgħarrfa uffiċċjalment li l-Granmastru Ramon Perellos y Rocaful kien se jkun preżenti għall-festa tas-sena 1704.

L-Università, jiġifieri, il-Gvern lokali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, dlonk bdiet bit-tħejjijiet għall-miġja f'Għawdex tal-Prinċep ta' Malta.

Pjazza u t-Telgħa mġedda

Il-Granmastru kien sejjer jiġi milqugħ fil-Pjazza tat-Tokk sewwa sew quddiem il-*Banca Giuratale,* il-kwartieri ta' l-Università. Ma kinitx il-*Banca* li hemm illum fit-Tokk, iżda l-ewwel *Banca* li nbniet fis-sena 1661.

Kif jidher mir-reġistri ta' l-Università, il-pjazza tat-Tokk kienet iċċangata kollha kemm hi mill-ġdid. Inbidlu wkoll partijiet mit-taraġ tal-Belt, it-taraġ li mill-pjazza tat-Tokk kien iwassal sa quddiem il-pont li kien jaqsam il-foss quddiem id-daħla tal-Belt. Dan it-taraġ kien trasformat fi triq fl-1864, sewwa sew mija u erbgħin sena ilu, fl-okkażjoni ta' l-ingress ta' Mikiel Franġisk Buttigieg bħala l-ewwel isqof ta' Għawdex.

Ta' min iżid hawn li fis-sentejn ta' qabel kien sar ħafna xogħol fuq dan il-pont li mit-taraġ tal-Belt kien iwassal sal-bieb ewlieni taċ-Cittadella. Għalhekk it-taraġ u l-pont li jwasslu għall-Belt kienu kollha mġedda tliet mit sena ilu.

Sedja Ġuratale jew tron ġdid

L-okkażjoni tal-miġja tal-Granmastru wasslet biex saret opra kbira ġdida fil-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. Din l-opra tagħtik x'tifhem li l-Granmastru kien wera l-fehma li jattendi għall-quddiesa solenni ta' nhar Santa Marija fil-Matriċi.

Il-Granmastru Ramon Perellos innifsu ta ordni permezz tas-siniskalk tiegħu biex issir sedja ġuratali ġdida fil-Katidral mill-fondi ta' l-Università. Is-Siniskalk kien kavalier magħżul mill-Granmastru b'jeddijiet amministrattivi fuq il-milizzja ta' Malta u Għawdex, speċi ta'-kap kmandant tal-forzi armati.

L-ispiża li saret hi dokumentata fis-sezzjoni ta' l-*Acta et Negotia* ta' l-Università għas-sena finanzjarja 1703–1704, reġistru miżmum fl-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex (NAG, UG, 1/9 1703-1704 29v). In-nefqa biex saret din is-sedja grandjuża telgħet għas-somma kbira ta' 115-il skut, 8 irbieġħi, u 10 ħabbiet.

Fl-istess okkażjoni sar ukoll ġinokkjattur ġdid għall-Gvernatur ta' Għawdex. Din is-somma fil-fatt tinkludi wkoll in-nefqa għal dan il-ġinokkjatur.

In-nefqa

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument tan-nefqa:

Signor Notario Aloysio Grech, giurato e Tesoriero di quest'Università del Gozo receverete l'infrascritto somma che havete speso nella nuova Sedia Giuratale fatta d'ordine di S.A.S. Domine e suo Venerabile Siniscalco già posta nella Veneranda Chiesa Matrice e Colleggiata di quest'isola del Gozo e per il nuovo ginnochatore del Signor Governatore, cioè

tavoloni cinque di noce	Sc 40.1.00
tavoloni cinque da arsano privo chiodi, lacci, colla e tinta	Sc 14.1.00
ciappetti otto	Sc 01.0.00
cera mezzo rotolo	Sc 00.6.00
nolo di detto legname, ferramenti, colla,	

www.gozocathedral.org.mt

TASTY OPTIONS



Bar & Restaurant

Carlos & Maria De Gouveia

Marina Street, Marsalforn,
Island of Gozo - Malta.
Tel. 2155 9730 Mob. 9986 6669

Restaurant with a difference
Traditional Styles of cooking from Desitinations around Europe.

Good Cooking come from the Heart!


OFFICE EQUIPMENT

FOR ALL OFFICE SUPPLIES & STATIONERY

Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typewriters,
Cash Registers, Fax Machines

12, St. Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel: 2155-4052 Fax: 2156-3745

www.gozoarchdiocese.org.mt



Facsimile tal-kont oriġinali (1704)

e tinta castati in Malta e burdenari qui al Gozo Sc 03.1.00
per aver fatto condurre detta sedia dal Rabbato in detta Chiesa Matrice Sc 00.8.00
a Maestro Tomaso Puglis falegname e suo lavorante giorni numero 85 a tarì 6.10 al giorno Sc 40.0.10
a maestro Girolamo Fabri scultore per manifattura delle tre arme di S.A.S, Venerando Sinicaclo, e quest'Università Sc 10.0.00
Per loro pono, e nolo da Malta Sc 00.3.00
Quali ponerete ne' conti li 15 agosto 1704 **Sc115.8.10**

Sedja Ġuratali

Is-sedja saret mill-injam tal-ġewż, l-aqwa injam li kien fil-kummerċ dak iż-żmien. Intuża wkoll arżnu mill-iftjen għax mingħajr għoqod jew ingroppi (privo chiodi), kwalità ta' njam aktarx tal-prinjol jew taż-żnuber li hu ifittex ferm għall-ebusija tiegħu. Intużaw ukoll tmien ċappetti tal-ħadid li saru minn ħaddied Malta. Inxtraw ukoll kolla, kulur, u ħwejjeġ żgħar oħra.

L-injam u l-affarijiet l-oħra nxtraw minn Malta u biex inġarru għal Għawdex intefqu tliett irbieġi.

Is-sedja kienet maħduma mill-mastrudaxxa Tumas Puglis u lavrant tiegħu u damu jaħdmuha 85 jum, b'paga flimkien ta' sitt irbieġi u għaxar ħabbiet kuljum. Meta kienet lesta, is-sedja ngħatat il-lostru (cera).

L-iskultur Ġlormu Fabri ħadem fl-injam tliet armi: tal-Granmastru Perellos, tas-Siniskalk, u ta' l-Università.

B'kollox telgħet is-somma ta' 115-il skut, 8 irbieġi, u 10 ħabbiet.

Nisthajjel kienet sedja verament sabiħa. Milli jidher qajla kienet apprezzata għax ma għadhiex teżisti u qisha spiċċat għand xi furnar ! ◄

www.stjohnscathedral.org.mt



Unbeatable Prices!...Buy one now

GREE

- LATEST TECHNOLOGY
- FREE ON SIGHT CONSULTATION
- GUARANTEED AFTER SALE SERVICE
- THE NEW GREE COMES WITH: RHIO ECOLOGICAL & OZONE FRIENDLY GAS

GREE
Your perfect choice!

JOSEPH TABONE

48 Dun Pawl Micallef Street, Victoria, Gozo.
Showroom: Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel: 21 554 658, 21 555 970, Mob: 9982 2677, 7926 1524

MITEJN SENA ILU :

L-UNIVERSITÀ TA' GĦAWDEX IL-KNISJA MATRIĊI U L-FESTA TA' SANTA MARIJA

minn
Winston L. Zammit BA (Hons) MA, PGCE

Sa minn qabel il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann fostna fl-1530, Għawdex kellu korp muniċipali bl-isem ta' *Università* biex jieħu ħsieb it-tmexxija tal-Gżira Għawdxija. Din l-Università baqgħet tiffunzjona matul il-ħakma tal-Kavallieri, iżda mill-1551 il-Gran Mastru beda jaħtar kavalier ta' l-ordni bħala Gvernatur u din il-proċedura kompliet matul il-ħakma tal-Kavallieri sa Ġunju 1798, meta Għawdex waqa' f'idejn il-Franċiżi.[1]

L-Università li kellha s-sede tagħha fil-Banca Giuratale, fit-Tokk[2] kienet magħmula minn erba' Ġurati u numri ta' uffiċċjali li kienu jinħatru ta' kull sena mill-Granmastru.[3]

L-Università ta' Għawdex, bħal dawk ta' l-Imdina u tal-Belt Valletta waqfet fl-1798, mal-miġja tal-Franċiżi iżda reġgħet bdiet tiffunzjona wara l-irvell tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi u nafu li diġa kienet qed tiffunzjona fl-20 ta' Settembru 1798.[4]

Wara t-tmiem ta' l-imblokk (Settembru 1800) bdiet il-ħakma kolonjali Ingliża, u l-Università ta' Għawdex, bħal dawk ta' l-Imdina u l-Belt Valletta, baqgħet tiffunzjona sakemm tneħħiet mill-Gvernatur Sir Thomas Maitland b'effett mill-1 ta' Jannar 1819.[5] Matul dan il-perjodu l-ġurati u l-uffiċċjali tagħha kienu jinħatru mill-Kummissarju Ċivili Ingliż u wara mill-Gvernatur. Hekk insibu per eżempju li fl-24 ta' April 1803, il-Kummissarju Ċivili Ball ħatar lis-Sinjuri Giuseppe Bondì, Gregorio Bajada, Salvatore Cassar, u n-Nutar Giuseppe Mizzi bħala ġurati ta' l- Università.[6]

Il-Festa ta' Santa Marija

L-Università ta' Għawdex kellha diversi rabtiet mal-Knisja Matriċi u mal-festa ta' Santa Marija. Il-ġurati kellhom sede fissa fil-Knisja Matriċi minn fejn kienu jattendu għall-funzjonijiet. Fl-1800, kien jieħu ħsieb is-sedja, is-servjent tal-Matriċi Anġlu Pace, u ta' dan is-servizz kellu ħlas ta' 18-irbigħi fis-sena.[7]

L- Università kienet tieħu sehem sewwa fil-festa ta' Santa Marija. Hekk insibu li fl-1801 il-ġurati ta' l-Università flimkien ma' l-Arċipriet tal-Matriċi, l-Kan Dun Saver Cassar, marru Malta biex jistiednu lill-Kummissarju Ċivili Sir Charles Cameroon għall-festa ta' Santa Marija.[8] Il-ġurati reġgħu marru Malta fl-1802, din id-darba biex jistiednu lill-Kummissarju Ċivili Alexander Ball għall-istess festa.[9]

Iżda minbarra din l-istedina, il-festa ta' l-Assunta kienet tinvolvi l-Università fi spejjeż oħra. Hekk insibu li fl-1799, l-Università għamlet spiża ta' 154 skut u 9 irbigħi għall-festa ta' Santa Marija. Din l-ispiża kienet



Il-Banka Ġuratale, is-sede ta' l-Università

www.parishes.org.mt

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear & Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 2155-4719

ZA Zammit Aluminium Ltd.
'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex taghmel l-aperturi ta' l-ALUMINIUM u tixtieq ikollok l-ahhar teknologija bl-ahjar kwalita' u b'xoghol mahdum professjonali?

Ahna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:
- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkullok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*.

Għal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:
554058

www.gozocathedral.org.mt

tinkludi x-xiri ta' diversi paljijiet għat-tiġrijiet tal-festa, kif ukoll spiża ta' 17-il skud u 11-irbigħi biex jingħata bukkett lill-Kaptan Alexander Ball.[10]

Kemm għall-festa ta' Santa Marija ta' l-1807 u kemm għal ta' l-1808, kien hemm *Banda delli strumenti musicali* li l-ispiża tagħha thallset mill-Università.[11] Il-banda terġa tissemma fil-festa ta' Santa Marija kemm ta' l-1817 u kemm ta' l-1818 u l-ħlas reġa sar mill-istess Università.[12]

Il-ġurati kellhom ukoll id-drawwa li jdawwlu l-Banca Giuratale fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Hekk insibu li fl-1801 intefqet is-somma ta' 18-il skut, 8 irbieghi, u 6 ħabbiet biex saret il-mixgħela tal-Banca Giuratele, lejliet u nhar il-festa ta' l-Assunta.[13] Iżda sal-1817, dan l-ispiża kienet telgħet għas-somma ta' 47 skut u 3 irbieghi.[14]

Funzjonijiet Straordinarji

Iżda l-Università ġie li ħallset ukoll xi spejjeż biex saru xi funzjonijiet mitluba minnha fil-Knisja Matriċi.

Fl-1814, ir-raħal tax-Xagħra f'Għawdex inħakem minn imxija qerrieda tal-pesta.[15] Meta din l-imxija ntemmet, b'ringrazzjament il-ġurati għamlu ġurnata espożizzjoni fil-Knisja Matriċi. L-ispiża totali telgħet għal 34 skut u 4 irbieghi, u l-ħlas sar permezz ta' mandat maħruġ mill-Università lill-Kanonku Dun Gużepp Grech, il-Prokuratur tal-Knisja Matriċi.[16]

Tliet snin u nofs wara, fl-1818 fl-okkażjoni tan-nuqqas ta' xita l-Università għamlet tlett ijiem espożizzjoni fil-Knisja Matriċi u l-ispiża totali telgħet għal 43 skut u 7 irbieghi.[17] ◄

[1]S FIORINI "The Municipal Councils on the Maltese Islands. 1530-1800" in The Making and Unmaking of the Maltese Universities (Malta 1993) pp 13-17.

[2]A GAUCI "Gozo" (1969) p. 36 Il-'Banca Giuratale nbniet fl-1733 fuq id-disinn tal-Perit Francois de Mondion.

[3]Ara per eżempju L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) A(rkivju) O(rdni) M(alta). 589 f'306v insibu li fit-28 ta' Awwissu 1784, il-Gran Mastru Fr Emmanuel De Rohan, għamel il-ħatra ta' dawn l-erba' Ġurati għal Għawdex, Franġisku Gauci, Ġwanni Lanzon, Antonio Mallia u Bartilmew Busuttil. Fl-istess jum il-Granmastru ħatar dawn l-uffiċċjali – il-Kaptan, Żewġ imhallfin (Judices Idiotis), it-Teżorier, in-Nutar tal-Curia Gubernatoriale, in-Nutar tal-Ġurati, in-Nutar tas-Suppliki, żewġ uffiċċjali tas-Sanità, l-Avukat tal-Fqar, il-Prokuratur tal-Fqar, il-Kustodju tal-Bieb, u l-Maestro de Piazza.

[4]NAG (Arkivju Nazzjonali Għawdex), U(nivesitas) G(audisii) 187 (12), fejn insibu mandat bid-data ta' l-20 ta' Settembru 1798 bil-firma ta' żewġ ġurati Dr S. Fenech u Dr G. Grima.

[5]M(alta) G(ovt) G(azette) 6-1 1819 No 27.

[6]A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) PS/03/1p5.

[7]NAG, UG 187(12) Mandat 26-1-1801. Sa fl-1807 il-ħlas reġa' sar lil Angelo Pace. "servitore di questa S. Matrice ed Ins ... chiesa", iżda l-ħlas kien tela 6 skud, għal 2 skuti u 6 irbieghi - NAG, UG (188) (13) Mandat 13-1-1807 fol. 126r. Fl-1817 dan il-ħlas annwali li issa kien tela' għal 3 skudi sar lil Gabriele Sciberras, is-sagristan tal-Matriċi.

[8]NAG, UG 187 fol.14v, Mandat 8-VIII-1801.

[9]NAG, UG 188 (13) Mandat 11-VIII-1802 f'144. L-ispiża totali biex il-Ġurati marru sa Malta biex jagħmlu din l-istedina lill-Kummissarju Ċivili Ball telgħet għal 35 skud, din kienet tinkludi t-trasport bid-dgħajsa u kalessi.

[10]NAG, UG 187 (12) Mandato 21-II-1801.

[11]NAG, UG 188 (13) f'153r.

[12]Ibid. Mandato 19-VIII-1817, fejn insibu li l-ħlas għall-imsemija banda kien ta' 30 skud, Mandat 18-VIII-1818, fejn il-ħlas għall-banda kien ukoll ta' 30 skud.

[13]NAG, UG 187 (12) Mandato 26-VIII-1801.

[14]NAG, UG 188 (131) Mandato 19-VIII-1817, fejn insibu li l-ispiża għall-mixgħela lejlet u nhar Santa Marija kienet telgħet għal 47 skud u 3 tari.

[15] P CASSAR, "Medical History of Malta" (London 1964) p 185.

[16]NAG 188 (13) Mandato 24-IX-1814. Dan il-Mandat kien jinkludi ħlas ta' 5 skudi lill-patri predikatur.

[17]NAG 188 (13) Mandato 21-II-1818. Il-Mandat kien jinkludi dawn il-ħlasijiet, "Per affitto di damasco 6 scudi 3 irbigħi. Alli servienti della chiesa per aver messo e levato detto damasco 2 scudi. Per ricognizione alle tre signori Predicatori 15 scudi.



Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria





Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo
Tel: 21551234, Fax: 21552737

Your new property in Gozo will give you more satisfaction when you know you have the smartest available:

Light fittings from SILHOUETTE - The Light Shop

Domestic Appliances from FORESTALS - always better.

Free estimates, deliveries and connection of appliances

www.gozocathedral.org.mt

Il-Wirja ta' Santa Marija
Il-Mażunerija, u s-serviliżmu kolonjali

Il-Wirja ta' Santa Marija tmur lura talinqas sas-sena 1738. Fi djarju kontemporanju miżmum fl-arkivju tal-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta nafu li ta' nhar Santa Marija ta' dik is-sena kienet saret wirja ta' prodotti u ħxejjex fit-Tarag tal-Belt, it-tarag li mill-pjazza tat-Tokk kien iwassal sa quddiem il-pont li kien ħemm jaqsam il-foss taċ-Ċittadella.

In-nies mill-bidunett sejħulha **Il-Wirja ta' Santa Marija.** Kienet wirja tikber minn sena għall-oħra. Il-Wirja baqgħet issir anki wara l-1800, meta Malta u Għawdex għaddew taħt l-Ingliżi.

Fl-1851, il-Maġġur Ġenerali Sir William Reid laħaq Gvernatur ta' Malta. Fix-xhur ta' qabel laħaq gvernatur, hu kien membru tal-kumitat li kien qiegħed jorganizza dik li fl-istorja ingliża hi magħrufa bħala l-*Great Exhibition of London* tas-sena 1851. Meta ġie Malta kien mimli ħeġġa ħalli jara jagħmilx xi ħaġa simili f'dawn il-gżejjer. Immaġinaw l-istagħġib tiegħu meta kien mgħarraf li għal iktar minn mit sena, il-Għawdxin kienu b'mod spontanju jagħmlu **Il-Wirja ta' Santa Marija.**

Il-Gvernatur dlonk beda jaħdem biex jorganizzaha fuq linji professjonali u waqqaf kumitat apposta. **Il-Wirja ta' Santa Marija** saret għall-ewwel darba b'mod professjonali lejlet u nhar Santa Marija 1855. Sir William ħaqqu għalhekk it-tifhir ta' kulħadd għall-ħidma tiegħu biex iġib 'l quddiem il-prodott agrikolu Għawdxi.

Iżda kull ħaġa bl-imma tagħha. Meta ġew biex jagħtuha isem uffiċjali qatgħuha li ma jħalluhiex tissejjaħ iktar **Il-Wirja ta' Santa Marija.** Dan l-isem tal-Madonna kien jagħti fastidju mhux żgħir lill-mażuni li bihom kienet impestata Malta dik il-ħabta. Għalhekk biddlulha isimha u sejħula minflok *The Gozo Agricultural and Industrial Exhibition*, il-Wirja tal-Biedja u Snajja'.

Rebħa kbira tal-mażunerija u tal-kolonjaliżmu ta' l-Ingliżi. Ma kinitx din xi eċċezzjoni! Il-Belt Valletta l-istess għamlu. Strada San Kristofru, saret Christopher Street; Strada Żakkarija, Zachary Street u l-kumplament.

Wieħed jittama li fis-sena 2004, erbgħin sena wara l-indipendenza ta' Malta mill-Ingliżi, dan is-serviliżmu kolonjali jintemm għal kollox.

Is-sena d-dieħla **Il-Wirja ta' Santa Marija** taghlaq 150 sena minn meta bdiet tiġi organizzata fuq livell professjonali. Nittamaw li fit-tifkira li ssir, il-Kumitat ħabrieki juri li kapaċi jwarrab l-influwenza mażonika u kolonjali u jsejjaħ il-wirja kif issejħet sa mill-bidu u kif għadu jsejħilha l-poplu ta' Malta u Għawdex sal-lum, jiġifieri **Il-Wirja ta' Santa Marija.** ◄



Il-ftuħ u tberik tal-**Wirja ta' Santa Marija**, is-sena l-oħra.

Paradise Property

5 Sir Adrian Dingli Street,
Victoria, Gozo, Malta.

Tel: (+356) 2156-6680/1/2 Fax: (+356) 2156-6679
Mobile: (+356) 7946 9597, 9982 9759, 9987 5951

info@paradisepropertymalta.com | www.paradisepropertymalta.com

www.gozodiocese.org.mt

IL-KANUNI TAL-KATIDRAL

Ta' l-Espert ta'l-*English Heritage* ma jaqbilx

Kif ġieli għednielkom, bil-ħerqa kollha qed nistennew il-permessi relatati mal-proġett propost mill-amministrazzjoni tal-Knisja Katidrali. Hija ħaġa pubblika, li f'dan il-kuntest iltqajna kemm mal-Prim Ministru u kemm mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Kulħadd jaqbel li l-permessi għandhom jinġhataw. Meta se jinġhataw? Dik kwistjoni oħra! Xi whud spekolaw f'Mejju, oħrajn f'Ġunju, wasalna f'Awwissu u għandna b'xiber imnieħer.

Fil-frattemp minflok il-permessi mill-MEPA, irċivejna ittra mill-*Heritage Malta*. Għal min ma jafx il-*Heritage Malta* hija l-aġenzija nazzjonali għall-mużewijiet u l-wirt kulturali. Ma nafux jekk iċ-Ċittadella taqax f'idejhom. Jekk huma responsabbli minnha allura għandhom ħafna xi jwettqu f'dan il-lokal. Tafu daqsna bl-iżdingar li hemm fiċ-Ċittadella ta' Għawdex.

Espert tal-*Malta Heritage* jibżà juri ismu

Fl-ittra li minnha qed nitkellmu, iċ-Chairman tal-*Heritage Malta* kitbilna b'dan il-mod segwenti:

"As you know according to the Cultural Heritage Act of 2002 Heritage Malta is responsible for conserving Malta's cultural heritage.

It has been brought to the attention of the Board by our experts that the bronze cannon and undercarriages which date back to the times of the Order of St John in Malta and which are currently found in various parts of Malta and Gozo are undergoing irreversible damage due to their being exposed to the elements.

The Board of Heritage Malta has therefore decided that these cannons should be withdrawn without further delay and displayed in one of the Museums where they will be protected from the elements. It is thus the intention of Heritage Malta to remove the two canon which are found outside the Cathedral and placed on show in one of the Museums in Gozo.

Thanking you for your cooperation, I send my regards."

Fi ftit kliem "infurmawna" u mhux "ikkonsultawna". Fl-1970 l-Onor Anton Tabone, il-bniedem li dak iż-żmien kien ħa l-inizjattiva biex dawn il-kanuni jinġabu minn Malta, kien ikkonsulta l-amministrazzjoni tal-Knisja Katidrali. Erbgħa u tletin sena wara l-affarijiet jieħdu żvolta differenti. "Qed ninfurmawkom li fl-iqsar żmien possibbli sejrin jitneħħew il-kanuni minn quddiem il-knisja Katidrali biex jiġu mħarsa mill-elementi." Dan kien is-sugu ta' l-ittra mibgħuta lilna minn Dr Mario Tabone, iċ-Chairman ta' *Heritage Malta*.

Hu azzarda jirringrazzjana tal-kooperazzjoni. Ma jafx li ħaġa bħal din tmur kontra x-xewqa tagħna u għaldaqstant m'hux sejjer isib il-kooperazzjoni tagħna.

Alla ħares ta' l-*English Heritage* kellhom l-istess esperti ta' *Heritage Malta* – kieku l-kanuni imprezzabbli tat-*Tower of London* li jinsabu esposti għall-elementi kienu dlonk jiddaħħlu ġo xi mużew.

X'diżappunt minflok ma ngħatajna l-permessi ser jittieħdilna dak li ngħatajna snin ilu!!!

Dan hu l-qofol ta' artiklu deher fil-*Bullettin* tad-9 ta' Mejju 2004. *L-Għid ta' l-Assunta* tixtieq tistaqsi:


(1) Min kien l-espert li ta dan il-parir lill-*Heritage Malta*?
(2) Dan l-espert għandu l-krendenzjali meħtieġa f'din il-materja?
(3) Għaliex bdew mill-kanuni tal-Katidral ta' Għawdex u mhux dawk ta' l-Imdina jew ta' Kastilja?
(4) X'kienet il-pożizzjoni li ħa fil-kwistjoni r-rappreżentant tal-Ministru għal Għawdex f'dan il-Kumitat?

Espert tal-*English Heritage* ma jaqbilx

Robert Turner, casework consultant and master-class tutor ta' l-*English Heritage*, ikkonsultat dwar il-kanuni mill-awtoritajiet tal-Katidral, qalilna li ma jaqbilx ma' l-affermazzjoni ta' l-espert anonimu u li ma jridx juri ismu ta' *Malta Heritage*. Għalkemm żied igħid li biex jagħti parir eżatt ikun jeħtieġ li jara l-kanun materjalment.

Madankollu mill-ħafna ritratti li bagħatnielu tal-kanuni ikkonkluda li mhux qed issirilhom xi ħsara speċjali fit-tarag tal-Katidral. ◄

www.katidral.org.mt



Suppliment

Il-kampnar u l-qniepen ġodda tal-Katidral

IL-KAMPNAR TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

Majestuż, famuż, u mkabbar,
Għoli u b'xeħta ta' setgħan,
Int nisthajlek ġo dal-ġejjer
Tal-kampnari, is-sultan.

Holl ilsien il-qniepen tiegħek,
Ilħna kollha ferrieħija
Doqq għal Għawdex, doqq għal Malta
Għax dalwaqt Santa Marija.

Doqq minflok il-qniepen siekta
Ta' Ħad-Dingli u ta' Ħ'Attard,
Doqq lin-nies u farraġ qlubhom
U wegħidhom jiem bil-ward.

Doqq ukoll lin-nies tal-Mosta,
Wassal leħnek sa l-Imqabba,
Ferrex fl-arja sliem u hena,
Roxx bħal dari kwiet u mħabba.

Sawwab raxxa bews ġol-Gudja
U tinsiex li f'Għawdex tiegħek,
Iż-Żebbuġ qiegħed jistenna
Illi jaqsam dal-Għid miegħek.

Doqq għal Qrendi u għal Ħal-Għaxaq
U fl-Imġarr qis li tinstema',
Għax dar-rħula kollha jqimu
Lil Marija tielgħa s-sema.

Qlub imxerrda f'Malta kollha,
F'dawn il-jiem qtajja' mdawrin
Ma' l-istatwa tal-Madonna,
Biha mkabbra u mgħaxxqin.

Ferraħ Malta, ferraħ 'l Għawdex,
Idwi leħnek f'kull battal,
Hejji 'l qlubna għal din il-festa
O kampnar tal-Katidral!

Mary Meylak

www.gozodiocese.org.mt



Il-bini tal-forma tat-tieleț qanpiena Iosepha-Francesca.



It-tieleț qanpiena Iosepha-Francesca titnizzel taħt l-art biex tigi fonduta.



Ir-raba' qanpiena Ursola titpogga taħt l-art biex tigi fonduta.

www.gozocathedral.org

Asterisk

Merħba lil Kulħadd!

Il-Ġens Illum
Is-Sibt, 9 ta' Awwissu, 2003

Merħba lill-Maltin kollha li mill-bieraħ il-Ġimgħa bdew jiffullaw għal Għawdex għall-ġimgħa ta' Santa Marija. Kif setgħu jinnutaw dawk kollha li l-bieraħ kienu iċ-Cirkewwa, il-folol tal-Maltin lejn Għawdex bdew ġejjin mill-bieraħ…

Iżda ma nistax inkompli mingħajr qabel ma nsemmi ċ-ċerimonja impressjonanti li saret Pjazza Savina bħal-lum tmint ijiem, is-Sibt 2 ta' Awwissu, meta l-E.T. Monsinjur Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, bierek is-sett ġdid ta' qniepen li xtrat dan l-aħħar mill-Ingilterra l-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Kienet ċerimonja organizzata bi preċiżjoni f'kollox u mill-bidu sa l-aħħar. It-trasformazzjoni ta' Pjazza Savina f'teatru enormi b'palk kbir fuq quddiem bi spazju komdu u mimli siġġijiet għal ħafna mijiet preżenti kien verament magħmul tajjeb. Min kien involut għal din it-trasformazzjoni għandu verament biex ikun kburi bl-effett maħluq.

Iċ-ċerimonja, immexxija b'mod impekkabbli mill-preżentatur veteran ta' Malta Charles Arrigo, kienet mill-iktar pjaċevoli. Il-qari u d-diskorsi kienu qsar u interessanti. Is-siltiet mużikali mill-Banda Leone paxxew lil kulħadd. Ħadt gost nisma' mill-ġdid, l-*Omaggio a Gozo*, l-ewwel innu lill-Għawdex, li darba qrajt fuqu f'xi ktieb ta' l-istorja (ma niftakarx liema), iżda li qatt ma kont smajtu jindaqq f'ħajti. Kienet ħasra li l-kor wara l-banda ma kien jinstema' kważi xejn għax nifhem ma kienx hemm *microphone* ħdejhom. Infatti l-unika ħaġa li nista' nikkritika kien is-*sound;* minnaħa ta' Pjazza Indipendenza kien batut.

Id-daqq ta' l-ewwel tokk ta' kull waħda mill-ħames qniepen mill-Isqof Cauchi kien il-qofol ta' din iċ-ċerimonja li ma tantx naraw bħalha. L-organizzaturi ħaqqhom għalhekk tifħir tax-xogħol li għamlu biex din iċ-ċerimonja unika tirnexxi…

Steve Mallia

Bishop tries new bells for Gozo Cathedral

The Times
Monday, 4 August 2003

From his seated position under the war memorial in Savina Square, Victoria, attired in rich golden robes that were uncomfortably heavy for a hot, August night, Bishop Nikol Cauchi on Saturday presided over a ceremony to mark the long-awaited arrival of the Gozo Cathedral's new bells.

The five magnificent bronze bells, costing around Lm120,000, were presented to a distinguished and mass audience in the packed square, who were treated to the dulcet tones of the Cathedral choir as dusk fell fast on the Gozitan capital.

Wrapped like gifts in blue and white festoons with their makeshift stand in the square draped in yellow and white flags, the bells stood proud throughout a two-hour ceremony during which they were blessed by the bishop.

Mgr Cauchi was also the first to ring each bell, a process which became a little more tricky as he moved to the larger bells and his mitre tumbled to the ground as he rang the largest, bringing a welcome light moment to a formal occasion. He was followed by the Cathedral's archpriest, Mgr Joe Vella-Gauci, whose initiative it was to install the new bells.

In a brief speech the bishop said that the bells did not just have a voice, they spoke a language that could be heard by the public in times of joy and sorrow. However, he said, the bells also served a liturgical role as their sound before Mass pricked the conscience of the public to go to church.

"When we hear them, we should remember that we are one family," he said.

The new bells each have a name Maria Assvmpta, Ursula, Iosepha-Francisca, Pavla, and Aloysia and were built by British bellfounders Taylors of Loughborough, which operates the world's largest bellfoundry. Each one is decorated with a set of ornate canons bearing six cherubs, and a garland of English roses.

The decision was taken to replace the old bells after it was deemed that four of the five existing ones could not be restored to enable them to produce a satisfactory sound. They were taken down from the Cathedral last month.

The new bells will be hoisted into their tower well after the feast of Santa Marija, after the conservation and restoration on the entire structure of the Cathedral's campanile are truly concluded.

www.gozocathedral.gov.mt

Il-qniepen ġodda tal-Katidral mill-ewwel ħsieb sa l-ewwel mota

mill-korrispondenza u d-dokumentazzjoni uffiċjali

1999

- **17 ta' Settembru:** Kenneth Cauchi, kampanolloġista Malti u rappreżentant Malta tal-funderija *John Taylor Bellfounders Limited* ta' Loughborough, Leicestershire, ir-Renju Unit, bagħat ittra ta' introduzzjoni lil Monsinjur Joe Vella-Gauci, Arċipriet tal-Katidral, biex jiltaqa' mieghu formalment nhar it-22 ta'Settembru, imma din il-laqgħa ma saritx.

12 ta' Ottubru: Laqgħa mhux uffiċjali li seħħet fl-Isptar San Luqa, Gwardamanġja, bejn Cauchi u l-Arċipriet.

2000

- Matul din is-sena ma saret ebda laqgħa uffiċjali dwar il-proġett, iżda ż-żewġ partijiet baqgħu jaħsbu fuqu.

2001

- **5 ta' Ġunju:** laqgħa mhux uffiċjali fil-Katidral ta' bejn l-Arċipriet u Kenneth Cauchi.
- **26 ta' Ġunju**: Laqgħa uffiċjali bejn l-Arċipriet u Kenneth Cauchi li matulha sar survey dettaljat tal-qniepen il-qodma; ittieħdu il-qisien, il-frekwenzi akustiċi u d-dettalji storiċi. Irriżulta li l-qanpiena waħda biss, dik fonduta fl-1791 u magħrufa bħala l-ġdida, kellha potenzjal mużikali prospettiv.
- **10 ta' Lulju**: Kenneth Cauchi sawwar żewġ kunċerti mużikali madwar il-qanpiena l-ġdida fuq in-nota *Re*. Iż-żewġ akkordji mfassla kienu wieħed f'*Si bemolle* u l-ieħor fuq *Sol naturali*.
- **12 ta' Lulju**: Kenneth Cauchi ppreżenta rapport dettaljat dwar il-qniepen il-qodma, kif ukoll iż-żewg kunċerti mfassla għal madwar il-qanpiena il-ġdida.
- **8 ta' Settembru:** Jed Flatters, id-direttur tal-funderija *John Taylor Bellfounders Limited* ta' Loughborough, Leicestershire, ir-Renju Unit, waħda mill-iktar ditti rinomati tal-qniepen fid-dinja, għamel żjara uffiċjali lill-Arċipriet fil-Katidral; waqt li eżamina l-qniepen il-qodma fil-kampnar kienet murija lilu x-xewqa li jsir sett ta' ħames qniepen ġodda biex jikkumplimenta l-kampnar maestuż ta' Lorenzo Gafà.
- **16 ta' Diċembru**: Ippreżentat *recording* mudell tal-qniepen il-ġodda.

2002

- **31 ta' Mejju:** Iffissata laqgħa mal-Vigarju ġenerali u l-Arċidjaknu; iżda din thassret.
- **14 ta' Awwissu:** Laqgħa mhux uffiċjali bejn l-Arċipriet u Kenneth Cauchi.
- **30 ta'Awwissu:** Laqgħa uffiċjali bejn Kenneth Cauchi u d-dilettanti tal-qniepen tal-Parroċċa tal-Katidral. Tkellmu għan-nom ta' l-Arċipriet biex jiddiskutu xi dettalji tal-qniepen proposti. Il-membri kienu Emi Vella, Ġorġ Mercieca, Raymond Agius, u Fabienne Grech. Talbu fost l-oħrajn li jintbagħat sett ta' qniepen żgħar mudell tas-sett il-kbir.
- **11 ta' Settembru:** Il-Funderija Taylor ħarġet stima għas-sett ta' ħames qniepen ġodda u li kienu jiffurmaw akkordju fuq Sol naturali.
- **Tmiem Settembru:** L-Arċipriet ippreżenta rikors fuq il-proġett tal-qniepen lill-Monsinjur Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex.
- **7 ta' Ottubru:** Victor u Emi Vella telgħu Malta għas-sett ta' ħames qniepen żgħar li waslu mill-Ingilterra nhar l-4 ta' Ottubru.
- **10 ta' Ottubru:** Delegazzjoni mmexxija mill-Arċipriet niżlet Malta ħalli żżur il-parroċċa tas-Salvatur, Hal Lija biex tara u tisma' l-qniepen idoqqu, qniepen li ukoll jiffurmaw akkordju in Sol.
- **1 ta' Novembru:** Mibgħuta żewg kopji tal-kuntratt tal-qniepen il-ġodda.
- **31 ta' Diċembru:** Laqgħa uffiċjali bejn l-Arċipriet, Dun Victor Vella, u Kenneth Cauchi fejn kienu diskussi diversi klawsoli tal-kuntratt.

2003

- **10 ta' Jannar:** Jed Flatters, id-direttur tal-Funderija Taylor, jagħmel it-tieni żjara uffiċjali fil-Katidral. Fl-istess jum inħatar Kumitat *ad hoc* biex jieħu ħsieb il-proġett tal-qniepen. Kien iffurmat mill-Arċipriet, Fabienne Grech, l-Ispiżjar Joe Abela, Raymond Agius, Ġorġ Merċieċa, u Emi Vella. Sar ukoll l-ewwel tentattiv għall-iffirmar tal-kuntratt; iżda dan ġie pospost għall-għada, 11 ta' Jannar b'effett mill-15 ta' Jannar.
- **11 ta' Jannar:** Fuq l-istima ppreżentata mill-Funderija Taylor fil-11 ta' Settembru, sar l-iffirmar tal-kuntratt tal-qniepen il-ġodda fl-Awla Kapitulari, fil-erbgħa ta' wara nofs in-nhar. Għall-Katidral, dehru l-Arċidjaknu Giovanni Bosco Gauci u l-Arċipriet, filwaqt li għall-Funderija Taylor dehru Jed Flatters, id-Direttur u Kenneth Cauchi. L-iffirmar sar fil-preżenza tal-Kumitat maħtur apposta. Filgħaxija l-Arċipriet ħabbar uffiċjalment il-proġett tal-qniepen waqt Ikla Parrokkjali organizzata f'Palazzo Margherita Ta' Sannat, fil-preżenza ta' Flatters u Cauchi.
- **15 ta' Jannar:** Daħal fis-seħħ il-kuntratt. Waqt xandira speċjali minn fuq Radju Katidral fi programm speċjali *Seba' snin wara …* fl-okkażjoni tas-seba' anniversarju mill-ħatra ta' Joe Vella-Gauci bħala arċipriet, il-pubbliku kien mgħarraf li tliet qniepen kienu diġà mogħtija: iż-żgħira mill-ispiżjar Joe Abela u martu; it-tieni minn Ġanni Schembri u martu; u t-tielet minn Dun Frangisk Saliba u mill-Arċipriet.

www.ozanamnet.com.mt

• **19 ta' Jannar:** Tqassmet ħarġa speċjali tal-*Bullettin* b'suppliment dwar il-proġett tal-qniepen ġodda.

• **Bidu ta' Frar:** Il-Funderija *Taylor* tissottometti d-dekorazzjoni ta' l-iskultur David Tarver għal fuq il-qniepen il-ġodda filwaqt li l-arċipriet issottometta d-disinji ta' Pawlu Camilleri-Cauchi bl-istemmi tal-Papa, ta' l-Isqof Cauchi, tal-Kapitlu Katidrali, ta' l-arċidjaknu, u ta' l-arċipriet. Il-Kumitat, b'konsultazzjoni mar-Rev. Dr Joseph Bezzina, kiteb l-iskrizzjonijiet għal fuq il-qniepen, u wara li kienu konklużi, intbagħtu lil-Latinista Horatio Caesar Roger Vella ħalli jsiru bil-Latin. Dawn reġgħu kienu riveduti minn Dun Bezzina u ntbagħtu lill-Funderija Taylor.

• **23 ta' Frar:** Ippubblikati l-ismijiet u l-iskrizzjonijiet tal-qniepen.

• **24 ta' Marzu :** Twieldet il-qanpiena ż-żgħira *Aloysia.*

• **6 ta' Mejju:** Twieldu t-tieni u t-tielet qanpiena: *Paula* u *Josepha-Francisca.*

• **8 ta' Mejju:** Festa tal-Madonna ta' Pompej; indaqqu għall-aħħar darba il-qniepen il-qodma.

• **24 ta' Mejju:** Titwieled ir-raba' qanpiena: *Orsola.*

• **Tmiem Mejju:** L-Imgħallem Jimmy Ciantar iniżżel il-qanpiena iż-żgħira minn fuq il-kampnar.

• **Mejju-Diċembru:** Xogħol estensiv ta' restawr fil-kampnar tal-Katidral. Ix-xogħol beda fit-tarag li jwassal għall-kampanar minn Joseph Haber u Toni Buhagiar. L-armar għar-restawr tal-kampnar ntrama minn Mario Vella u l-lavranti tiegħu li għamlu wkoll ħafna xogħol ta' tikħil. Il-ġebel tas-samm li ntuża fil-kampnar mal-piramida nħadem minn Raymond Bonello u ħuh Karmnu u l-ġebel ħasbu għalih id-Ditta Gatt (ta' Ġannmarija). Ix-xogħol ta' bennej sar minn Wiġi Vella (ta' Qniepen) u t-tifel tiegħu Mark. ħafna mill-armar kien ipprovdut mid-ditti Caruana Brothers (tal-Billi) u mid-ditta Magro Brothers (tal-Mayor Foods). Joe Bonnici (ta' Pietru) u Frankie Vella (tal-Qalfat) għamlu x-xogħol kollu tal-ħadid. Il-bżonnijiet kollha ta' l-injam saru minn Victor Vella (ta' Mabbli). Ix-xogħol elettriku fuq il-kampnar sar minn Mark Vella (ta' Qniepen). Emmanuel Grech (ta' Mallia) ta l-ħbula kollha għall-qniepen b'xejn.

• **27 ta' Ġunju:** Fil-Funderija *Taylor* ġara inċident waqt li kienet qiegħda tiġi fonduta l-qanpiena l-Kbira.

• **30 ta' Ġunju:** Il-Direttur tal-funderija għarraf lill-arċipriet bl-inċident u qallu li ma setgħetx tittieħed deċiżżjoni fuqha qabel il-qanpiena tinħareġ mill-forma imħabba l-fatt li kienet għadha taħraq ħafna.

• **2 ta' Lulju:** Titwieled il-qanpiena l-Kbira: *Maria Assumpta.* Instab li ffurmat bil-kuruna b'kollox. Il-funderija avżat lil Kenneth Cauchi li għalkemm il-qanpiena dehret tajba kien għad iridu jsiru aktar testijiet fuqha wara li tibred.

• **4 ta' Lulju:** L-Imgħallem Jimmy Ciantar meġjun minn diversi voluntiera niżżel il-qanpiena il-ġdida u tal-quddies mill-kampnar.

• **6 ta' Lulju:** Grupp ta' Ġitanti mmexija mill-arċipriet jitilqu għall-Ingilterra biex jagħmlu żjara l-Funderija *Taylor.*

• **9 ta' Lulju:** Biex ikun aċċertat li l-Katidral ikollu l-aħjar prodott, saru testijiet iktar mis-soltu fuq il-qanpiena l-Kbira. Id-ditta qatgħetha li l-qanpiena ma kinitx tal-livell mixtieq u ddeċidiet li l-qanpiena ssir mill-ġdid. Kien deċiż ukoll li l-qanpiena xorta tintbagħat Għawdex biex il-festi setgħu jsiru xorta waħda. L-arċipriet kien infurmat bid-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi u wera apprezzament kbir lejn ir-responsabbiltà li wrew id-diriġenti ta' Taylor.

• **10 ta' Lulju:** Il-ġitanti waslu fi Queen's Park, Loughbourough u ttellgħu fil-*Carillon Memorial Tower* li jżomm fih 47 qanpiena ta' Taylor. Il-ġitanti kellhom ix-xorti jisimgħu l-*Innu Malti* jindaqq fuq dawn il-qniepen.

• **10 ta' Lulju:** Il-ġitanti waslu l-funderija ta' *Taylor* għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart u ddaħħlu jaraw il-qniepen imżejna bil-liedna. It-tielet u r-raba' qanpiena iddendlu minn *overhead crane,* waqt li t-tnejn iż-żgħar kienu fuq strippi apposta biex setgħu jindaqqu.
Waqt trasmissjoni diretta fuq Radio Katidral, indaqqet mota ferrieħja. Id-Diretturi ġenerali tal-Funderija Alan Berry u Ray Lester għamlu diskors ta' l-okkażjoni. L-arċipriet wera l-apprezzament tiegħu għan-nom tal-parruċċani tal-Katidral.
Il-ġitanti kellhom l-opportunità li jiflu l-qniepen, iduru l-Funderija, u jaraw il-manifattura tal-qniepen. Minn dan il-post storiku ħarġu mhux inqas minn 103 qniepen għall-gżejjer Maltin. Il-ġitanti kellhom ukoll ix-xorti li jżuru l-Mużew tal-funderija.

• **12-13 ta' Lulju:** Ikompli l-inżul tal-qniepen il-qodma mill-kampnar li tqiegħdu fil-maħżen tal-ispiżjar Joe Abela fi triq Marsalforn.

• **14 ta' Lulju:** Laqgħa ma' l-Isqof fejn kien mgħarraf bil-proposta tal-Funderija. L-Isqof wera l-apprezzament kbir tiegħu lejn il-mod professjonali u responsabbli li l-Funderija ħadet rigward tal-qanpiena l-Kbira biex taċċerta li kollox ikun ta' l-aqwa kwalità.

• **21 ta' Lulju:** Il-qniepen ħallew il-Funderija Taylor fil-ħamsa u n-nofs ta' wara nofsinhar.

• **29 ta' Lulju:** Fil-għaxra neqsin għaxra ta' fil-għodu, il-qniepen waslu l-Port il-Kbir ta' Malta minn Genova abbord il-vapur *Maltese Falcon.*

• **30 ta' Lulju:** Il-qniepen ittieħdu Hal Far għand il-White Brothers, fejn intrama t-travu fuq il-kuruna tal-Kbira.

• **31 ta' Lulju:** Il-qniepen tqiegħdu fuq trailer biex jiġu ppreparati ħalli jittieħdu Għawdex. Fl-erbgħa ta' wara nofsinhar, beda il-carcade lejn iċ-Ċirkewwa mnejn tgħabbew fuq il-vapur lejn l-Imġarr. Il-parruċċani tal-Katidral mal-Banda *Leone* laqgħu l-ħames qniepen b'ferħ liema bħalu. Waslu Pjazza Savina tard bil-lejl fejn intramaw fuq ħames pilastri tal-ġebel.

• **1 ta' Awwissu:** Kotra kbira ta' nies tat titwila sa

www.stpaulsbulletin.mt




Pjazza Savina waqt it-tberik tal-qniepen (2 ta' Awwissu 2003).




Il-qniepen imdendla ma' ark trijonfali fi Pjazza Savina (2 ta' Awwissu 2003).

www.stpaulsbay.org.mt



L-Isqof ibierek lil Ursola, ir-raba' qanpiena (2 ta' Awwissu 2003).



It-tlugħ tar-raba' qanpiena Ursola fil-kampnar (16 ta' Diċembru 2003)

www.gozocathedral.org.mt

Pjazza Savina biex tara il-qniepen ġodda esebiti.

• **2 ta' Awwissu:** JUM IT-TBERIK TAL-QNIEPEN mill-Isqof Nikol Cauchi ta' Għawdex, fil-preżenza tal-Kapitlu Katidrali, ta' għadd sabiħ ta' mistednin distinti, u ta' folla kbira. Fi tmiem il-funzjoni (ara ż-żewġ rapporti f'dan is-suppliment), indaqqet mota twila solenni. Wara sar riċeviment fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Iktar tard il-qniepen tniżżlu minn fuq il-pilastri u ttieħdu fil-maħżen ta' Victor Vella fi Triq Ta' Kerċem.

• **6 ta' Awwissu:** Fuq xewqa tal- parruċċani, il-qniepen tqieghdu fuq il-mina tal-Pjazza tal-Katidral kmieni filghodu.

• **9 ta' Awwissu:** Il-qniepen indaqqu fuq il-mina għall-ewwel darba u komplew jindaqqu tul il-jiem tat-Tridu.

• **14-15 ta' Awwissu:** Solennità ta' Santa Marija. Il-qniepen komplew sebbħu ċ-Ċittadella bid-daqq armonjuż tagħhom.

• **16 ta' Awwissu:** Il-qniepen tniżżlu minn fuq il-mina għall-maħżen Victor Vella.

• **25 ta' Awwissu:** Kenneth Cauchi beda x-xogħol ta' restawr fuq il-hames qniepen il-qodma fil-maħżen ta' l-Ispiżjar Joe Abela fi Triq Marsalforn.

• **30 ta' Awwissu:** Ix-xogħol ta' restawr fuq il-qniepen il-qodma ntemm.

• **13 ta' Novembru:** Fonduta mill-ġdid il-qanpiena l-Kbira. L-arċipriet mgħarraf li kollox mar kif ippjanat.

• **20 ta' Novembru:** Il-qanpiena il-Kbira d-difettuża inħarġet mill-maħżen ta' Vella tard bil-lejl u fil-għodu kmieni tniżżlet Malta minn Caruana Brothers (tal-Billi) għand il-kumpannija Attrans.

• **23 ta' Novembru:** Il-qanpiena ħalliet Malta abbord il-Vapur *Maltese Falcon* għall-Ġenova.

• **30 ta' Novembru:** Titwieled il-qanpiena l-Kbira l-ġdida. L-arċipriet mgħarraf li kollox kien sew u l-qanpiena laħqet il-livell mixtieq.

• **30 ta' Novembru:** Il-qanpiena d-difettuża waslet il-Funderija flimkien mat-travu u l-ilsien. Il-Mastru Fonditur qata' wieħed mill-anġli tal-kuruna tagħha biex jingħata b'tifkira lill-Mużew tal-Knisja Katidrali.

• **1 ta' Diċembru:** Il-qanpiena d-difettuża nqerdet minn kumpannija speċjalizzata f'Leicester.

• **8 ta' Diċembru:** Il-qanpiena l-Kbira inqalbet rasha 'l isfel u tqieghdet fuq it-torn biex jinbeda il-proċess ta' l-intunar mis-sinjuri Steve Fletcher u Andrew Higson.

• **11-12 ta' Diċembru:** L-ewwel tentattiv biex jittellgħu l-ewwel erba' qniepen fil-kampnar. L-operazzjoni kellha titħassar minħabba riħ qawwi. L-arċipriet żar il-Funderija akkumpanjat minn Victor Vella, l-ispiżjar Joe Abela u Anton Caruana.

• **15 ta' Diċembru:** Il-qanpiena l-Kbira ħalliet il-funderija għall -ħabta tal-ħamsa ta' fil-għaxija.

• **16 ta' Diċembru:** Ittellgħu l-ewwel tliet qniepen. Iż-żgħira thalliet fil-maħżen ta' Vella.

• **22 ta' Diċembru:** Il-qanpiena l-Kbira waslet Malta fid-disgħa u nofs ta' fil-għodu abbord il-vapur tal-*Grimaldi Lines*. Il-qanpiena twasslet Hal Far għall-ħabta tas-sagħtejn. Fl-erbgħa nfetaħ il-kontejner u tgħabbiet immedjatment fuq it-trakk ta' Caruana Brothers immexxi minn Anton Caruana tal-Billi. Il-qanpiena tgħabbiet fuq il-vapur tas-sitta. Ittellgħet mill-Imġarr b'*carcade*. Ir-Rabat intlaqgħet mill-Banda Leone u fi Pjazza Savina saret iċ-ċerimonja tat-tberik mill-Isqof Cauchi. Wara saret il-preżentazzjoni ta' wieħed mill-anġli tal-qanpiena d-difettuża lill-arċidjaknu.

Dritt wara l-qanpiena ttellgħet il-Pjazza tal-Katidral fejn kien hemm krejn lest biex tittella' fil-kampnar imħabba l-biża' ta' maltemp. L-apparat tat-tlugħ kien kollu mħejji mill-voluntiera tal-parroċċa tal-Katidral immexxija mill-imgħallem Jimmy Ciantar. Il-qanpiena bdiet tielgħa fil-kampnar għal-ħabta tal-ħdax u għaxra ta' bil-lejl u damet tielgħa madwar tliet minuti. Ftit wara li nġibdet ġol-kampnar infethu bwieb is-sema, prova ċara ta' kemm Santa Marija kienet magħna.

• **23 ta' Diċembru:** ġurnata ta' riħ qawwi ħafna u kesħa kbira. Kien żarmat it-travu l-kbir li tqieghed fil-kampnar ħa jtella' l-qniepen.

• **24 ta' Diċembru:** Lejlet il-Milied. Ikompli l-maltemp. Tittella' l-qanpiena ż-żgħira fis-sieghа ta' wara nofsinhar u wara ttellgħu u twaħħlu l-ilsna kollha tal-qniepen. L-ilsien tal-Kbira ddendel għall-ħabta tas-sitta ta' fil-għaxija.

Il-qniepen indaqqu għall-ewwel darba f'mota twila u solenni li bidet fit-tmienja u baqgħet sejra sa nofs il-lejl, mal-bidu tal-funzjoni solenni tal-lejl tal-Milied.

Fi tmiem il-funzjoni f'diskors imqanqal u kommoventi, l-arċipriet radd ħajr lil kull min ta sehmu biex dan il-proġett irnexxa mija fil-mija, filwaqt li wera l-apprezzament kbir għas-serjetà tal-Funderija *Taylor* biex tat lill-parruċċani tal-Katidral dak li tabilhaqq jistħoqqilhom.

• Informazzjoni teknika dwar il-qniepen il-ġodda mill-kbira saż-żgħira.

	Nota	Intervall	Dijametru•mm	Piż •kg
1	G	Bass	1955	4275
2	B	Third	1551	2550
3	D	Fifth	1320	1285
4	G	Octave	990	570
5	B	Aug Third	800	310

Meta Sajjetta laqtet il-Kampnar tal-Katidral ta' Għawdex

kitba ta'
Victor Vella-Muskat

L-24 ta' Mejju, 1923, kienet festa pubblika peress li f'dan il-jum kienet tiġi ċċelebrata l-Empire Day. Kien jum ta' maltemp bix-xita u s-sajjetti.[1] Din il-maltempata kienet tinħass sewwa fiċ-Ċittadella tant li wieħed mill-Monsinjuri, li dak il-ħin kienu qegħdin fil-kor għall-kant tal-matutin, resaq lejn Monsinjur Ġużeppi Cefai (ta' Pixwa), li f'dak il-jum kien il-preminent[2] u talbu biex ikomplu sejrin biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kunventwali sabiex b'hekk jiffrankaw li, f'dak il-maltemp kollu, ma' jkollhomx iterrqu għal darb'oħra, 'l isfel u 'l fuq, lejn il-Katidral. Mons. Cefai, hekk kif spiċċa l-kant tal-matutin, xiref barra minn waħda mit-twieqi tal-Katidral, u peress li f'dak il-ħin ix-xemx feġġet momentarjament minn bejn is-sħab u x-xita kienet naqset xi ftit, hu ma tax il-permess meħtieġ u għalhekk il-monsinjuri kellhom joħorgu mill-kor u jmorru lejn djarhom biex imbagħad jerġgħu jitilgħu għall-quddiesa kunventwali.[3]

Sajjetta tal-biża'

Kienu madwar is-7.15 ta' filgħodu meta sajjetta laqtet il-kampnar tal-Katidral u waqqgħet biċċa mill-pilandra, li kienet għolja 24 filata, ħarqet l-indoratura ta' madwar l-eroini tal-lunetti[4] u għamlet ħsara lill-arżella tal-kor.[5] B'xorti tajba, is-saħħa tas-sajjetta tefgħet kważi l-ġebel kollu tal-piramida fit-triq fuq il-ġenb tat-tramuntana tal-Katidral, Triq il-Fosos.[6] Li l-ġebel waqa' fuq in-naħa l-oħra, inħalli lilkom timmaġinaw xi ħsarat setgħu jsiru bil-probabbli sfrundar tas-saqaf tal-'koppla' u l-konsegwenzi diżastruži kollha li dan kien iġib miegħu. Kellhom tassew xortihom tajba wkoll il-monsinjuri li, minħabba id-deċiżjoni ta' Mons. Cefai, f'dak il-ħin kienu boghod sewwa minn kull periklu.

Għal xit-7.45 ta' filgħodu xi kanonċi marru għand l-Isqof Djoċesan, li dak iż-żmien kien l-E.T. Mgr. Ġwanni Marija Camilleri biex jagħtuh tagħrif dwar il-ħsarat li kienet ġarrbet il-knisja katidrali, b'mod speċjali l-kampnar. L-isqof mill-ewwel ta direttivi sabiex l-imgħallem bennej Vitor Vella,[7] li dak iż-żmien kien qed jaħdem fil-bini tal-knisja "Ta' Pinu", jiġi temporanjament trasferit għall-Katidral sabiex jirrestawra l-kampnar għal kif kien qabel.[8] Fl-istess intervall, ċċattament fis-27 ta' Mejju, 1923, l-Arċidjaknu Lwiġi Vella u l-Kantur Lwiġi Cordina ġew deputati mill-Kapitlu, imlaqqa' b'urġenza f'kollejta, biex jieħdu ħsieb jaraw li terġa' tinbena l-piramida tal-kampnar.[9]


Vitor, skond kif ordnat mill-isqof djoċesan, waqaf mill-bini tal-knisja Ta' Pinu' biex ikun jista' jiġi r-Rabat u jibda x-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-piramida tal-kampnar tal-Katidral[10]. L-ewwel ma għamel kien li żarma l-armar li kellu Ta' Pinu u ġarru lejn il-Katidral. Il-ħaddiem li kien jieħu ħsieb jarma u jżarma l-armar kien Wiġi Axiaq (tas-Sekwest) li kien joqgħod Wied Sara[11]. Vitor beda x-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-piramida tal-kampnar fit-28 ta' Mejju, 1923. Hu ġab minn Ta' Pinu xi whud mill-ħaddiema li kellu jaħdmu miegħu, tmienja b'kollox,[12] fosthom sitt naġġara. Hu ħa ħsieb ukoll li jġib il-permessi meħtieġa mingħand il-pulizija biex ikun jista' jingombra t-triq bil-ġebel sakemm idum tiela' x-xogħol. Ngħatalu permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jokkupa sitt jardi kwadri tat-triq għal erbgħin ġurnata bil-ħlas ta' 3d (Lm0.01,3) kuljum. Hu kien ukoll jieħu ħsieb jordna u jħallas għall-ġebel meħtieġ u ordnat mill-barrieri. Wara kien jiġi rimborsat mill-kapitlu ta' l-ispejjeż kollha li jkun għamel.

Fil-bini tal-piramida ġew użati b'kollox 232 qasba ġebel li qamu £15-9s-4d. (Lm15.46,7m). Vitor kien imħallas sitt xelini (30ċ) kuljum - b'kollox tħallas ta' 37 ġurnata xogħol, jiġifieri £11-2s-0d. (Lm11.20). Ix-xogħol tal-bini tal-piramida tlesta fis-7 ta' Lulju, 1923 u qam b'kollox £77-2s-8d. (Lm77.13,3)[13]. Wara



Ir-restawr tal-kampnar.

www.stpaulcathedral.mt



Il-qanpiena l-kbira Marija Assunta qed tiġi intonata.

li tlesta x-xogħol, l-armar ġie żarmat u nġarr lura lejn Ta' Pinu biex jintrama mill-ġdid fil-knisja, biex b'hekk Vitor seta' jkompli x-xogħol tiegħu fil-bini ta' dan is-Santwarju.

Kemmxejn iktar għoli

Kemm dam jibni Ta' Pinu, Vitor kien imur għax-xogħol u jiġi bil-mixi. Hafna drabi, waqt li filgħaxija kien ikun ġej lura lejn id-dar kien jiltaqa' ma' devot kbir tal-Madonna ta' Pinu, Dun Ġużepp Gatt (tal-Qasam), li bħal Vitor kien ikun sejjer lura lejn daru f'Santa Luċija, wara li jkun għamel viżta lis-Santwarju.

Darba minnhom, waqt li kienu mexjin flimkien, Dun Ġużepp staqsa lil Vitor, jekk lill-pilandra tal-kampnar tal-katidral kienx għolliha b'xi filata. Qabel wieġbu, Vitor ried ikun jaf għax saritlu dik il-mistoqsija. Dun Ġużepp wieġbu li fiż-żmien qabel is-sajjetta, meta bit-teleskopju tiegħu kien iħares lejn il-kampnar, biex jiċċentrah kien ipoġġi t-teleskopju f'ċertu anglu mentri issa, wara r-restawr li għamel Vitor, qed ikollu ipoġġi t-teleskopju f'anglu differenti. Vitor, bi tbissima fuq xofftejh, qallu li l-osservazzjonijiet ta' Dun Ġużepp kienu flokhom għaliex il-pilandra li bena Vitor kienet fil-fatt ogħla minn dik ta' qabilha. Imma dan ma seħħx għax Vitor żied xi filata imma sempliċement għax hu kien żied il-ħxuna tat-tajn ta' bejn il-filati. U hekk, għalkemm in-numru ta' filati baqa' l-istess, iż-żieda fl-għoli tat-tajn ġiebet magħha żieda fl-għoli tal-pilandra biex b'hekk għamel lill-kampnar aktar maestuż u dominanti milli kien qabel.[14]

Wara wieħed u tmenin sena jikkombatti l-elementi fil-quċċata tal-ġżira Għawdxija, ma setax jonqos li din il-pilandra ma ssofrix ħsarat kawżati mill-elementi. Għalhekk matul din is-sena 2004 saru dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet neċessarji biex din il-piramida tibqa' tiddomina l-orizzont Għawdxi għas-sekli li ġejjin. Dan seħħ billi ġew mibdula l-ogħla għaxar filati, it-tlieta ta' taħt reġgħu saru tal-franka filwaqt li s-sebgħa ta' fuq saru tal-granit.[15]

[1] Anton Buttiġieġ - Mill-Album ta' Ħajti, Toni l-Baħri Malta 1978 - L-Ewwel Ktieb paġ.67

[2] Preminent huwa l-kanonku l-iktar anzjan fost il-kanonċi preżenti. F'dan il-każ il-kelma "anzjan" tittieħed fis-sens ta' meta l-kanonku ħa pussess tal-kanonikat tiegħu. Ħajr lil Mons Anton Gauci ta' l-informazzjoni li għaddieli

[3] Tagħrif mogħti lili minn Mons Ġużeppi Gauci li kien semagħħa minn għand Mons. Paolo Cauchi, wieħed mill-Monsinjuri preżenti fil-kor f'dik il-ġurnata.

[4] Dawn l-erba' eroini Deborah, Ġuditta, Ester u Ġaele huma xogħol il-pittur Malti Ignazio Cortis. Saru maħwar is-snin 1886-1888 u qamu £48. Il-kapitlu kien ipprovda somma ta' £60 sabiex dawn il-lunetti setgħu jsiru. Ara Gauci Anton Gozo, a Historical and Tourist Guide to the Island Malta 1966 - paġ.35 u l-Għid ta' l-Assunta 15 ta' Awwissu, 1967 paġ.5 taħt is-sena 1886.

[5] Tagħrif mogħti lili mis-sur Mikelanġ Saliba (in-Neni) fit-22 ta' Ottubru, 2001.

[6] Mikelanġ Apap Il-Ħajja f'Għawdex, Nru.769 Mejju 1995, paġ.13

[7] Vitor Vella twieled iż-Żebbuġ, Għawdex fl-1878. Huwa qatta' ħajtu fuq xogħol ta' bini fi knejjes kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Fost dawn ta' min isemmi l-Parroċċa ta' San Girgor ta' Kerċem, il-Parroċċa ta' Kristu Salvatur tal-Għasri, il-Bażilika Santwarju "Ta' Pinu" u l-Parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ, Għawdex. Hu miet fl-1956 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija.

[8] Tagħrif mogħti lili minn Mons. Ġużeppi Gauci.

[9] Anton Gauci Dun Alwiġ ta' Savina Għawdex 1999 - paġ.99.

[10] Arkivju Katidral ta' Għawdex Ms137z3, mhux impaġinat.

[11] Tagħrif mogħti lili minn Mons Ġużeppi Gauci.


[12] Dawn kienu Franġisk Farruġia, Ġużepp Formosa, Ġorġ Debrincat, Ġużepp Sultana (ta' Ċaflisu), Ġużepp Camenzuli, Ġużepp Sultana, Mariano Saliba u Ċensu Gatt - Ara Arkivju. Katidral ta' Għawdex Ms137z3, mhux impaġinat

[13] Ibidem.

[14] Tagħrif mogħti lili minn Mons Ġużeppi Gauci.

[15] Tagħrif mogħti lili minn Wiġi Vella, il-bennej inkarigat mix-xogħol ta' restawr.

www.gozocathedral.org.mt



Ir-raba' qanpiena Ursola fil-Funderija imżejna biex tindaqq għall-ewwel darba flimkien maż-żgħira, it-tieni, u t-tielet, f'Lulju 2003, mill-grupp ta' parrucċjani li telgħu ma' l-arċipriet fil-funderija ta' John Taylor.



It-tieni qanpiena Pawla titpoġġa f'postha (16 ta' Diċembru 2003).




It-tlugħ tal-qanpiena l-kbira Marija Assunta (22 ta' Diċembru 2003, bil-lejl).



It-Tieni, it-Tielet, u l-Kbira fil-kampnar.

www.cathedral.org.mt



• Nota ta' Dun Tony Mercieca. Il-poeżija fl-ewwel paġna tas-suppliment, dehret fil-*Leħen is-Sewwa* tat-12 ta' Awwissu 1941. Billi l-kampnar msemmi għadu kemm ġie restawrat u mgħammar bi qniepen ġodda rajna li jixraw nistampawha b'tifkira.

• Ritratt tal-faċċata: Daniel Cilia. Ir-ritratti l-oħra kollha: Emi Vella.

www.gozoarchdiocese.org.mt

Hamsa u Għoxrin sena ilu :

IL-FTUĦ TAL-MUŻEW TAL-KATIDRAL

kitba ta'
Monsinjur Joseph Bezzina

Kien il-Ħadd, 21 ta' Ottubru 1979, solennità ta' Sant'Orsla, patruna ta' Għawdex. Fit-tmiem il-pontifikal ta' l-okkażjoni, l-E.T. Monsinjur Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, fliġkien mal-kapitlu, ħareġ mill-Katidral u mar fi triq il-Fosos, fejn saret l-inawgurazzjoni tal-Mużew tal-Katidral. Jien dak inhar kont preżenti u, lejn tmiem il-proġett, kont wieħed minn dawk li ħadmu ħafna ħalli x-xogħol fuqu jintemm fl-iqsar żmien possibli. Għalhekk dak inhar rajt ħolma li kienet tiegħi ukoll isseħħ.



Is-sala tal-pittura.

Storja twila u iebsa

Il-ħtieġa tal-mużew tal-Katidral kienet ilha tinħass sa mill-bidu tas-seklu għoxrin. Fil-bidu tas-snin għoxrin, lejn l-aħħar tat-tmexxija djoċesana ta' l-Isqof Ġwanni-Marija Camilleri (1889-1924), il-kapitlu kien iddeċieda li jwaqqa' n-naħa ta' wara tal-kor u jibni żewġ swali mdaqqsin għal mużew. Hekk sar, iżda mbagħad it-tmexxija ta' l-Isqof Camilleri ġiet fit-tmiem u miegħu anki l-proġett tal-mużew.

Jidher li l-Isqof Mikiel Gonzi ma tantx ħeġġeġ għal dan il-għan. Talinqas tul it-tmexxija tiegħu tad-djoċesi ta' Għawdex (1924-44) ma sar xejn. Il-kmamar li nbnew bl-approvazzjoni ta' l-Isqof Camilleri bdew jintużaw bħala maħżen ieħor, kif niftakar tajjeb ħafna jien stess. Wara Gonzi, mexxa d-djoċesi l-Isqof Ġużeppi Pace. Mill-kitbiet u dokumenti oħra li waslulna, ma jidhirx li dan l-isqof qatt ippromova l-idea tal-mużew. Nghidu ħa kif inhi, tul it-tmexxija tiegħu (1945-1967), kellu ħafna inkwiet parrokkjali u qisu qajla kellu ħsieb il-mużew. Iżda l-mużew xtaqu u ħalla s-slabeb pettorali u l-mitri kollha li kellu għal futur mużew.

Jidher li fost il-membri tal-Kapitlu Katidrali lanqas kien hemm tant ħeġġa biex isir dan il-mużew. Infatti rarament kien jissemma fil-laqgħat kapitulari. Hekk talinqas ninsab infurmat. Barra dan kien żmien diffiċli għall-Katidral għax l-arċiprieti tiegħu, minkejja li kienu jitħallsu mill-katidral, qajla kienu jinfunzjonaw fil-Katidral u qajla kien sejjer jinteressahom jitħabtu ħalli jifthu mużew.

Il-veru ħidma għall-mużew tal-Katidral bdiet fl-1967 mal-ħatra ta' Monsinjur Nikol Cauchi bħala isqof ta' Għawdex. L-idea ħareġ biha u ħadmu fuqha, l-arċidjaknu Monsinjur Ġwanni Bosco Gauci u Monsinjur Karm Scicluna, l-ewwel vigarju parrokjali u wara arċipriet tal-Katidral. Il-Kapitlu, b'vot unanimu, approva l-proġett tal-mużew f'laqgħa li saret fid-9 ta' Frar, 1969.

Il-mużew kien ippjanat fl-istess post tas-snin għoxrin, iżda sar kollox mill-ġdid. Inbena mill-bennej Karlu Vellu fuq pjanta tal-Perit Joseph Dimech. It-twaqqigħ tal-post beda fit-2 ta' Novembru, 1970, u sa sena wara, il-bini kien lest. Iżda x-xogħol ta' ġewwa ħa bil-wisq



Il-benefatturi tal-Katidral fil-Mużew.

www.hozoqinbaladna.mt

Ta Dolindo

George Farrugia

fi Pjazza San Ġorġ

Għal isbaħ għażla ta deheb isfar u abjad ta' 18 il-karat.
Ftaħna ħanut tal-fidda 925 Sterling bieb ma' bieb mal-ħanut tad-deheb.
Issibu l-isbaħ u l-orħos għażla ta' Souveniers ta' Preċett, Griżma u Tiġijiet

For your Shopping convience and value on Groceries shop at

St. Mary Supermarket

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21551025

www.gozocathedral.org.mt

iktar milli kien previst – tmien snin b'kollox. Jien kont wieħed minn ħafna li għint anki manwalment biex ix-xogħol jitħaffef. Fl-aħħar il-jum mistenni wasal.

Tliet swali, tliet taqsimiet

Il-mużew hu imqassam fi tliet swali. L-ewwel sala, is-sala tad-dħul, hi mimlija oġġetti ta' kull xorta. L-iktar li jolqtu l-għajn huma xi kolonni rumani tat-tempju Ruman li kien hemm fejn illum hemm mibni l-Katidral; il-karrozzella ta' l-isqfijiet ta' Għawdex; u l-artal tal-ġebel tal-knisja qadima ta' San Martin.

It-tieni sala, fuqnett, hi l-pinakoteka tal-mużew, ġabra ta' pitturi reliġjużi u oħrajn minn Għawdex kollu u oġġetti ta' arti. L-iktar importanti huma ċertament il-polittiku ta' Santa Marija, il-kwadru titulari qadim tal-Katidral; il-ħarba lejn l-Eġittu, il-kwadru l-qadim tal-kappella ta' San Ġużepp taċ-Ċittadella u wieħed mill-iktar sbieħ tal-ġżira; u xogħol prezzjuż tal-bizzilla Għawdxija.

Is-sala ta' isfel hi t-teżor tal-Katidral. Ta' min isemmi fuq kollox ir-relikwarju l-qadim bi xbieha antikissima tal-Madonna; ġabra ta' utensili reliġjużi tal-fidda f'kaxxa apposta moghtija mill-Isqof Pietru Pace; u s-sett gandlieri ta' fidda mastizz li jintramaw fuq l-artal maġġur tal-Katidral għall-festa ta' Santa Marija.

Ċkien

Tul il-ħamsa u għaxrin sena li ilu miftuħ, kienu diversi l-parruċċjani tal-Katidral li ħallew oġġetti prezzjużi lill-mużew. J'Alla iktar nies jitħeġġu jagħmlu hekk.

Iżda minħabba l-għotjiet li saru, il-mużew ċkien u teżisti problema kbira għaliex m'hemmx fejn tkabbar. Jagħmel għalhekk tajjeb il-Kapitlu Katidrali li jibda jiffaċċja din il-problema. Is-soluzzjoni m'hix faċli, iżda xejn ma hu impossibli.

Jagħmel ukoll tajjeb il-Kapitlu jekk jippromwovi *Għaqda ħbieb Mużew tal-Katidral*. Kull fejn saru dawn il-għaqdiet dejjem ħallew ħafna frott. Hekk il-mużew tal-Katidral jibqa' għal tul is-snin il-vetrina tal-Knisja Għawdxija. ◄



Is-sala ta' l-arkivju fl-Mużew.



www.gozocathedral.org.mt

DIGITAL Prints

DVD AUTHORING
COLOUR PHOTOCOPYING


From your Digital Camera:
Smart Media - CD - Diskette

CORDINA PHOTO MARKET

laboratory

34, Main Gate Street, Victoria, Gozo tel: 21 556270 / cpmimaging@yahoo.com

1 HOUR PHOTO DEVELOPING & PRINTING



www.gozocathedral.org.mt

HAMSA U GĦOXRIN SENA ILU :

MIT-TWAQQIF TAL-LIBERIJA PUBBLIKA TAL-KATIDRAL (1979 - 2004)

kitba ta'
Anton Farrugia

Din is-sena (2004), il-Librerija Pubblika tal-Katidral tagħlaq ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha.

Il-bidu

Kien fis-seklu l-ieħor, għall-aħħar tas-sebgħinijiet, meta l-arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Pawlu Cauchi (1896-1980) offra bħala donazzjoni l-kotba kollha li kellu lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex. In-numru ta' dawn il-kotba kien kbir,'l fuq minn tlett elef, barra numru kbir ta' rivisti, ġurnali, u *memorabila* oħra li llum saru materjal arkivjali. Nistgħu ngħidu li din l-għotja ta' Dun Pawl kienet il-bidu, kienet iż-żerriegħa li minnha nibtet il-Librerija Pubblika tal-Katidral.

It-tieni fażi fl-iżvilupp ta' din il-librerija seħħ ukoll fis-sena 1979. Il-Wisq Reverendu Tony Mercieca, saċerdot li kien jaqdi l-missjoni pastorali tiegħu fil-belt ta' Miami ġewwa Florida fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, inzerta ġie Għawdex għal vaganza ta'xahar. Meta kien qed idur fl-*annex* tal-Katidral, preċiżament fil-lokal fejn sal-lum għadu jissejjaħ "id-Dar ta' Patri Alan", u ra dawk il-kaxxi ta' kotba li Dun Pawl kien ta lill-Katidral, hemmhekk u dak il-ħin stess, ġietu idea stupenda li jibda jibgħat ħafna kotba mill-Istati Uniti ta' l-Amerika biex jiżdiedu ma' dawk li diġà kien hemm u tiġi ffurmata librerija parrokkjali.

Father Tony, qalilna wara, li mhux biss l-għotja ta' Dun Pawl li ħajritu jgħin fl-iżvilupp ta' din il-librerija, imma wkoll dik ir-riżoluzzjoni li kienet ittieħdet fis-sena 1975 fl-aħħar laqgħa tal-Kungress Pastorali t'Għawdex li kienet tgħid hekk:

F'kull parroċċa ta' Għawdex għandha tiġi stabbilita librerija parrokkjali li tinkludi fiha numru mdaqqas ta' kotba interessanti kif ukoll pubblikazzjonijiet oħra li permezz tal-qari tagħhom il-parruċċani, speċjalmemt iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jkattru l-kultura tagħhom."

Il-Librerija fiċ-Ċentru

Mill-1979 sallum, ħamsa u għoxrin sena wara, il-Librerija tal-Katidral għaddiet minn numru ta' fażijiet u sitwazzjonijiet ta' żvilupp li wassluha biex tkun fl-istat ta' kobor u effettività li għandha llum. Il-Librerija kienet qed tikber minn xahar għall-ieħor. Ġiet allokata kamra kbira fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral fi Triq l-Arċipriet Saverju Cassar, tefgħa ta' ġebla' l bogħod mill-Pjazza tat-Tokk (illum Pjazza Indipendenza) fil-Belt Vittorja biex il-kotba jiġu esposti fuq numru konsiderevoli ta' xkaffi.

Bdew jagħmlu użu minn din il-librerija mhux biss il-parruċċani tal-Katidral imma nies minn kull parroċċa oħra t'Għawdex. Bosta studenti ta' l-iskejjel sekondarji, tas-Seminarju u anke ta' l-Università bdew jagħmlu użu mis-servizzi li tagħti l-Librerija. Fil-Librerija kienu jsibu materjal biex jagħmdu proġetti, *assignments,* u anke teżijiet. Il-kumitat li jieħu



Librerija mmexxija bil-voluntiera.

www.assunta.org.mt


BOOKWORM STATIONERY

Republic Street, Victoria (hdejn il-B.O.V.)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.

Ejja ara l-varjeta' ta' *items* li ghandna

U l-prezzijiet li noffru.



Tel: 21556215, 21563328

Bookworm Stationery isir il-hanut favorit tieghek ukoll.

BARGATE BOOKSHOP



VICTORIA - GOZO

For all your stationery needs. . .

G. Borg Olivier Str., Victoria.

Tel: 2155-8645 Mob: 9944-7625

www.gozocathedral.org.mt

ħsieb il-librerija ħass il-bżonn li jagħmel żewġ ħwejjeġ (1) li jżid kmamar oħra ma' li kien hemm biex tiġi estiża l-librerija, (2) li jbiddel l-isem tal-librerija u flok Librerija Parrokkjali tal-Katidral issir Librerija Pubblika tal-Katidral. Għaldaqstant, fis-7 ta' Ġunju 1987, l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Mons Nikol Ġ Cauchi inawgura sala kbira oħra li ġiet attrezzata b'numru kbir ta' xkaffi. Hekk, il-Librerija setgħet tkompli tilqa' fiha l-kotba li dejjem baqgħu jiżdiedu. Din il-kamra kienu jgħidulha "is-Sala tal-Kunċerti" għaliex fiha kienu jsiru l-kunċerti tal-Banda Filarmonika "Leone" meta ċ-Ċentru Parrokkjali kien għadu l-każin u s-*Cinema* tas-Soċjetà Leone.

Kif għedna qabel, il-benefattur ewlieni tal-Librerija Pubblika tal-Katidral, sas-sena 2000, kien Fr. Tony Mercieca. Mill-Amerika huwa baghat eluf u eluf ta' kotba u rivisti fuq kull suġġett immaġinabbli. Kien jibgħat ukoll *sound cassettes, video cassettes,* diski u *diskettes, visual aids* u *memorabilia* oħra. Naħseb li ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li sa l-aħħar tas-seklu għoxrin, Fr. Tony kien baġtilna mas-70% tal-kotba kollha li kellna fil-Librerija. Konna spiċċajna s-seklu b'103,000 ktieb.

Niftakar, meta beda jiffunzjona f'Għawdex il-*Gozo Centre* ta' l-Università ta' Malta konna bgħatna messaġġ urġenti lil Fr Tony biex jikkonċentra l-iżjed fuq kotba akkademiċi ta' livell terzjarju. Fr Tony laqa' t-talba tagħna b'mod iżjed milli stennejna. Bdew jaslu mill-Amerika aktar kotba tal-filosofija, soċjoloġija, psikoloġija, kotba dwar l-edukazzjoni, u t-teknoloġija ta' l-informatika.

Naturalment, billi l-Librerija tal-Katidral kienet (u għadha) librerija tal-knisja, l-enfasi dejjem kien fuq kotba u materjal reliġjuż teoloġija, spiritwalità, Sagra Skrittura, Storja tal-Knisja, ħajjiet tal-qaddisin, eċċ. Matul is-snin, Fr Tony baghat ukoll numru mdaqqas ta' enċiklopediji (aktar minn għaxra), fosthom l-*Encyclopedia Britannica,* il-*World Book Encyclopedia,* il-*Catholic Encyclopedia, l-American Encyclopedia,* u oħrajn.

Il-Librerija f'binja apposta

Il-Librerija tal-Katidral baqgħet tiffunzjona fiċ-ċentru tal-belt Victoria sas-sena 1999. Il-Kumitat li jmexxi din il-Librerija, taħt il-presidenza ta' Mons Joe Vella Gauci, l-arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral kienu persważi li l-Librerija ma setgħetx tibqa' fejn hi, mhux biss minħabba l-limitazzjoni ta' l-ispazju imma wkoll minħabba n-nuqqas ta' facilità tal-*parking* tal-karrozzi ta' dawk li jiġu mill-irħula biex jinqdew bis-servizzi tal-Librerija.

Għaldaqstant, fis-sena 1998, il-parroċċa tal-Katidral, ovvjament bl- approvazzjoni u l-għajnuna finanzjarja tar-Reverendissmu Kapitlu ta' l-istess Katidral, xtrat lokal kbir fil-periferija tar-Rabat li b'kollox ġie jiswa l fuq minn Lm70,000. Dan il-lokal jikkonsisti f'żewġ imħażen kbar li minn Triq Qasam San Ġorġ iwasslu sa Triq Kerċem. Dan il-lokal kien destinat biex ikun il-post il-ġdid tal-Librerija tal-Katidral.

Hawnhekk irrid insemmi żvilupp ieħor ta' interess u ta' vantaġġ kbir għal-Librerija. Fl-1997, l-iskola tal-bini ġewwa Għawdex għalqet u ma baqgħetx tiffunzjona. Il-Parroċċa tal-Katidral talbet lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni kif ukoll lill-Ministeru għal Għawdex biex żewġ għalliema li kienu saru *redundant* jiġu trasferiti ħalli jaħdmu fil-Librerija Pubblika tal-Katidral. Dawn iż-żewġ ministeri laqgħu t-talba tal-parroċċa tal-Katidral. Għal dan il-ġest tabilħaqq siewi, jiena, f'isem il-kumitat li jmexxi l-Librerija kif ukoll f'isem dawk il-mijiet li jagħmlu użu mil-Librerija, nesprimi il-ħajr tagħna liż-żewġ ministeri li ġentilment qed jirrikonoxxu s-servizz kbir li qed tagħti l-Librerija lill-poplu Għawdxi kollu bla ebda distinzjoni ta' parroċċa jew klassi.

Biex il-materjal tal-Librerija tal-Katidral inġarr kollu miċ-ċentru tar-Rabat għal Triq Qasam San Ġorġ ħa sitt xhur sħaħ. Fix-xahar ta' Awissu tas-sena 1999 il-Librerija kienet mill-ġdid lesta biex taghti s-servizzi tagħha lill-klijenti tagħha. L-i*speaker* tal-Parlament Malti, l-Onorevoli Anton Tabone, inawgura il-lokal il-ġdid u wara ġie imbierek mill-Vigarju Ġenerali Mons Giov Bosco Gauci li hu wkoll l-Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Katidral.

Matul dawn il-ħamsa u għoxrin sena li għaddew, il-Librerija kellha l-kittieb ta' dan l-artiklu bħala librar jaħdem *full time* fuq bażi ta' volontarjat.

Matul dawn is-snin huwa dejjem kien meġħejun minn staff ta' mhux anqas minn għaxar persuni li fuq bażi volontarja ukoll jaqdu lill-pubbliku bħala *book deliverers.* F'xi żmenijiet fl-imgħoddi, il-Ministeru għal Għawdex kien ukoll jipprovdi numru ta studenti

www.biccatholic.org.mt

For Fresh Fruits, Vegetables,
and for the best Sheep's
Pepper Cheese, Dry and Fresh
also Capers and Dried Tomatoes

VISIT

JOE SCHEMBRI' STORE

'Tal' Midlieł
at 6 St. Joseph Street,
Victoria, Gozo.
Mobile: 79591527
Tel: 2155-7284

BL

Bastion Lace

Maria Mizzi

Wholesaler and Retailer in
Maltese Bobbin Lace

Bieb Ilmdina Street,
Citadel, Gozo, Malta.
Tel 2156-1471
2156-8353
E-mail: gaolace@email.com

Café del Mar

Marsalforn Bay, Island of Gozo - Tel: 21 558 461

For all kind of Real Furniture with affordable prices

PINE FOREST

PINE FOREST

Joseph Borg

67, Pjazza l-Assedju ta' Ghawdex 1551, Victoria, Gozo - Malta
Tel: (00356) 21563372, Fax: (00356) 21565665, Mob: 7929 4530
Email: pineforestmalta@yahoo.com - Website: www.pineforest-gozo.com

www.gozocathedral.org.mt

bħala *summer workers* biex jgħinu fix-xoghol tal-Librerija matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu.

Matul dawn il-25 sena li għaddew il-Librerija Pubblika tal-Katidral organizzat numru kbir u varjat ta' korsijiet edukattivi f'bosta suġġetti. Insemmu xi ftit Ingliż: Taljan, Franċiż, Ġermaniż, Spanjol, korsijiet xjentifiċi u tekniċi bħal ma huma fiżika, kimika, bioloġija, radju u *computer*. Ma rridx ninsa nsemmi li għal bosta snin wara xulxin fil-*premises* tal-Librerija kienu jsiru korsijiet tar-reliġjon mhux biss għat-tfal li ser jersqu għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, imma ukoll għall-istudenti kandidati għall-eżamijiet tar-reliġjon, livell ordinarju u livell avanzat.

150,000 ktieb

Fil-mument li qed nikteb dan l-artiklu, il-Librerija tal-Katidral tippossiedi 'l fuq minn 150,000 ktieb irreġistrati. Dan in-numru kbir ta' kotba jagħmel lill-Librerija tal-Katidral bħala l-akbar waħda fost il-25 libreriji Pubbliċi li għandna f'Għawdex. Kull ktieb li hemm fil-Librerija ġie mogħti minn xi benefattur jew benefattriċi. U l-kotba dejjem deħlin! Fuq il-




Dehra ġenerali tal-librerija.

classification label li tiġi mwaħħla n-naħa ta' ġewwa ta' kull ktieb ikun hemm miktub l-isem u l-kunjom tad-donatur jew donatriċi.


Fl-aħħarnett, permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nistieden lil dawk kollha, Għawdxin u Maltin, li jixtiequ jżuruna biex matul din is-sena anniversarja ma jibqgħux lura li jaslu waqt sa Triq Qasam San Ġorġ u jaraw b'għajnejhom il-kobor u l-organizzazzjoni tal-Librerija. Jien ċert li jibqgħu impressjonati. ◄







www.gozoathedral.org.mt









www.gozocathedral.org.mt

IL-LITURĠIJA TAL-QARI TAS-SOLENNITÀ TAT-TLUGĦ FIS-SEMA TA' MARIJA

Il-Knisja tiċċelebra s-solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija nhar il-ħmistax ta' Awissu. Jekk niflu sewwa l-Liturġija tal-Kelma tal-quddiesa ta' din il-festa naraw kemm hija għanja u x'messaġġ għandha għalina llum.

Din il-festa għandha l-Vġili tagħha. Dan ifisser li barra l-quddiesa tal-jum hemm quddiesa oħra li tintuża lejlet is-solennità, qabel jew wara l-Ewwel Għasar. Għalhekk b'kollox jinqraw tmien biċċiet mill-Iskrittura jiġifieri l-ewwel qari, is-salm responsorjali, it-tieni qari u l-Evanġelju għal darbtejn. Nistgħu nagħdu li l-Liturġija tal-Kelma għandha tliet temi li jintrabtu mat-tlugħ ta' Marija fis-sema. Dawn huma: i) Marija hija l-Arka tat-Testment il-ġdid; ii) Kristu għamel rebħa kbira fuq il-mewt; iii) Il-qdusija u l-fidi kbira li kellha Marija.

Marija hija l-Arka tat-Testment il-ġdid

Proprju din it-tema hija ttrattata fl-ewwel qari tal-Vġili u tal-jum. Il-qari tal-Vġili huwa meħud mill-ktieb tal-Kronaki (1 Kron 15, 3-4, 15-16, 16, 1-2) u mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin (1 Kor 15, 54-57). Is-Salm Responsorjali 131 tal-Vġili jittratta din it-tema. Is-silta tal-Vġili meħuda mill-ktieb tal-Kronaki tirrakkonta fuq il-festa li għamel is-sultan David meta ħa l-arka li fiha kien hemm it-twavel tal-Patt fit-tinda tal-Mulej. Marija hija l-Arka tat-Testment il-ġdid. Hija laqgħet fi ħdanha għal disa' xhur lil Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk kien jixraq li tidħol fil-glorja ta' Alla bir-ruħ u l-ġisem. Jekk nistudjaw l-Iskrittura b'mod dettaljat naraw li l-Arka tal-Patt qatt ma waqgħet f'idejn l-għedewwa u ġiet moħbija mill-Profeta Ġeremija bit-tama li għad tqum glorjuża. Din l-idea narawha riflessa fl-ewwel qari tal-jum meħud mill-ktieb ta' l-Apokalissi: "Infetaħ it-Tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-arka tal-patt tiegħu fit-Tempju" (Apok 11, 19a). Marija bħall-Arka li kienet magħmula mill-injam tal-gazzi ma ratx it-tabsir tal-qabar iżda ttieħdet mill-anġli fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Kristu għamel rebħa kbira fuq il-mewt

Kemm is-silta tal-Vġili u kemm tal-jum huma meħuda mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin. Fis-silta tal-Vġili (1 Kor 15, 54-57) San Pawl donnu jinki l-mewt li issa, wara l-qawmien ta' Kristu, tilfet is-saħħa tagħha u jgħidilha: "Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt in-niggieża tiegħek?" (1 Kor 15, 55). Dan ma jfissirx li n-nies ma jibqgħux imutu iżda Kristu rebaħha billi qam mill-imwiet. U l-qawmien tiegħu huwa garanzija tal-qawmien tagħna wkoll. Dan il-ħsieb insibuh fit-tieni qari tal-quddiesa tal-jum fejn San Pawl jgħid lill-Korintin: "Ħuti: Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel fost dawl li raqdu. Għax jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd kif imissu: l-ewwel Kristu wara, dawk li huma ta' Kristu, meta jerġa' jiġi" (1 Kor 15, 20-23). San Pawl jitkellem ċar. Ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt hija għalina. U nistaqsu. Jekk Kristu weġħidna li fl-aħħar jum għad inqumu b'ġisem glorjuż, min ħlief Marija setgħet tgawdi l-aktar minn din ir-rebħa U proprju Marija li ġabet lil Kristu fid-dinja, rabbietu u offrietu bħala sagrifiċċju fuq il-Kalvarju, sthaqqilha li titella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Dan ifisser li ma' Kristu, Marija għamlet rebħa kbira fuq il-mewt. Imma tajjeb li niċċaraw ftit. Marija rebħet il-mewt għax qdiet fedelment il-pjan ta' Alla u għalhekk kien jixraq li kif Kristu rebaħ il-mewt, u mieġħu rebħet Marija billi tiġi meħuda s-sema mill-anġli bir-ruħ u l-ġisem.

Il-qdusija u l-fidi li kellha Marija

Il-Vanġelu tal-Vġili jirrakkonta kif waħda mara refgħet leħinha mill-folla u qalet lil Ġesù: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt." Iżda hu qalilha: 'Imma tassew, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha' (Lq 11, 27-28). Santu Wistin jikkummenta fuq din is-silta billi jgħid: 'Dak li Alla ra kbir fiha, kien li dejjem għamlet ir-rieda ta' Alla u mhux li ġisimha ta t-twelid lill-ġisem ieħor.' Imbagħad il-Vanġelu tal-jum huwa ż-żjara ta' Marija lil Sant' Eliżabetta. F'din is-silta naraw it-tislima ta' Santa Eliżabetta li mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu qaltilha: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħu" (Lq 1, 42) li m'huwiex għajr Sidna Ġesù Kristu. Imbagħad Marija lissnet il-Magnificat. Fih stqarret iċ-ċokon tagħha quddiem l-għeġubijiet li Alla għamel magħha fl-Istorja tas-Salvazzjoni. Marija ttieħdet is-sema bir-ruħ u l-ġisem għax kienet umli kif stqarret hija stess: "Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla ċ-ċkejknin" (Lq 1, 52-53). Is-Salm Responsorjali tal-jum għandu bħala tema lil Marija bħala l-għarusa magħżula u mbierka minn Alla.

Il-messaġġ tal-qari għall-ħajja ta' kuljum

Marija ttellgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem għax issieħbet fil-misteru ta' Kristu. Jekk aħna nimxu fuq il-passi ta' l-Evanġelju u nkunu devoti ta' Marija ser nirbħu l-mewt. Dan ma jfissirx li sejrin nibqgħu ngħixu f'din id-dinja, imma mmutu bit-tama li fl-aħħar jum ser inqumu b'ġisem glorjuż. Fl-aħħar għad naslu f'Ġerusalemm tas-Sema li hija mimlija bil-glorja ta' Alla fejn ma hemmx tbatija iżjed. Dan l-istat ta' Marija mqajma u glorjuża huwa mfisser b'lingwaġġ simboliku mis-silta ta' l-Apokalissi li tinqara fil-quddiesa tal-jum: "U deher sinjal kbir fis-sema: mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (Apok 12,1).

Jalla dawn is-siltiet sbieħ mill-Iskrittura jgħinuna nifhmu t-tifsira tat-tlugħ glorjuż ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. ◄



Ta' Nisju

for Best shopping

Ladies, Fashion Wear
Teens Casual Wear
Curtains and Carpets


St. George's Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 2156-4166
Fax: 2155-6334

VELLA SERVICE STATION

For Self Service Gasoline and fine Car Products

Fortunato Mizzi Street,
Victoria VCT 111, Gozo.
Tel: 2155-6128



Cafe Royal

5, Independence Square,
Victoria, Gozo.
Bar and Cafeteria

The Place with a warm and friendly atmosphere

CHERISH MEMORIES

Corner Shop
at Charity Street, Victoria.

Specializes in Souvenirs, Invitations, Gifts for Wedding, Baptisms and other specials

Fresh Flowers For any Occasions.

tel: 2155-7635 / 2155-1991

Bargain Shop

Tal-Lira Items also available

71, Palm Street, Victoria
tel. 2155-0915

www.gozocathedral.org.mt

MARIJA MTELLGĦA S-SEMA BIR-RUĦ U L-ĠISEM

kitba ta'
Joe Chetcuti
PRO tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex f'Malta

Nifirħu fil-Mulej, f'din is-solennità tal-Verġni Marija. Għaliex? "Għaliex f'lemintek is-Sultana, imżejna bid-deheb ta' Ofir". Illum nagħmlu kuraġġ, nersqu lejn Marija Mtellgħa' s-Sema u nagħmlulha tliet mistoqsijiet.

(1) Xi jfisser għalik, O Omm tagħna, it-Tlugħ tiegħek fis-Sema ?

Ifisser li Ġesù rxuxtat, daħħalni naqsam miegħu mill-qawmien tiegħu. Fit-tmiem tal-ħajja tiegħi ħadni bir-ruħ u bil-ġisem fis-sema, tani l-glorja divina u eterna u għamilni sultana ta' l-univers kollu. Id-dawl tal-Għid jiddi fuqi għal dejjem.

(2) Xi jfisser għalina, O Omm tagħna, it-Tlugħ tiegħek fis-Sema ?

Id-destin iffortunat ta' l-omm isir destin ta' l-ulied tagħha. Alla jħobb lilhom wkoll totalment ruħ u ġisem u jħobbhom għal dejjem, lilhinn mill-mewt. Alla jħobbhom bi mħabba li ma tispiċċa qatt.

Miegħi intom tkunu tistgħu tiggustaw minn issa l-qawmien tagħkom, il-glorja eterna tagħkom. Għaliex fejn hemm l-Omm, hemm ukoll ikunu l-ulied.

Illum meħtieġ li jifraħ kulħadd, iżda fuq kollox jifirħu l-ommijiet kollha, bħalma Ġesù ħabb u gglorifika lili hekk ukoll iħobb u jigglorifika bi glorja immortali lill-ommijiet kollha nsara.

Illum jeħtieġ li jifraħ kulħadd, b'mod speċjali dawk kollha li jbatu. Anke jiena soffrejt ma' Ġesù. Min jieħu sehem fis-salib tiegħu żgur li jieħu sehem ukoll fl-glorja tiegħu u fil-ferħ li ma jispiċċa qatt. Anke l-ġisem imfejjaq jieħu sehem fl-glorja ta' Kristu Rxuxtat.

Illum jeħtieġ jifraħ kulħadd, iżda l-aktar il-moribondi. Il-mewt intrebħet għal dejjem. Jiena ninsab ħawn fl-ġenna u nilqagħkom ilkoll bi imħabba kbira u kollha ħniena.

3. O Omm x'inti tagħmel fis-Sema ?

Jiena qed nagħmel il-parti ta' omm spiritwali ta' kollha kemm huma l-bnedmin. Meta tlaqt id-dinja, jiena ma ħallejtomx iltiema – għalkemm jiena issa qed ngħix u naqsam kollox ma' Alla, jiena nista' ngħin lil kulħadd, kullimkien u f'kull ħin.

Jiena l-Omm li teduka għall-fidi. Jiena l-għalliema li ngħinkom tikbru fil-Vangelu. Jiena l-oħt li tfarrag u li tagħti tama sħiħa lil kull min jeħtieġha. Jiena l-gwida zgura li twassal sas-sema.

Dejjem, u b'mod speċjali llum, aħna msejjħin sabiex nagħmlu festa – din il-festa bdiet b'Marija u tkompli anke bina u għalina.

Hija festa għax hija l-festa ta' Ommna li diġà qed tgawdi lil Alla. Hija l-festa li tfakkarna fil-festa ta' dejjem li aħna għad nieħdu sehem fiha għall-eternità. ◄

PLAYPEN
Toys & Stationery
30, Main Gate Street, Victoria, Gozo. Tel: 2156 1107
Toys, Gifts & Novelities, Cards for all Occasions
Designer Satchels & Accessories, New Back to School Stock just arrived,
Coloured & B&W Photocopy, Binding & Lamination
Goggles & Flippers & Swimming Aids.

www.gozocathedral.org.mt

Mille Piedi

99a, Palm Street, Victoria, VCT 103,
Gozo, Malta.
Tel/Fax: 2155 7430 Mob: 9985 7762
Email: michaelgrech@waldonet.net.mt

For Exclusive Elegant Wear

Beaver
The Fashion Place

2 St George Square, Victoria.
Tel: 2155-1287

FLAMINGO BAR

Piazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel. 563784

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sat-tard bil-leji

Special Attractions

Snacks

Drinks

Naccettaw Parties

See You There !

Forno Da Montaparo Pub & Restaurant

25, Marina Street, Marsalforn
Tel/Fax: 21565140 - Mob:79047320
e-mail: ilforno@keyworld.net

www.gozocathedral.org.mt

TOTA PULCHRA ES, MARIA

Peożija ta'
Mons. Gużeppi Farrugia-Gioioso

Tant hu sabiħ il-ġmiel li bih mar ħejnek
Alla l-Imbierek, għajn ta' kull sbuħija,
Li m'hawnx ma' min inxebbhek, O Marija,
Ma nsib imkien min jista' joqgħod fejnek.

Kull ħlejqa hi kemm hi bil-ġmiel moghnija,
Bħal-lejl min-nhar iddub u tgħib imnejnek,
Għax ġmielek hu ġmiel ta' bejn Alla u bejnek
Biss u ta' l-ebda ħlieq li d-dinja fiha.

Għalhekk kulħadd fis-sema u fl-art imsaħħar
Wara dak ġmielek, 'l Alla jmur ifaħħar,
Li għamel mieghek ħwejjeġ kbar, tal-għaġeb,

Li bihom kull min sema', bihom stagħġeb,
U mar xandar li ġmielek ġmiel il-ġenna,
Li jghaxxaq 'l Alla u bik kulħadd jithenna. ◄

The Showcase
...where Giftware means Luxury!
SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS & CANE FURNITURE (GOZO) LTD.
Shops: 11, 30, 32, 72, 101,
Palm Street, Victoria, VCT 103,
Tel: 2155 4137, 2155 6493
email: sciclunajg@vol.net.mt

www.gozoarchdiocese.org.mt

Ħamsa u Għoxrin qassis:

DUN MANWEL MAGRO

Dun Manwel Magro, Ph.D., M.S.L.S., twieled fit-28 ta' Diċembru 1955, Ir-Rabat, Għawdex minn Ġużepp u Rita Magro. Hu attenda l-iskola tal-*Lyceum* fir-Rabat, Għawdex u s-Seminarju ta' Għawdex. Kien ordnat saċerdot fit-28 ta' Ġunju 1979. Dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu mar il-Ġermanja għal xogħol pastorali fl-arċidjoċesi ta' Kolonja. Hu kien viċi-parroku għal ħames snin tal-parroċċa Sankt Lambertus, Bedburg. Kien inkarigat mill-pastorali tat-tfal u taż-żgħażagħ kif ukoll ta' l-istudenti tat-tliet skejjel statali li kienu fil-parroċċa tiegħu.

Fl-1984 l-isqof ta' Għawdex ħatru viċi-parroku fil-knisja katidrali t'Għawdex.

Fl-1986 hu ntbagħat għal studji terżjarji l-Istati Uniti fejn attenda l-*Catholic University of America*, Washington DC. Hu ġab *masters* fix-xjenzi informatiċi u bibliotekarji fl-1988. Dun Manwel kompla l-istudju universitarju u kiseb fl-1989 *masters* ieħor fir-Reliġjon u l-Katekeżi u d-dottorat fl-istess suġġett fis-sena 2001. Hu kkonċentra l-istudju tiegħu fil-katekeżi u t-teoloġija dommatika. Bħala suġġett tat-teżi tiegħu Dun Manwel kiteb fuq *The Role of Imagination in Catechesis in Light of D. W. Winnicott's Theory of Emotional Development*.

Waqt l-istudji tiegħu Dun Manwel għallem it-teoloġija fil-*Catholic University of America*, Washington, D.C. (1991-1993), *St. Mary's Seminary and University*, Baltimore, Maryland (1994), u f'*Georgetown University*, Washington DC. (1995-1997).


Matul l-istudji tiegħu, Dun Manwel kien jaħdem ukoll f'parroċċa. Mill-1987 sal-1996 kien residenti fil-parroċċa ta' *The Shrine of the Most Blessed Sacrament*, Washington DC, u bejn l-1996 u l-2001 f'dik ta' *Our Lady of Victory*. Hu kien jgħin ukoll fil-parroċċa tal-Ġermaniżi kif ukoll f'dik ta' *St. John Neuman* Gaithersburg, Maryland. Dun Manwel kien attiv ħafna fil-*World Wide Marriage Encounter* (1990-1994), jiġifieri, pastorali intensiva ma' koppji miżżewġa. Bejn 1998-2001 kien jaħdem bħala *subject cataloger* fil-qasam tar-Reliġjon, Filosofija u Psikoloġija fil-*Library of Congress*, Washington DC.

Malli ġie Għawdex sar Direttur taċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral u fl-1 ta' Marzu 2001 l-isqof ta' Għawdex ħatru surmast ta' l-iskola tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ta'Għawdex. ◄



L-ordinazzjoni ta' Dun Manwel (1979)





FDALIJIET ARKEOLOĠIĊI TAĦT IS-SAGRISTIJA TAL-KATIDRAL

minn
Ġorġ Azzopardi BA (Hons), MA (Archaeology)
Responsabbli mill-Mużewijiet ta' Għawdex

Waqt xogħol li kien qiegħed isir bejn is-snin 2002 u 2003 fi kmamar taħt is-sagristija tal-knisja Katidrali instabu aċċidentalment fdalijiet strutturali u fdalijiet oħra ta' żminijiet iktar bikrin. Dawn instabu sewwasew f'dawk il-kmamar fejn kien joqgħod is-sagristan ta' l-istess knisja Kattidrali u li għal xi żmien kien joqgħod ukoll fihom Dun Alan Fenech, ex-patri Dumnikan li laħaq l-ewwel kappillan tal-parroċċa tal-Munxar.

Ħajt Puniku-Ruman

Parti minn ħajt mibni minn blokki kbar tal-ġebel tat-tip *ashlar* diġà kien u fil-fatt għadu jidher taħt il-mina li tgħaqqad Triq Bieb l-Imdina mal-Pjazza tal-Katidral. Fil-kmamar imsemmija, instabu iktar estensjonijiet ta' dan l-istess ħajt jew struttura. F'post partikolari, dan il-ħajt anke jogħla żgur sa tnax-il blokka.

Ċertament dan il-ħajt kien jifforma parti minn xi struttura li possibbilment kienet testendi ruħha iktar iżda li forsi għadha mirduma. Il-ħajt kien minsus kemm-il darba fi żminijiet oħra, fosthom meta nbnew il-kmamar imsemmija, iżda l-parti li għadha wieqfa għadha l-originali. Huwa ħajt karatteristiku tal-perjodu Puniku u / jew Ruman.


Tliet livelli

Minbarra dan il-ħajt instabu fdalijiet oħra importanti u sinifikanti kbir fil-kamra li tigi taħt is-sagristija, liema kamra tinsab kantuniera bejn Triq Bieb l-Imdina u l-mina li minn din l-istess triq tagħti għall-Pjazza tal-Katidral.

F'din il-kamra nstabu tliett livelli ta' art fuq xulxin: bil-livell ta' taħt jikkonsisti f'art taċ-ċangatura tal-ġebel u dan l-iktar bikri u dak ta' fuq, u għalhekk l-iktar riċenti, jikkonsisti f'art tal-madum tas-siment. Bejn dawn iż-żewġ livelli, kien hemm ieħor li jikkonsisti wkoll f'art taċ-ċangatura tal-ġebel. Ma' dawn it-tliet livelli ta' art kien hemm tliet depositi li kienu separati u differenti minn xulxin u li kienu jalternaw ma' dawn it-tliet livelli ta' art.

L-iktar depositu interessanti u importanti kien dak misjub taħt il-livell ta'l-art ta' taħt għax dan hu l-iktar bikri. Dan id-depositu kien jimla depressjoni fonda madwar 60 ċentimetru u maqtugħa fil-blat għal skopijiet mhux ċari. Fil-wiċċ ta' din id-depressjoni kienu jidhru traċċi ta' tip ta' *cocciopesto* ta' lewn roża li jidher li jkompli anke taħt parti mill-ħajt imsemmi iktar qabel u li jinsab f'din il-kamra. Dan il-*cocciopesto* li jibqa' dieħel taħt il-ħajt jidher li, flimkien mad-dipressjoni, huwa iktar bikri mill-ħajt imsemmi.

Id-depositu kien jikkonsisti f'materjal li kien ivarja minn fuħħar pre-istoriku sa muniti, xi



Il-ħajt puniku Ruman taħt is-sagristija.

www.nostalgia.org.mt

frammenti arkitettoniċi tal-ġebel u fuħħar tal-perjodu medjevali tardiv. Kien fih ukoll fuħħar tal-perjodu Klassiku, jiġifieri Puniku u Ruman, għadam ta' annimali, u mħar tal-baħar ta' l-ispeċi magħrufa bħala *patella*. Dan ta'l-aħħar ukoll jinstab ħafna f'depositi fiċ-ċittadella u fl-inħawi ta' madwarha. Imħabba l-materjal l-iktar riċenti fih, jidher li dan id-depositu ntefa' f'din id-depressjoni fil-perjodu medjevali tardiv biex joħloq livell għall-ewwel art taċ-ċangatura li suppost tqiegħdet fl-istess żmien.

Fuħħar preistoriku

Il-fuħħar pre-istoriku misjub u identifikat f'dan id-depositu huwa fi kwantità żgħira, mat-tmien biċċiet, iżda sinifikanti. Fost dawk diġà identifikati mill-arkeoloġista Dr David Trump, professur emeritu ta' l-Arkeologija fl-Università ta' Cambridge, hemm minnhom li huma żgur tal-fażi Tarxien (3000–2500 QK) u oħra aktarx hi tal-fażi iktar bikrija ħal Saflieni (3200–3000 QK). Kif ikkummenta Dr Trump lil min qiegħed jikteb, dan il-fuħħar pre-istoriku ma' setax oriġina jekk mhux miċ-ċittadella nnfisha. Fl-istess depositu, nstabu wkoll 14-il munita lkoll ta' l-istess għamla u daqs. Għalkemm għadhom ma' ġewx identifikati, jista' jkun li huma tas-seklu tlettax jew erbatax.

Depositu ieħor 'l fuq mill-ewwel art taċ-ċangatura, iżda taħt it-tieni waħda, kien jikkonsisti f'inqas fuħħar li fil-biċċa l-kbira tiegħu kien tal-perjodu modern bikri filwaqt li jidher li kien hemm ukoll xi ftit tal-perjodu medjevali tardiv. Munita iktar tardiva minn dawk li semmejna qabel instabet f'ħajt f'livell ma' dan id-depositu min-naħa tal-Lvant.

L-aħħar depositu – dak bejn it-tieni art taċ-ċangatura u dik l-iktar riċenti tal-madum tas-siment – kien wieħed pjuttost sterili, nieqes għal kollox minn materjal ta' natura kulturali bħal



Il-fuħħar preistoriku.

fuħħar u muniti. Kien jikkonsisti l-iktar f'xaħx tal-ġebel.

Iktar fuħħar, speċjalment tal-perjodu modern u iktar frammenti arkitettoniċi tal-perjodu medjevali tardiv instabu fi kmamar oħra annessi ma' l-istess waħda li semmejna iktar qabel.

Konklużjoni

Is-sejbiet kollha ġew dokumentati u din id-dokumentazzjoni tinsab miġbura f'rapport iktar dettaljat u mħejji minn min qiegħed jikteb. Ir-rapport – bi pjanti, sezzjonijiet, elevazzjonijiet, u rituratti – m'hux ippubblikat iżda numru limitat ta' kopji tiegħu jinsabu depositati fl-Arkivju tal-Katidral, fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex, għand is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u fil-Mużewijiet ta' Għawdex. Il-fdalijiet immobbli misjuba, bħall-ħajt li semmejna, ġew ippreservati u ser jibqgħu aċċessibbli għal min ikun irid jarahom, filwaqt li qegħdin isiru preparamenti biex il-fdalijiet l-oħrajn – muniti, frammenti arkitettoniċi u fuħħar – ikunu esebiti b'mod permanenti fil-Mużew tal-Katidral. ◄

Il-Palma
CONNIE'S BAR & RESTAURANT
Pizzeria Take Away
Connie Sultana
Managing Director
Rabat Road, Marsalforn,
Gozo - Malta. XRA 105
Tel: 2155 5075
Mob: 7955 4830
Home Tel: 2155 4830

SUPERSPECS
opticians
Joseph P. Grech
F.B.D.O. (Lond.)
Dispensing Optician
28 Main Gate Street
Victoria Gozo VCT 103
Malta.
Tel./Fax
00356 - 21550099
Mobile
9982 2770
Email: superspecs@onvol.net

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 2003 - 30 ta' Ġunju 2004

Magħmudijiet



Data	Isem tat-Tarbija	Isem il-Ġenituri
30-05-03*	Carmel Schembri	Thomas u Helen
31-05-03*	Elyse Portelli	David u Victoria
11-07-03	Joana Mercieca	Emanuel u Alexandra
19-07-03	Madeline Naia Camilleri	Joseph u Nadia
05-08-03	Neil Camilleri	Domnall u Sarah Tabone
06-08-03	Jerrod Xerri	Vincent u Josephine
21-09-03	Samira Mintoff	Victor u Alison
28-09-03	Katrina Marie Zammit	Raymond u Josienne
03-10-03	Kurt Saliba	Mario u Elizabeth Xerri
08-10-03	James Richard Bates	Richard Liam u Anna Maria
12-10-03	Sarah Fenech	John u Antoinette
14-10-03	Maria Giovanna Cordina	Louis u Joyce
25-10-03	Michaela Debrincat	Michael u Miriam
09-11-03	Joseph Mario Grech	Gordon u Joyce
28-11-03	Joseph Zammit	Vincent u Josephine
30-11-03	Nathan Sultana	Giovann u Mariella
30-11-03	Leanne Sultana	Manuel u Marthese
04-12-03	Marilena Bezzina	Anthony u Georganne
13-12-03	Ilias Bugeja-Scicluna	Michael u Sonya
21-12-03	Maria Chiara Grech	Joseph u Josette
21-12-03	Ryan James Grech	Antonello u Elizabeth Lora
27-12-03	Janica Grech	Emanuel u Romina
21-02-04	Brooke Debattista	Antonio u Dolores
11-04-04	Nicholas Grech	Godwin u Ruth
18-04-04	Sara Pisani	Franky u Anette
24-04-04	Pierre Grech	Joseph u Margaret
01-05-04	Claire Attard	Joseph u Joyce
04-05-04	Matthew Paul Saliba	Anthony Paul u Margie
16-05-04	Luca Schellenberg	Frank u Josette
22-05-04	Snejana Cilia	Ernest u Viorika
07-06-04	David Lee Parnis	Michael u Susan
13-06-04	Mike Angel Galea	Peter Paul u Alexandra

* Bi żvista thallew barra mill-ħarġa ta' Ll-Għid ta' l-Assunta tas-sena l-oħra.

Żwieġijiet



Data	Isem
04-07-03	Ivan Attard (Pietà, Malta) u Noemi Camilleri (Nadur)
05-07-03	Gordon Schembri (Toronto, Canada) u Sara Camilleri (Katidral)
06-07-03	David Theuma-Scerri (Katidral) u Deborah Marie Micallef (Katidral)
01-08-03	Hans-Joerg Enssle (Londra, UK) u Emma Vassallo (Londra, UK)
02-08-03	Brian Attard (San Ġorġ) u Diane Calleja (Katidral)
30-08-03	Joseph Axiaq (Żebbuġ) u Sarah Azzopardi (Fontana)
06-12-03	Jason Attard (Fontana) u Frances Grech (Katidral)
07-12-03	Jesmond Azzopardi (Gzira, Malta) u Marthese Portelli (Katidral)
12-12-03	Joseph Grech (Katidral) u Elise Anne Bajada (Katidral)
14-12-03	Peter Saliba (Nadur) u Marion Debrincat (Katidral)
14-12-03	Emmanuel Portelli (Katidral) u Geralda Fenech (Katidral)
17-04-04	Joseph Cordina (Katidral) u Amanda Jane Embley (Chichester, UK)
17-04-04	John Vella (Bormla, Malta) u Josephine Ann Cutajar (Katidral)
29-05-04	Warren Grech (Katidral) u Kelly Frances Tabone (Katidral)
31-05-04	James Alexander Carrington (UK) u Juliet Fleur Humphrey (UK)
06-06-04	James Pace (Marsalforn) u Josephine Borg (Xaghra)
26-06-04	Joseph Cremona (San Ġorġ) u Veronica Vella (Katidral)

www.gozocathedral.gov.mt

Mwiet



Data	Isem
31-07-03	Salvu Grech ta' 71 sena
18-08-03	M'Angelo Galea ta' 83 sena
01-09-03	Anton Vella ta' 74 sena
05-09-03	Dola Apap ta' 90 sena
08-09-03	Salvu Grech ta' 82 sena
01-10-03	Louis Bonnici ta' 76 sena
02-10-03	Ġorġa Attard ta' 83 sena
14-10-03	Frances Refalo ta' 58 sena
08-11-03	Grezzju Mercieca ta' 65 sena
12-11-03	Salvina Grech Scerri ta' 70 sena
15-11-03	Olga Cauchi ta' 95 sena
19-11-03	Theresina Theuma ta' 88 sena
27-12-03	Carmelo Schembri ta' 80 sena
06-01-04	Victoria Said ta' 45 sena
16-01-04	Carmela Cremona ta' 79 sena
17-01-04	Elizabeth Xerri ta' 72 sena
18-01-04	Carmela Micallef ta' 80 sena
21-01-04	Giovanna Gatt ta' 85 sena
09-02-04	Karlu Mizzi ta' 71 sena
07-03-04	Joseph Buhagiar ta' 81 sena
17-03-04	Maria Gatt ta' 88 sena
27-03-04	Francis Grech ta' 87 sena
17-05-04	John Vella ta' 77 sena
22-05-04	Maria Melita Tyler ta' 87 sena
25-05-05	Dr Michael Grech LL.D ta' 45 sena
01-06-04	Perit Sherin Schembri ta' 26 sena
16-06-04	Grazia Attard ta' 78 sena
25-06-04	Fortunata Calleja ta' 87 sena

L-Ewwel Tqarbina



18-05-04
Attard Josef, Azzopardi Matthew, Borg Chiara, Borg Nicholette, Calleja Maria, Camilleri Gorgiana, Camilleri Nicole, Caruana Michael, Cilia Russlan, Cordina Graziella, Dimech Larissa, Galea Beppe, Galea Carla, Gauci Daniel, Grech Francesca, Grech Giacomo, Grech Lianne, Grech Luke, Micallef Maria Victoria, Micallef Nikolai, Portelli Antonella, Portelli Claudia, Portelli James, Rapa Nicholas, Saliba Samuel, Schembri Faustine, Spiteri Luke, Spiteri Nathaniel, Sultana Marie Claire, Vella Julia, Vella Paola Marie.

06-08-04
Cassar Amanda, Fenech Analise, Grech Diana, Grech Samantha (emigranta), Vella Mario.

Grizma ta' l-Isqof



20-05-04
Agius Joseph, Attard Joseph, Bates Matthew, Borg Anna, Bugeja Vanessa, Camilleri Andrea, Cini Christopher Ivan, Cordina Lucas, Cutajar Andrea, Galea Diane, Gatt Manuel, Grech Francesco, Grech Manuel, Grech Mark, Grima Marie-Liz, Haber Nathaniel, Meilaq John, Mifsud Mario, Portelli Aaron, Portelli Roberta, Refalo Elena, Refalo Paul, Saliba Josmar, Vella Elliott, Vella Karen, Xiberras Joel, Zammit Joshua, Zammit Josmar, Jammit Maria.

23-06-04
Joseph George Vella (emigrant)

06-08-04
Azzopardi Daniel, Azzopardi Luke, Caruana Claire, Caruana Odette Marie, Cassar Sharon, Cutajar Nicola, Farrugia James, Farrugia Stephanie, Fenech Tara Elena, Fiteni Graziella, Gatt Matthew, Gatt Nathaniel, Grech Roxanne, Grima Jesmar, Haber Cathia, Mintoff Rebecca, Scerri Francesca, Vella Justin.

www.gozoanticathedral.org.mt

Mid-Djarju Parrokkjali
15 ta' Lulju 2003 - 30 ta' Ġunju 2004

miġbura minn
Fabienne Grech

Lulju

15 Ħarġa tax-xahar għall-anzjani b'quddiesa fil-kappella ta' Ħamet u żjara lill-kappella ta' Sant'Anna, id-Dwejra, wara *light refreshments* f'St Patrick's Hotel, Xlendi.

20 Il-Ħadd fil-għaxija saret quddiesa *extra* fis-7.00 pm.

23 Quddiesa tat-Tnax-il Erbgħa ta' Santa Marija tmexxiet minn Patri Ġorġ Bugeja.

24 Il-qniepen il-ġodda telqu mill-Ingilterra fuq trailer 8065.

25 High Tea u Tombla fil-Crystal Palace, Marsalforn.

26 Quddiesa fil-bidu tal-festa ta' Santa Marija mill-Arċipriet tax-Xewkija, Mons Carmelo Mercieca. Jum il-Komunitajiet Neo-Katekumenali fi ħdan il-parroċċa. Ħa sehem il-*Cathedral Youth Choir*. Wara, siegħa adorazzjoni mill-membri tal-Mixja Neo-Katekumenali u lejl ta' adorazzjoni mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi.

27 Tqassam il-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin. Programm li jkopri l-perjodu mis-26 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 2003. It-tema li ntgħażlet għal din is-sena kienet *O Marija, tama kbira ta' Ħajja oħra mal-Mulej.*

28 Il-qniepen il-ġodda jaslu Malta bil-vapur *The Maltese Falcon* u jidħlu fil-Port il-Kbir. Jum il-Persuni bi bżonnijiet speċjali – Quddiesa mill-Arċipriet tax-Xewkija, Mons Carmelo Mercieca li għaliha kienu mistiedna l-persuni bi bżonnijiet speċjali tal-parroċċa kif ukoll dawk li jattendu l-*Adult Training Centre*. Wara sar *party* għalihom fil-Pjazza tal-Katidral bis-sehem tal-*Joy Boys*.

29 Ingħata bidu għall-ġbir mid-djar b'rizq il-festa interna ta' Santa Marija.
Jum l-Abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet. Quddiesa għat-tfal mill-Kappillan ta' l-Għasri, Dun Joe Cini. F'din l-okkażjoni saret il-vestitzzjoni ta' l-abbatini l-ġodda kif ukoll ġew premjati l-aħjar żewġ studenti minn kull ċentru tad-duttrina li għandna fil-parroċċa. Wara sar Barbecue kbir għat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral.

30 Jum il-Morda u l-Anzjani. Fil-għodu, saru żjarat lill-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-Kliniċi Privati.
Fil-għaxija ġiet ċelebrata quddiesa tat-Tlettax-il Erbgħa ta' Santa Marija bis-sehem ta' l-Anzjani mill-Kappillan ta' l-Għasri, Dun Joe Cini. F'din il-quddiesa ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani li kienu preżenti u wara kien hemm party għalihom fl-Annexe tal-Knisja Katidrali. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Ġie provdut is-servizz tal-minibus .

31 Jingħata bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija. Matul il-jiem kollha tal-Kwindiċina kienu mistiedna t-tfal tal-parroċċa fejn ingħataw ħafna rigali sbieħ kif ukoll f'kull ġurnata ġie provdut għalihom is-servizz tal-minibus.
F'dan il-jum ilqajna fostna l-qniepen il-ġodda tal-Katidral. Għal dan il-jum biss, il-quddiesa tal-Kwindiċina li tmexxiet mill-Kappillan ta' l-Għasri, Dun Joe Cini, bdiet fis-6.45 pm minflok fis-7.15 pm. Wara, għall-ħabta tas-7.30 pm, ilqajna l-qniepen fostna permezz ta' carcade mill-Imġarr sa quddiem it-Teatru ta' l-Opra Aurora minn fejn il-Banda Ċittadina Leone bdiet marċ li spiċċa fi Pjazza Savina. F'din l-okkażjoni sar spettaklu tan-nar ta' l-ajru kkoordinat mill-Vampa Organisations.
Radju Katidral beda jxandar fuq skeda itwal għall-jiem tal-festa.

Awwissu

1 Jum il-Benefatturi ħajjin u mejtin – Quddiesa tal-Kwindiċina mill-Kappillan ta' l-Għasri, Dun Joe Cini. Ħa sehem il-

www.stpaulsmsida.mt

Cathedral Youth Choir.

F'dan il-jum saret iċ-ċelebrazzjoni tat-tberik tal-qniepen. Fis-7.15 pm sar marċ mill-Banda Ċittadina Leone mill-Każin tal-Banda Leone sa Pjazza Savina. Kif il-banda waslet fi Pjazza Savina u ħadet postha fuq il-palk, ħarġet il-purċissjoni mill-knisja ta' Savina, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral immexxija mill-ET Mons Nikol Ġ. Cauchi. Fit-8.00 pm ingħata bidu għaċ-ċerimonja li kienet imżewqa b'siltiet mużikali esegwit mill-Banda ?ittadina Leone bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u tal-*Cathedral Youth Choir.* F'din l-istess okkażjoni nqrat il-poeżija "Lehen il-Kampnar" mis-Sur John Cremona, sar diskors mis-Sur Kenneth Cauchi, rappreżentant tal-kumpanija John Taylor Bellfounders f'Malta kif ukoll diskors mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci.

Waqt din iċ-ċerimonja sinjifikattiva ngħatat l-medalja "Ġieħ il-Parroċċa tal-Katidral", lis-Sur Anton F Attard, lil Mons Dr Joe Bezzina u lil Dr Horatio Vella għas-sehem distint tagħhom fil-qasam ta' l-istorja ekkleżjastika Għawdxija. Fit-tmiem taċ-ċerimonja l-ET Mons Isqof bierek il-qniepen filwaqt li ġie esegwit l-Innu Immortali *A Maria Assunta* ta' Mro Orlando Crescimanno u ndaqqet l-ewwel mota solenni. Sar ukoll ħruq tal-logħob tan-nar ta' l-ajru mill-*Vampa Organisations.*

3 Fil-għodu sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' l-innijiet marjani. Qara Poeżija Dun George Mercieca.

Fil-għaxija quddiesa tal-Kwindiċina mill-Kappillan tal-Munxar, Dun Frankie Bajada bis-sehem tal-*Cathedral Youth Choir.*

Jum il-Karità. Quddiesa tal-Kwindiċina mill-Kappillan tal-Munxar, Dun Frankie Bajada bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

5 Jum it-Trabi. Quddiesa tal-Kwindiċina mill-Kappillan tal-Munxar, Dun Frankie Bajada fejn ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Fit-tmiem tal-quddiesa, it-trabi li tgħammdu matul din is-sena, ġew ippreżentati lil Santa Marija. Ħa sehem il-kor tat-tfal tal-kapuċċini *Fjur ta'Assisi.*

Barbecue kbir fil-Pjazza tal-Katidral għat-tfal tal-parroċċa.

L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi amministra s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina lil disat itfal tal-parroċċa u s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil tnax-il tifel u tifla tal-parroċċa. Ħa sehem il-*Cathedral Youth Choir.*

Jum l-Istudenti, żgħażagħ, u l-Isportivi. Quddiesa tal-Kwindiċina minn Patri Marcello Ghirlando bis-sehem tal-*Cathedral Youth Choir.* F'din l-okkażjoni l-parroċċa ppreżentant ħames *trophies* lill-aħjar players tas-sena ta' l-*SK Victoria Wanderers* - kbar, under-21, under-16, under-14 u under-12. Wara sar *Giochi senza frontiere* fil-Pjazza tal-Katidral, organizzati miż-żgħażagħ għal kulħadd.

Jum l-Għaqdiet Kattoliċi. Quddiesa tal-kwindiċina minn Patri Marcello Ghirlando bis-sehem tal-komunitajiet reliġjużi u l-għaqdiet Kattoliċi. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

Jum il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà Filarmonika *Leone.* Quddiesa tal-kwindiċina mid-direttur tas-Soċjetà Filarmonika Leone, Dun George Mercieca, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

10 Jum il-Familja, l-Ex-Parruċċani. u l-Emigranti. Quddiesa tal-kwindiċina minn Patri Marcello Ghirlando li kienet bis-sehem tal-koppji li matul is-sena ċċelebraw l-ewwel, l-10, l-20, il-25, it-30, l-40, u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Kienu mistiedna wkoll l-ex-parruċċani u l-emigranti u li s-sehem tagħhom kien ferm sodisfaċenti. Wara ingħataw riċeviment għalihom fl-annexe tal-knisja Katidrali.

F'dan il-jum, fil-għaxija il-qniepen il-ġodda tal-Katidral indaqqu għall-ewwel darba minn fuq l-arkata tal-mina l-kbira li tagħti għall-pjazza tal-Katidral. Fil-fatt indaqqet mota biex iħabbru l-bidu tat-Tridu Solenni. Saret ukoll l-Ikla Tradizzjonali tal-Festa.

Tridu Solenni. L-omelija tat-Tridu saret minn Dun Anthony-Mario Saliba.

14 Lejlet il-Festa. Fil-għodu kienet ċċelebrata quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa t-tfal immarċjaw għall-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjati min-Naxxar Scout Band fejn sar 'party' għalihom.

Fil-għaxija saret it-Translazzjoni Pontifikali, il-Għasar, u funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

15 L-Għid ta' l-Assunta. Il-quddies kien fl-4.15 am, 5.45 am, 6.30 am, 7.15 am, 8.00 am, 9.00 am (Pontifikal), 10.30 am, 11.15 am, 12.00, 1.00 pm u 5.00 pm. Fit-8.00 am

www.ilmogharnog.mt

tqaddset quddiesa fuq il-muntanja ta'Gelmus għal dawk kollha involuti finnar. Qaddes Dun George Mercieca.

Il-konċelebrazzjoni Pontifikali tmexxiet mill-Isqof Nikol Ġ Cauchi flimkien mal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiem il-Pontifikal ngħatat l-Barka Appostolika minn Mons Isqof bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Kienet esegwita għall-ewwel darba l-quddiesa l-ġdida *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae* ta' Maestro Joseph Sammut, imħallsa minn Maria Theuma.

Fil-għaxija il-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Giovanni B. Gauci mexxa l-Għasar Solenni u wara funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

Fis-6.30 pm bdiet ħierġa l-purċissjoni. Waqt li l-istatwa ta' Santa Marija kienet fil-bieb il-kbir kien esegwit l-innu immortali *A Maria Assunta* mill-Banda Ċittadina *Leone* bis-sehem tal-Kor, tenur, u baritonu. Il-Banda Ċittadina *Leone* akkumpanjat il-purċissjoni.

Fl-10.30 pm folla enormi fil-Pjazza tal-Katidral u fuq is-swar taċ-ċittadella taw l-aħħar tislima tagħhom lill-Assunta fid-dħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant ta' l-Ave Marija. F'din l-okkażjoni ngħatat il-Barka Sagramentali minn Mons. Rużar Ġ Borg. Kien hemm ukoll spettaklu meraviljuż u singulari ta' logħob tan-nar ta' l-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-Vampa Organisations li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul ta' l-istatwa.

F'dan il-jum, mis-6.30 pm, l-istazzjon NET-TV xandar transmissjoni diretta tal-purċissjoni ta' Santa Marija fil-programm Forċina bl-ghajnuna kontinwa ta' Monsinjur Ġużeppi Bezzina.

16 Il-qniepen il-ġodda tniżżlu minn fuq il-mina u ttiehdu lura fil-garaxx tas-Sur Victor Vella, sakemm jitlesta x-xogħol ta' restawr fil-kampnar.

22 Quddiesa ta' radd il-Ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa mill-Arċipriet Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa tagħna fost il-kant ta' l-innijiet marjani u wara kien hemm barbecue ta' l-għeluq tal-festi fil-Pjazza tal-Katidral.

29 Ħarġa f'Kemmuna għall-istudenti ta' Forms 2-3.

31 Fil-ħarġa tal-*Bullettin* l-Arċipriet irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor offrew l-ghajnuna tagħhom matul il-jiem tal-festa. Ingħata wkoll rendikont tal-ġbir li sar b'riżq il-festa interna li din issena, li apparti l-ġbir b'riżq il-proġetti tal-qniepen, inġabret somma ohra ta' Lm8,741.91.

Ingħata bidu għar-reġistrazzjoni tat-tfal tal-parroċċa li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fl-2004.

Settembru

7 Ġbir li sar waqt il-quddies b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

14 Inħarġu għall-bejgħ is-CDs tal-quddiesa l-ġdida *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae*, kif ukoll il-videos tal-purċissjoni ta' Santa Marija li ġiet trasmessa fuq NET-TV.

16 Ħarġa għall-anzjani tħassret imħabba l-maltemp.

26 Organizzat *high tea* u tombla, fil-Crystal Palace, Marsalforn.

Organizzata *End of Summer Night Marathon* għall-istudenti ta' Forms 2-5

28 Ingħata bidu għall-bookings ta' l-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2004.

Ottubru

1 Bdiet il-quddiesa ta' kuljum għat-tfal fiċ-ċentru Parrokjali.

5 Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Quddiesa minn Patri Marcello Ghirlando, bl-omelija ta' l-okkażjoni bis-sehem tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. L-arċipriet ta l-mandat tat-tagħlim tad-duttrina lill-katekisti tal-parroċċa.

Purċissjoni-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Giovanni B Gauci. Imħabba l-maltemp niżlet mit-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Pjazza Savina, u Triq il-Kastell.

Il-ġbir waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

6 Seminar għall-membri tal-presbiterju parrokkjali, bis-suġġett L-Ewkaristija u l-Katekeżi li tmexxa minn Patri Marcello Ghirlando, f'Dar Manresa.

7 Seminar għall-membri tal-kunsill parrokkjali bis-suġġett *L-Ewkaristija u l-Katekeżi* immexxi minn Patri Marcello Ghirlando, f'Dar Manresa.

9 Seminar għall-katekisti tal-parroċċa bis-suġġett *L-Ewkaristija u l-Katekeżi* immexxi minn Patri Marcello Ghirlando, f'Dar Manresa.

10 Laqgħa għall-istudenti ta' Forms 2-5 bis-

www.bozzetteta.org.mt

suġġett *Self-Esteem* immexxi minn Peter Paul Portelli, *social-worker*.

11 Beda jintwera video adattat għat-tfal fil-kappella l-ġdida, wara l-quddiesa tas-6.00 pm, li tiġi ċċelebrata b'mod speċjali għalihom kull nhar ta' Sibt.

12 Tqassam *flyer* mal-*Bullettin*, maħruġ mill-uffiċċju parrokkjali li kien jittratta l-permessi għall-*parking* tal-Katidral.

13 L-ewwel laqgħa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

14 L-ewwel laqgħa għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.
Organizzata ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja parrokkjali tal-Qala, żjara kulturali lill-mithna ta' Kola x-Xagħra, u *light refreshments* fil-Moby Dick Bar & Restaurant, Xlendi.

19 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq il-missjoni.

21 Festa ta' Sant'Orsla, patruna ta' Għawdex. Konċelebrazzjoni mill- Isqof Nikol Ġ Cauchi bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

23 Seminar għall-membri tal-*Chorus Ecclessiae Cathedralis*, bis-suġġett *L-Ewkaristija u l-Katekeżi* mmexxi minn Patri Marcello Ghirlando, f'Dar Manresa.

24 Ħarġa f'Malta għall-istudenti ta' Forms 2–5 . Żjarat liċ-ċentru tal-mixja Neo-Katekumenali fil-Mosta, il-Millenium Chapel, Paceville, u l-Bowling Centre ta' Bay Street.

Novembru

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha.

2 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Għid ta' l-Imwiet. Il-quddies f'dan il-jum ġie ċelebrat fil-4.45 am, 5.30 am, 6.15 am, 7.00 am, 7.45 am, 8.30 am, 9.15 am, 10.30 am, 11.30 am, 12.15 pm, 1.00 pm, 5.00 pm, u 6.15 pm.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Tqassam *flyer* mal-*Bullettin*, maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali li kien jittratta l-permessi neċessarji għall-*parking* tal-Katidral.

7 Bidu tal-Kors ta' tħejjija għaż-żwieġ għall-gharajjes li ser jiżżewġu matul l-2004. Dan il-kors kien jikkonsisti f'żewġ partijiet. L-gharajjes kienu obbligati wkoll li jattendu għall-eżerċizzi spiritwali tar-Randan għall-miżżewġin. L-ewwel parti tal-kors tmexxiet mill-membri tal-Mixja Neo-Katekumenali u t-tieni tmexxiet minn nies professjonali tal-*Family and Social Action Group* tal-parroċċa.

8 Quddiesa b'suffraġju tal-membri mejtin tas-Soċjetà Filarmonika Leone u ta' l-SK Victoria Wanderers.

9 Il-Parroċċa tal-Katidral waqqfet *Bereavement Group*.

10 Laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

11 Laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

14 Organizzata attività għall-istudenti ta' Forms 2–5. Prayer Meeting fil-knisja tal-Kunċizzjoni l-Qala. Wara saret attività soċjali.

18 Organizzata ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, passiġġata fil-belvedere tan-Nadur, u '*light refreshments*' fil-Lantern Bar & Restaurant.

23 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien għall-karità.
Il-parroċċa ħadet sehem fil-korteo ta' Kristu Re u fil-manifestazzjoni djoċesana li ġiet organizzata fil-Kumpless Sportiv.
L-uffiċċju parrokkjali għarraf lill-parruċċani permezz tal-ħarġa tal-*Bullettin* li sa dakinhar il-Katidral kien ġa ħallas Lm2045 f'applikazzjonijiet lill-MEPA sabiex ikunu jistgħu jinħarġu l-permessi għall-kumpless u għall-*parking*.

25 Organizzat *Coffee Morning* fil-Crystal Palace, Marsalforn.

28 Prayer Meeting għall-istudenti ta' Forms 2 - 5 fil-kappella ta' Santa Barbara minn Dun Joe Calleja u wara ikla.

30 Tqassam il-programm tal-Milied. Il-quddiesa ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent tmexxiet minn Dun Gerald Buhagiar.

Diċembru

3 Kunċert fil-Katidral fl-okkażjoni taċ-*Cittadella – Gozo for Arts & Culture* organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Leone. Esegwita parti kbira tal-mużika li tindaqq fil-festa ta' Santa Marija fosthom il-quddiesa l-ġdida ta' Santa Marija, *Missa in Solemnitate Mariae Assumptae*. Ħadu sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u l-*Cathedral Youth Choir* flimkien ma'l-orkestra u solisti.

7 Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-E.T. Felix Del Blanco Prieto, Arċisqof Titulari ta' Vannida u Nunzju Appostoliku ġdid għal

www.gozothecal.org.mt

Malta, fl-okkażjoni tal-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Nunzju Appostoliku.
Tqassmet l-34 ħarġa tal-kalendarju għassena 2004 maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali.

8 Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Il-quddies kien fl-istess ħinijiet tal-Ħdud.

8 – 13 L-Arċipriet ma' tliet membri tal-parrocca marru l-fabbrika ta' *John Taylor Bellfounders,* l-Ingilterra sabiex jaraw l-andament finali tax-xogħol fuq il-qanpiena l-kbira.

13 Irtir għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof bi thejjija għal dawn is-Sagramenti. Dan l-irtir sar fil-kunvent ta' Santu Wistin.
Organizzat *high tea* tal-Milied b'ħafna rigali sbieħ fil-foyer tal-Każin tal-Banda Leone.

14 Quddiesa tat-Tielet Ħadd ta' l-Avvent minn Dun Gerald Buhagiar.

15-23 Novena tal-Milied għat-tfal immexxija minn Patri Jesmond Micallef. Offrut servizz tal-minibus lit-tfal - itellgħu bosta rigali fost it-tfal li attendew għan-novena bi ħġarhom.

16 Ħarġa tal-Milied għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja tax-Xewkija u ikla tal-Milied fil-Cornucopia Hotel.

17 Ċelebrazzjoni Ewkaristika għall-katekisti. Wara, bibita tal-Milied fl-annex tal-Katidral.

18 Ittellgħu fil-kampnar tlieta mill-qniepen il-ġodda – Pavla, Iosepha Francesca, u Ursola.

18-19 Fiera tal-kejkijiet u ħelu ieħor tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali.

19 Ħarġa tal-Milied Malta.

20 Quddiesa tal-Milied għall-membri ta' l-SK Victoria Wanderers.

21 Quddiesa tar-raba' Ħadd ta' l-Avvent minn Dun Gerald Buhagiar.

22 Il-qanpiena l-kbira *Maria Assunta* tasal Għawdex u dik il-lejla stess ittellgħet fil-kampnar.

23 Xogħol intensiv fil-kampnar tal-Katidral.
Quddiesa ta' l-aħħar jum tan-novena tat-tfal minn Patri Jesmond Micallef. Wara l-quddiesa Father Christmas qassam ir-rigali tal-Milied lit-tfal kollha li attendew għan-novena.

24 Ittellgħet il-qanpiena ż-żgħira 'Aloysia' fil-kampnar.
Lejlet il-Milied – Fit-8.00 pm indaqqet l-ewwel mota solenni bil-qniepen il-ġodda, mota li ntemmet ftit qabel il-konċelebrazzjoni pontifikali ta' nofs il-lejl.

25 Jum il-Milied – Konċelebrazzjoni Pontifikali.
Fil-għaxija quddiesa għat-tfal mill-Arċipriet u priedka tal-Milied mit-tfajjel Francesco Grech. Wara reġgħu tqassmu ħafna rigali lit-tfal.
Tħabbret il-mewt ta' Patri Anton Mompalao, membru ta' din il-komunità tal-Katidral.

26 Sar il-funeral ta' Patri Anton Mompalao, il-Kappuccini, il-Furjana. L-arċipriet ma' Dun Raymond Vella ħadu sehem fil-konċelebrazzjoni funebri.

27-29 *Live-in Experience* għall-istudenti ta' Forms 2–5 immexxi minn Dun Michael Said, fl-*Arka Respite Centre,* Għajnsielem.

30 It-tfal tal-parroċċa għamlu żjarat lill-morda u lill-anzjani rikoverati fil-kliniċi tas-Sorijiet Karmelitani (tal-Katidral), ta' Trionfi, u tad-Dumnikani, fejn f'kull klinika reġgħet saret il-priedka tal-Milied mit-tfajjel Francesco Grech.

31 Jum ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat b'radd il-ħajr tas-sena li ntemmet.
Fil-għaxija, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' Radd il-Ħajr flimkien mall-kapitlu tal-Katidral bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Il-*Maltapost* ħarġet timbru speċjali tal-posta li jfakkar l-avveniment storiku tad-daqq tal-qniepen il-ġodda għall-ewwel darba mill-kampnar tal-Katidral.

Jannar

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Ewwel jum tas-sena bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

2 Saret passiġġata għat-tfal tal-parroċċa fil-kampanja.

4 Konċelebrazzjoni tas-solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.
Fil-għaxija quddiesa ta' l-għeluq tal-festi tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa.
Il-ġbir waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

12 Laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

13 Laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.
Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-kappella ta' Sant'Anton Abbati u *light refreshments* f'St Patrick's Hotel, Xlendi.

15 L-E.T. il-Profssur Guido de Marco, President ta' Malta, żar uffiċjalment il-Katidral ta' Għawdex ma' Vivienne Galea-Pace, is-Sindku, u l-Kunsilliera tal-Kunsill

Lokali tal-Belt Victoria.

16 *Prayer Meeting* għall-istudenti ta' Forms 2–5, fil-Knisja ta' Savina. Wara kellna attività soċjali.

20 *Coffee Morning* fil-Crystal Palace, Marsalforn.

30 Taħdita bis-suġġett *Ir-Relazzjonijiet* minn Ms Rosalie Scicluna għall-istudenti ta' Forms 2 – 5. Wara, attività soċjali.

31 Il-parroċċa tal-Katidral fakkret lil Patri Anton Mompalao b'quddiesa b'suffraġju għal ruħu.

Frar

1 L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-festa ta' San Ġwann Bosco fl-Oratorju Don Bosco bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara, mexxa l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone.
Il-ġbir waqt il-quddies kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

2 Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. F'din l-okkażjoni saret il-preżentazzjoni tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lill-Mons Isqof.

6 Inghata bidu għat-tieni parti tal-kors ta' tħejjija għall-Għarajjes.

9 Kien hawn il-laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

10 Festa ta' San Pawl Missierna. Il-quddies fil-Katidral kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-quddies tal-Ħdud.

11 Saret il-laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

13 *Prayer Meeting* għall-istudenti ta' Forms 2–5 fil-knisja tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Wara, saret attività soċjali.

17 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-kappella ta' Lourdes fl-okkażjoni tad-dehra tal-Madonna u wara, *light refreshments* fl-Odyssey Bar & Restaurant, Marsalforn.

22 Mal-ħarġa tal-*Bullettin* tqassam il-programm dettaljat tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

24 Organizzat *Coffee Morning* fil-Crystal Palace, Marsalforn.

25 Amministrat is-sagrament tal-qrar lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u wara, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali bit-tberik ta' l-Irmied.

27 Saret l-attività tax-xahar għall-istudenti ta' Forms 2–5 b'Via Sagra fuq l-għolja Ta' Għammar, limiti tal-Għasri.

29 Quddiesa ta' l-ewwel Ħadd tar-Randan minn Dun Gerald Buhagiar.
Radju Katidral beda jxandar fuq skeda ġdida għal matul il-jiem tar-Randan.

Marzu

3 Laqgħa għas-saċerdoti u l-lajċi impenjati fil-parroċċa bis-suġġett *Il-Pjan Pastorali Parrokkjali* mmexxija minn Dun Ġorġ Dalli f'Dar Manresa.

7 Quddiesa tat-tieni Ħadd tar-Randan minn Dun Gerald Buhagiar.

8–12 Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal minn Patri Jesmond Micallef. Matul il-jiem ta' l-eżerċizzi tqassmu ħafna rigali sbieħ lit-tfal.

9 Organizzata l-ħarġa għall-anzjani fil-knisja parrokkjali ta' Kerċem fl-okkażjoni tal-festa ta' San Girgor, żjara lil San Ġużepp tal-Qala, u *light refreshments* fit-Tartufo Restaurant.

12 Laqgħa ta' talb għall-istudenti ta' Forms 2–5 minn Patri Jesmond Micallef fil-kappella l-ġdida. Wara, attività soċjali għalihom.

14 Quddiesa tat-tielet Ħadd tar-Randan minn Dun Gerald Buhagiar.

15–17 Eżerċizzi Spiritwali għall-anzjani minn Dun Manwel Curmi fiċ-Ċentru Parrokkjali.

19 Solennità ta' San Ġużepp. Quddies bħall-Ħdud. Fis-1.00 pm quddiesa fil-kappella ta' San Ġużepp taċ-Ċittadella u fil-għaxija Konċelebrazzjoni Pontifikali.

20 Nofs ta' nhar ta' rtir fil-kunvent ta' Santu Wistin għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

21 Quddiesa tar-raba' Ħadd tar-Randan minn Dun Gerald Buhagiar.

22–26 Eżerċizzi spiritwali għal kulħadd minn Dun Noel Saliba u għaż-żgħażagħ minn Alfred Farrugia MSSP.

23 Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

28 Quddiesa tal-ħames Ħadd tar-Randan minn Dun Gerald Buhagiar.

29–2 Eżerċizzi spiritwali għall-miżżewġin fil-Katidral minn Alfred Farrugia MSSP. Ipprovdut servizz tal-'baby-sitters'.

31–2 Fiera tal-figolli fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Eżerċizzi Spiritwali għall-Istudenti ta' Forms 2, 3, 4, u 5 minn Patri Jesmond Micallef.

April

2 Jum il-Madonna tad-Duluri.
Skeda ġdida ta' programmi fuq Radju Katidral għall-Ġimgħa Mqaddsa.
Wara l-eżerċizzi, l-istudenti marru jaraw il-film *The Passion of the Christ* fis-Citadel Theatre.

www.gozoathenaeum.org.mt

3 Fil-għaxija, manifestazzjoni ta' Ħadd il-Palm għat-tfal u quddiesa li matulha ngħataw tifkira speċjali ta' Ħadd il-Palm kif ukoll itellgħu tnax bix-xorti bħala appostli.

4 Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-Palm.
Fil-għaxija ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni mill-Knisja Katidrali bis-sehem tal-Kapitlu u tal-Banda Ċittadina *Leone*.

6 Il-Parroċċa flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone għamlu kunċert ta' mużika sagra taħt il-patroċinju ta' l-Isqof Nikol Ġ Cauchi bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis,* tal-*Cathedral Youth Choir,* u l-Banda Ċittadina *Leone*.

7 L-Erbgħa tat-Tniebri. Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-Ikla tal-Mulej għat-tfal li fiha l-arċipriet ħasel ir-riġlejn ta' tnax-il tifel u tifla. Wara l-funzjoni tqassmu l-kagħak ta' l-appostli lit-tfal kollha preżenti.

8 Ħamis ix-Xirka. Fil-għodu l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut fejn ikkonċelebraw il-qassisin kollha ta' Għawdex. Fi tmiem il-pontifikal l-Isqof ta l-Barka Appostolika bir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja.
Fil-għaxija l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ikla tal-Mulej.
Iż-żgħażagħ u l-istudenti tal-parroċċa flimkien ma' l-arċipriet għamlu l-vista tas-seba' sepulkri fl-irħula.

9 Il-Ġimgħa l-Kbira. L-Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej.

10 Sibt il-Għid. L-Isqof mexxa l-funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

11 L-Għid il-Kbir. L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.
Fil-10.45 am manifestazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill- Katidral bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone*.
Fil-għaxija quddiesa għat-tfal mill-arċipriet u wara l-quddiesa tqassmu l-figolli tal-Għid lit-tfal kollha.

13 Beda t-tberik tal-familji mill-arċipriet.
Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja tax-Xagħra, żjara lil diversi wirjiet taf-Ġimgħa Mqaddsa, u *light refreshments* f'Café Roma, Victoria.

14 Ħarġa f'Malta għall-festa ta' San Girgor, Marsaxlokk.

18 Ġbir kien b'riżq l-Art Imqaddsa.

20 Coffee Morning ta' l-Għid fil-Crystal Palace, Marsalforn.

28-29 Radju Katidral xandar programmi matul il-ġurnata kollha.

28 It-tieni laqgħa għas-saċerdoti u lajċi impenjanti fil-parroċċa bis-suġġett Il-*Pjan Pastorali u Parrokkjali*. Tmexxiet minn Dun Ġorġ Dalli f'Dar Manresa.

29 Dun Gerald Buhagiar mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tat-48 anniversarju minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali bis-sehem il-Banda Ċittadina *Leone* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Għal din l-okkażjoni nħarġet l-istatwa ta' Santa Marija kif ukoll infetħet wirja ta' arti sagra fil-Katidral mill-artisti Nicholette Vella u Rebecca Vella-Grima. Ittieħed ritratt tat-tfal tal-preċett u tal-griżma quddiem Santa Marija.

Mejju

2 Ġbir b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija. Ħarġa għall-Anzjani b'quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u *light refreshments* f'St Patricks, ix-Xlendi.

5 L-ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. Il-parroċċa offriet rigal tal-fidda lit-tfal kollha ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Matul l-Erbgħat tiġi ċċelebrata quddiesa oħra fid-9.00 pm.

10 Laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

11 Laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

12 Quddiesa tat-tieni Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP.

14 L-Isqof iltaqa' mat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

18 L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha amministra s-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina lil tletin tifel u tifla.

19 Quddiesa tat-tielet Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Anton Theuma, Rettur tas-Seminarju.

20 Konċelebrazzjoni li fiha l-Isqof amministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil disgħa u għoxrin tifel u tifla tal-parroċċa.

21–23 Tlett ijiem ta' adorazzjoni solenni tal-Kwaranturi.

21 Quddiesa mill-arċipriet fejn ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani. Wara, *get-together* għall-anzjani fl-annexi tal-Katidral.

22 Lejl ta' talb u adorazzjoni li tmexxa mill-membri ta' l-*Ispigolatriċi della Chiesa* u tkompla mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi u li ntemmet b'quddiesa f'nofs il-lejl.

www.boatheritage.com.mt

23 L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali f'għeluq il-Kwaranturi. Wara, purċissjoni bis-Sagrament immexxija mill-vigarju ġenerali bis-sehem tat-tfal kollha ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof u tal-parruċċani.
26 Quddiesa tar-raba' Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP.
28 *Night Hike* għall-istudenti ta' Forms 2–5.
30 Konċelebrazzjoni pontifikali tas-Solennità ta' Għid il-Ħamsin.

Ġunju

1 Radju Katidral, barra mill-iskeda tas-soltu ta' fil-għaxija, beda jxandar ukoll mit-8.30 am sal-11.00 am.
2 Quddiesa tal-ħames Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP.
6 Ġbir b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
8 Ħarġa tax-xahar għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja tal-Fontana fl-okkażjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù, żjara x-Xlendi, u *light refreshments* fil-Horizon Bar & Restaurant, Marsalforn.
9 Quddiesa tas-sitt Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alex Refalo.
16 Quddiesa tas-seba' Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP.
18 Prayer Meeting għall-istudenti ta' Forms 2–5 minn Dun Reuben Micallef u wara *night hike*.
20 Bidu għar-reġistrazzjoni tat-tfal tal-parroċċa li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fl-2005.
Il-*Cathedral Youth Choir* għamel appell għall-membri ġodda fil-kor.
L-uffiċċju parrokkjali għamel appell għal abbatini ġodda.
22 *Coffee Morning* f'Cafè Roma.
23 Quddiesa tat-tmien Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP.
25 L-Isqof mexxa l-funzjoni ta' l-Ordinazzjoni ta' erba' djakni u qassis.
26 Sar il-kuntratt għax-xiri ta' l-estate ta' Magro quddiem in-Nutar Enzo Dimech. Il-Kapitlu u l-parroċċa ħallsu s-somma ta' Lm365,000.
30 Quddiesa tad-disa' Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Alfred Farrugia MSSP. ◄

Expo chic
Specializing in Picture Framing
Various Styles of wooden frames
Modern and Antique Prints
Hand-finished quality lithographs
3, Republic Street, Victoria
tel. 2155-4398 fax. 2156-2600

Pio's
Antiques
MARKET
PIO BORG
Proprietor
Pjazza Sabina,
Victoria - Gozo.
9.00a.m. - 3.00p.m.
Sunday
9.00a.m. - 1.00p.m.
Tel: 2156 5115
Res: 2156 1097

for a RELAXING ATMOSPHERE
Cafe' Cafe'
Catetime & Bistro
Main Gate Street, Victoria
Prop. G.Ferdined

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- Il-Qanpiena li rawha mit miljun 3
- Il-Katidral matriċi u arċimatriċi għal erba' darbiet
 Omm il-Parroċċi ta' Għawdex 4
 Revd Dr Joseph Bezzina
- Il-Purċissjoni ta' San Girgor ta' l-1543 13
 Victor J. Galea
- Sedja ġuratali ġdida fil-matriċi għal Ramon Perellos Y Rocaful 23
 Mons. Joseph Bezzina
- L-Università ta' Għawdex 27
 Winston L. Zammit BA (Hons) MA, PGCE
- Il-Wirja ta' Santa Marija 31

- *Suppliment* - Il-kampnar u l-qniepen ġodda tal-Katidral 1
 Merħba lil Kulħadd! 3
 Bishop tries new bells for Gozo Cathedral 3
 Il-qniepen ġodda tal-Katidral mill-ewwel ħsieb sa l-ewwel mota 4
 Meta Sajjetta laqtet il-Kampnar tal-Katidral ta' Għawdex 9


- Il-Ftuħ tal-Mużew tal-Katidral 45
 Mons. Joseph Bezzina
- Liberija Pubblika tal-Katidral (1979-2004) 49
 Anton Farrugia
- Il-Liturġija tal-qari tas-Solennità tat-tlugħ fis-sema ta' Marija 55
- Marija mtellgħa s-sema bir-Ruħ u l-Ġisem 58
 Joe Chetcuti
- Tota Pulchra es, Maria 60
 Mons Ġużeppi Farrugia-Gioioso
- Dun Manwel Magro 61
- Kronaka tal-Parroċċa 64
- Mid-Djarju Parrokkjali 66





www.gozocathedral.org.mt


BUSINESS CARDS
special offer
Company Name
Full Name
Job Title
Company Message
Address Line 1
Address Line 2
Address Line 3
Phone / Other
Fax / Other
E-mail / Other
Web / Other
Print 500 full colour business cards for only Lm 15
Print 1000 full colour business cards for only Lm 25
excluding design and vat - for a limited time period - thick glossy paper
contact_21 55 22 19
rabat road, nadur, gozo - www.jdbprinting.com - info@jdbprinting.com
jdb
DIGITAL PRINTING
www.gozocathedral.org.mt



GREAT DISCOUNTS ON THE LARGEST SELECTION OF TOYS, DECORATIONS, BICYCLES, COMPUTERS, SOFT TOYS ETC.

TAL-LIRA ITEMS ALSO AVAILABLE

PARTY ITEMS & GIFTS CAN BE FOUND AT UNBEATABLE PRICES



LARGEST RANGE OF SCHOOL BAGS & ACCESSORIES

Mro. G. Giardini Vella Street, Victoria, VCT 108, Gozo - Malta

(near water works department)

Tel / Fax: 21 556431 Mob: 9949 0663

www.gozocathedral.org.mt

J. de Bono Printing Press Ltd. Nadur Tel: 21 552219, 79 5522